# SOLUZZJONIJIET GĦALL-KRIŻIJIET



**RAPPORT TAL-ATTIVITÀ 2020**

Bank Ewropew tal-Investiment

il-bank tal-UE

IL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT

# SOLUZZJONIJIET GĦALL-KRIŻIJIET

RAPPORT
TAL-ATTIVITÀ
2020



Bank Ewropew
tal-Investiment
il-bank tal-UE

**Rapport tal-Attività tal-Bank Ewropew tal-Investiment 2020**

**© Bank Ewropew tal-Investiment, 2021.**
98 -100, boulevard Konrad Adenauer
L-2950 Luxembourg
+352 4379-1
info@eib.org
www.eib.org
twitter.com/eib
facebook.com/europeaninvestmentbank
youtube.com/eibtheeubank

Kull dritt riżervat.
Kwalunkwe mistoqsija dwar drittijiet u liċenzjar għandha tiġi indirizzata lil publications@eib.org

Għal aktar informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-BEI, jekk jogħġbok ikkonsulta s-sit web tagħna, www.eib.org
Tista' tikkuntattjana wkoll fuq info@eib.org. Irċievi n-newsletter elettronika tagħna fuq www.eib.org/sign-up

Ippubblikat mill-Bank Ewropew tal-Investiment.

Stampat fuq Munken Polar, bouffant 1.13, FSC® Mix blanc.

Il-BEI juża karta ċċertifikata mill-Forest Stewardship Council (FSC). Għaliex huwa magħmul minn persuni li jogħġbuhom is-siġar.
L-FSC jippromwovi ġestjoni tal-foresti tad-dinja li hija soda ambjentalment, benefiċjali soċjalment u vijabbli ekonomikament.

Kollha kemm aħna nafu li l-qari tajjeb għalik. Huwa tajjeb ukoll għall-pjaneta — sakemm tkun qed taqra fuq il-karta t-tajba.

Stampat minn Imprimerie Centrale

print: QH-BF-21-001-MT-C ISBN 978-92-861-4888-0 ISSN 2599-6789 doi:10.2867/770776
pdf: QH-BF-21-001-MT-N ISBN 978-92-861-4870-5 ISSN 2599-7017 doi:10.2867/8253

MIX
From responsible sources
FSC® C103749
www.fsc.org

## KIF GĦANDU JINQARA R-RAPPORT

L-irkupru mill-impatt ekonomiku tal-COVID-19 huwa urġenti, iżda jrid ikun irkupru ekoloġiku u jrid ikun ġust għan-nies fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. **DAN IR-RAPPORT JAGĦTI PROMINENZA LIR-RISPONS TA' EMERĠENZA TAL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT GĦALL-COVID-19 FL-2020, FLIMKIEN MAL-INVESTIMENTI FIL-KLIMA, L-AMBJENT U L-IŻVILUPP LI BIHOM IL-BANK SE JMEXXI RITORN SOSTENIBBLI LEJN IT-TKABBIR.**

**IL-PORZJON ĊENTRALI TAR-RAPPORT HUMA MAGĦMUL MINN TLIET TAQSIMIET TEMATIĊI**, li jiffokaw fuq xi wħud mis-soluzzjonijiet tal-Bank għall-kriżi tal-COVID-19, id-degradazzjoni tal-klima u tal-ambjent, u l-ħtieġa għal żvilupp sostenibbli. Dawn it-taqsimiet "Soluzzjonijiet" jibdew b'ilħna minn madwar il-Bank, persunal ewlieni li jispjegaw kif il-BEI wieġeb għal sena ta' kriżijiet u qiegħed il-pedamenti għal innovazzjoni u tkabbir futuri. Il-ġrajjiet li ġejjin jippreżentaw il-ħidma tal-Bank fl-innovazzjoni, l-infrastruttura, l-SMEs, u l-klima u l-ambjent fl-Unjoni Ewropea (UE) u lil hinn mill-fruntieri tal-UE.

**IL-KUMPLAMENT TAR-RAPPORT JIPPROVDI L-KUNTEST GĦAL DAWN IS-SOLUZZJONIJIET**. Mill-ħsieb strateġiku tal-Kelmtejn Qabel tal-President sad-*data* dwar it-tislif u s-self tal-Bank u ħarsa lejn is-sena li ġejja fil-punti ewlenin tal-Pjan tal-Operat tal-Grupp.

**IR-RAPPORT JIRRAKKONTA L-ĠRAJJA TA' ISTITUZZJONI FINANZJARJA LI HIJA IMPENJATA F'KULL LIVELL – MINN APPOĠĠ GĦAL SELF MIKRO GĦAL PROGRAMMI TA' ŻVILUPP MULTILATERALI – BIEX ISSIB SOLUZZJONIJIET GĦALL-KRIŻIJIET TA' MADWARNA.**

# WERREJ


3 KIF GĦANDU JINQARA DAN IR-RAPPORT

6 KELMTEJN QABEL EVIDENZA LI L-EWROPA TWETTAQ

8 PUNTI EWLENIN TAL-2020 L-GĦOTI TA' SELF U *DATA* DWAR L-IMPATT

10 IL-BEI F'PAJJIŻEK L-GĦOTI TA' SELF SKONT IL-PAJJIŻ

12 IL-FEIS F'PAJJIŻEK IL-FOND EWROPEW GĦALL-INVESTIMENTI STRATEĠIĊI (FEIS) SKONT IL-PAJJIŻ

14 IL-BEI FID-DINJA TIEGĦEK L-GĦOTI TA' SELF BARRA MILL-UNJONI EWROPEA

16 SOLUZZJONIJIET GĦALL-COVID: IL-BEI JINTENSIFIKA L-ĦIDMA BIEX JAFFRONTA L-PANDEMIJA

18 RISPONS RAPIDU: IL-FOND TA' GARANZIJA PAN-EWROPEW

20 ITTRATTA, ITTESTJA, LAQQAM: INVESTIMENTI EWLENIN F'VAĊĊINI, TERAPIJI U TESTIJIET TAL-COVID-19.

24 "IL-PROVIDENZA, ĦAĠA SABIĦA": APPOĠĠ GĦALL-KRIŻI TAL-COVID-19 GĦAL NEGOZJI ŻGĦAR TALJANI

26 GĦAJNUNA VITALI GĦAL SPANJA TAT-TRAMUNTANA: APPOĠĠ GĦALL-KRIŻI TAL-COVID-19 GĦAL NEGOZJI ŻGĦAR SPANJOLI

28 LURA GĦALL-PRINĊIPJI BAŻIĊI: INVESTIMENTI FIL-KURA TAS-SAĦĦA FL-UNGERIJA U R-REPUBBLIKA ĊEKA

30 SOLUZZJONIJIET GĦALL-KLIMA: L-ESPERTI TAGĦNA JEVALWAW L-ISFIDA TAT-TIBDIL FIL-KLIMA

32 PJAN GĦALL-PJANETA: IL-PJAN DIREZZJONALI TAL-BANK GĦALL-KLIMA

34 META R-RIĦ MA JONFOĦX: BATTERIJI INNOVATTIVI ŻVEDIŻI GĦAD-DJAR U L-KAROZZI

36 X'NESA MONTY PYTHON DWAR IL-LUPINI: FOND ĊIRKOLARI TAL-BIJOEKONOMIJA

37 SOSTENIBBILTÀ FL-ISPAZJU: *DATA* DWAR IT-TIBDIL FIL-KLIMA U TEKNOLOĠIJA TAL-ISPAZJU ĠDID FL-ITALJA

38 AZZAR EKOLOĠIKU, AZZAR ĊIRKOLARI: DEKARBONIZZAZZJONI TAL-AZZAR U BIJOKARBURANT FIL-BELĠJU

40 SIGRIETI LI JRIDU JINKIXFU: STUDJI DWAR IT-TIBDIL FIL-KLIMA U D-DIŻASTRI NATURALI FIL-GREĊJA

42 PJAN GĦALL-ĦAJJA: TFASSIL MILL-ĠDID TAL-IŻVILUPP URBAN F'BARĊELLONA

43 PATT EKOLOĠIKU FL-AZZJONI: IL-POLONJA TINGĦATA SPINTA GĦALL-ENERĠIJA RINNOVABBLI

44 SOLUZZJONIJIET GĦALL-IŻVILUPP: L-ASPETT GLOBALI

46 GĦAJNUNA VELOĊI: AZZJONI GĦALL-COVID-19 FIS-SISTEMA TAS-SAĦĦA TAL-MAROKK

49 ĦARSIEN TAL-ĦOLM TAT-TFAL: FIL-KLASSI FIL-MAROKK U T-TUNEŻIJA

50 SOLIDARJETÀ BIL-VAĊĊIN: SEHEM ĠUST TAL-VAĊĊIN TAL-COVID-19 GĦALL-AFRIKA

53 IT-THEDDIDA INFETTIVA L-OĦRA: VAĊĊIN TAT-TUBERKULOŻI GĦAD-DINJA LI QED TIŻVILUPPA

55 ĠOBON MILL-GEORGIA B'TOGĦMA ŻVIZZERA: FINANZJAMENT TAL-UE GĦAL ĠAR TAL-LVANT

56 TFAL DIĠITALI: IT-TEKNOLOĠIJA TITTRASFORMA L-ISKEJJEL SERBI

58 PUNTI EWLENIN DWAR IS-SELF

60 GOVERNANZA U PJAN TAL-OPERAT TAL-GRUPP

62 XI JMISS? X'JISTENNEW LI JARAW PERSUNAL TAL-BEI EWLENIN FIS-SETTURI JEW FIS-SWIEQ TAGĦHOM FL-2021

# KELMTEJN QABEL
# EVIDENZA LI L-EWROPA TWETTAQ

Meta ġie ffaċċjat bl-isfida immedjata tal-pandemija tal-COVID-19, il-Bank Ewropew tal-Investiment aġixxa b'mod deċiżiv biex jipproteġi l-impjiegi, jappoġġa lill-industriji milquta mill-kriżi u jgħin jassorbi x-xokk ekonomiku l-aktar vjolenti. B'dan, ma naqqasniex l-impenn tagħna għall-battalja fuq terminu twil kontra t-theddida tal-klima. Użajna l-esperjenza u l-kompetenza esperta tagħna biex ninkorporaw l-għanijiet tal-klima tagħna fix-xibka tas-sigurtà tagħna għall-pandemija. Mhu fl-interess ta' ħadd li sempliċement nibnu mill-ġdid. Permezz tal-BEI, l-Ewropa u d-dinja jistgħu jibnu mill-ġdid b'mod aħjar.

Fl-2020, iġġilidna kontra l-COVID-19 innifsu, b'investimenti f'kumpaniji li kienu qed jagħmlu riċerka dwar testijiet, terapiji u vaċċini, inkluża BioNTech tal-Ġermanja, li pproduċiet l-ewwel vaċċin approvat. Il-finanzjament tagħna appoġġa sistemi tas-saħħa f'pajjiżi mal-Unjoni Ewropea kollha u sostna l-iżvilupp ta' teknoloġiji ewlenin li se jqassru l-pandemija. Ikkonfrontajna l-impatt tal-marda fuq l-ekonomija b'firxa ta' miżuri immedjati biex tiġi injettata likwidità fl-ekonomija b'mod partikolari għal negozji żgħar, anke waqt li konna qed inħejju l-Fond ta' Garanzija pan-Ewropew li huwa aktar komprensiv.

Għall-kuntrarju ta' xokkijiet preċedenti, din il-kriżi oriġinat fl-ekonomija reali, mhux fis-setturi finanzjarji jew sovrana. Miljuni ta' ditti li kienu perfettament f'saħħithom f'daqqa waħda ġarrbu problemi bil-likwidità minħabba l-lockdowns. Il-Fond ta' Garanzija pan-Ewropew jappoġġa l-investiment fl-ekonomija reali u għaldaqstant diġà qed jgħin biex jiżgura li ditti f'saħħithom (u l-impjiegi li jipprovdu) huwa ssalvagwardjati – u li l-problemi tagħhom ma jimxux lejn is-settur tal-banek u b'riżultat ta' dan, lejn il-karti tal-bilanċ tas-settur pubbliku.

Bħala l-akbar mutwanti u mutwatarju multilaterali fid-dinja, għamilna dan kollu waqt li qgħadna ferm attenti għall-implikazzjonijiet tal-investiment tagħna għall-isfidi li se jibqgħu hemm wara l-COVID-19. U għamilna dan b'perspettiva globali. L-investiment tagħna huwa sostenibbli u ekoloġiku, b'battalja kontra l-pandemija hekk kif qegħdin inqiegħdu wkoll il-pedamenti għal deċennju kruċjali fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Isseħibna ma' multilaterali u investituri oħrajn biex niżguraw li soluzzjoni għall-COVID-19 tiġi maqsuma mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw ukoll, fejn approvajna ftehim ta' €400 miljun ma' COVAX, inizjattiva globali li tippromwovi l-aċċess ugwali għal vaċċin fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Din kienet responsabbiltà morali, u hija wkoll kontribut ewlieni għall-kisba ta' Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU.

Fl-iżvilupp ukoll, irridu li x-xewqa li jinħolqu l-impjiegi u t-tkabbir tmur id f'id ma' approċċ serju għall-investiment fil-klima. Wara kollox, l-azzjoni għall-klima tal-UE tagħna mhix se twaqqaf it-tisħin globali waħedha, minħabba li 90% tal-emissjonijiet huma ġġenerati barra mill-Unjoni Ewropea. Jekk, pereżempju, it-talba dejjem tikber għall-enerġija fl-Afrika tiġi indirizzata permezz ta' impjanti li jaħdmu bil-faħam u bil-gass, l-ambizzjonijiet għall-klima tagħna se jispiċċaw fix-xejn.

Firxa ekwa ta' investiment mhijiex biss kwistjoni tat-Tramuntana u n-Nofsinhar globali. Il-konverġenza reġjonali fi ħdan l-Unjoni Ewropea naqset fis-snin riċenti, b'mod partikolari bejn iż-żoni urbani u rurali. Neħtieġu niżguraw li l-COVID-19 ma tenfasizzax dan id-distakk. Bl-istess mod bħall-COVID-19 u t-tibdil fil-klima, l-investimenti tagħna fil-koeżjoni huma mmirati lejn gwadann ekonomiku immedjat u sostenibbiltà fuq terminu twil. It-"tranżizzjoni ġusta", li tagħti spinta lir-reġjuni li qed jitbiegħdu minn industriji li jniġġsu, tagħmel sens assolut fis-suq. Agħtu ħarsa lejn ir-rekord tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS), il-pilastru finanzjarju tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, li fl-2020 irnexxielu jikkonkludi l-mixja tiegħu ta' ħames snin lejn aktar minn €500 miljun f'investiment appoġġat. Il-FEIS huwa mmexxi bis-sħiħ mis-suq, iżda l-aqwa ħames riċevituri tas-self tal-BEI appoġġati mill-garanzija tal-FEIS, mkejla kontra l-PDG, huma l-Estonja, il-Greċja, il-Bulgarija, il-Portugall u l-Latvja. Erbgħa minn għaxar operazzjonijiet tal-FEIS mill-BEI jinsabu f'żoni tal-Koeżjoni. Meta s-sostenn tagħna offra opportunità, ir-reġjuni tal-Koeżjoni rrispondew bi proġetti

# KELMTEJN QABEL MILL-PRESIDENT



**"Il-BEI issa huwa l-ewwel bank tal-iżvilupp multilaterali li mhu se jonfoq ebda flus – żero – fuq xi ħaġa li għandha impatt negattiv fuq il-klima."**

bankabbli. Il-FEIS immobilizza investimenti mal-Ewropa kollha li inkella kienu jkunu riskjużi wisq. Il-FEIS juri kif l-investiment fis-settur privat jista' jiġi appoġġat bi nfiq pubbliku relattivament baxx. Dan huwa importanti għat-tranżizzjoni ġusta u huwa esperjenza utli li se titwettaq permezz tal-Faċilità ta' Rkupru u Reżiljenza, il-programm ta' stimulu tal-COVID-19 tal-Unjoni Ewropea.

Fl-2020, il-fokus tagħna fuq id-deċennju kruċjali li ġej għall-klima ma naqasx. Il-Pjan Direzzjonali għall-Klima, approvat mill-Bord tagħna f'Novembru, jispjega l-parametri kkomplikati kollha tal-ħidma tagħna għall-klima għall-2021-2025. Dan id-dokument innovattiv jenfasizza l-impenn tagħna biex nallinjaw il-ħidma kollha tagħna mal-Ftehim ta' Pariġi. Il-BEI issa huwa l-ewwel bank tal-iżvilupp multilaterali li mhu se jonfoq ebda flus – żero – fuq xi ħaġa li għandha impatt negattiv fuq il-klima. Il-BEI huwa l-bank tal-klima tal-UE, u l-akbar taqsima ta' dan ir-Rapport tal-Attività turi l-ħidma tagħna kontra t-tisħin globali.

L-innovazzjoni hija fattur ewlieni għall-ambizzjonijiet tagħna ta' azzjoni għall-klima. Ma nistgħux niddependu fuq il-mudelli tan-negozju attwali biex niksbu t-tnaqqis enormi fl-emissjonijiet li huwa neċessarju biex nissodisfaw l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. Neħtieġu żidiet enormi fl-użu tal-enerġija rinnovabbli eżistenti u t-teknoloġiji tal-effiċjenza fl-enerġija, kif ukoll l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda għall-klima. Iżda kwalunkwe tnaqqis fir-ritmu ekonomiku jifleġ l-investiment f'teknoloġija ġdida minħabba li huwa perċepit bħala riskjuż u mhux essenzjali. Ma setax ikun żmien agħar minn dan għal kriżi fl-innovazzjoni. L-Ewropa u d-dinja jeħtieġu aktar minn qatt qabel dak li toffri t-teknoloġija: it-tħarbit tal-istatus quo u tkabbir aċċelerat u esponenzjali.

Hawn fil-BEI, qed nagħmlu l-parti tagħna biex immantnu l-investiment fl-innovazzjoni. Meta nipprovdu finanzjament fuq żmien fit-tul u nnaqqsu r-riskju fl-investiment, aħna nippromwovu ambjent tas-suq aktar prevedibbli għal teknoloġiji ġodda u sostenibbli. Ma nqisux is-suċċess tagħna skont l-ammont ta' flus li nisilfu. Aħna nfittxu l-impatt, il-kontributi għall-bidliet strutturali meħtieġa fl-ekonomija tal-Ewropa u l-avvanzi fil-prosperità u s-sikurezza tan-nies ordinarji madwar id-dinja. Il-Bank Ewropew tal-Investiment huwa evidenza li l-Ewropa twettaq.

**Werner Hoyer**

# PUNTI EWLENIN 2020

## GRUPP TAL-BEI

| | |
|---|---|
| FIREM TOTALI TAL-COVID-19 | €25.5 bn |

## IL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT
## ATTIVITÀ FL-2020

| | |
|---|---|
| **PROĠETTI APPROVATI** | **€82.8 bn** |
| L-Unjoni Ewropea | €69.8 bn |
| Barra mill-UE | €13 bn |
| **FIREM** | **€66.1 bn** |
| L-Unjoni Ewropea | €56.8 bn |
| Barra mill-UE | €9.3 bn |
| **ŻBORŻI** | **€57.8 bn** |
| L-Unjoni Ewropea | €51.6 bn |
| Barra mill-UE | €6.2 bn |
| **RIŻORSI MIĠBURA** (QABEL L-ISWAPS) | **€70 bn** |
| Muniti ewlenin (€, GBP, USD) | €63 bn |
| Muniti oħrajn | €7 bn |

## L-impatt tal-BEI

| | |
|---|---|
| **425 000** | Numru ta' SMEs/ kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja appoġġati* |
| **4.2 miljun** | Numru ta' impjiegi sostnuti fl-SMEs/ kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja* |
| **10 100 MW, 83% minn enerġija rinnovabbli** | Kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-elettriku |
| **29 100 km** | Linji tal-elettriku mibnija /aġġornati |
| **8.6 miljun** | Djar li jistgħu jiġu pprovduti bl-elettriku |
| **7 miljun** | Arloġġi intelliġenti tal-enerġija installati |

*Numru ta' impjiegi sostnuti f'SMEs jirreferi għan-numru ta' impjegati f'SMEs/kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja li ġew allokati finanzjament tal-BEI fl-2020 u n-numru ta' impjegati f'SMEs li ġew allokati finanzjament tal-FEI minn Ottubru 2019 sa Settembru 2020.

Il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI), parti mill-Grupp tal-BEI, jispeċjalizza fil-finanzjament ta' riskju biex jappoġġa intrapriżi ta' daqs mikro, żgħir u medju u biex jistimula t-tkabbir u l-innovazzjoni mal-Ewropa kollha. Dan jipprovdi finanzjament u kompetenza esperta għal operazzjonijiet ta' investiment u garanziji sodi u sostenibbli. L-azzjonisti tal-FEI jinkludu l-BEI, il-Kummissjoni Ewropea, banek pubbliċi u privati u istituzzjonijiet finanzjarji.

## IL-FOND EWROPEW TAL-INVESTIMENT

## ATTIVITÀ FL-2020

| | |
|---|---|
| **FIREM** | **€12.9 bn** |
| Ekwità | €3.6 bn |
| Garanziji | €9.1 bn |
| Mikrofinanzjament | €0.2 bn |

**65 900** — Unitajiet domestiċi f'akkomodazzjoni soċjali u affordabbli ġodda jew rinnovati

**280 miljun** — Numru ta' nies li se jingħataw il-vaċċin tal-COVID-19

**29.6 miljun** — Popolazzjoni b'ilma tajjeb għax-xorb aktar

**1.8 miljun** — Popolazzjoni li qed taffaċċja riskju ta' għargħar

**380 miljun** — Vjaġġi annwali addizzjonali fuq trasport pubbliku ffinanzjat mill-BEI

**145 000 ettaru** — Żoni ta' foresti ġodda mħawla

Iċ-ċifri huma l-eżiti mistennija ta' operazzjonijiet ġodda ffinanzjati ffirmati fl-2020 għall-ewwel darba abbażi tad-*data* disponibbli f'dan l-istadju.
Iċ-ċifri kollha mhumiex verifikati u huma proviżorji.

# IL- GRUPP TAL-BEI F'PAJJIŻEK




Kuluri aktar skuri jfissru investiment ogħla bħala persentaġġ tal-PDG.



IL-FINLANDJA
€ 1.10 biljun 0.47% tal-PDG
L-IŻVEZJA
€ 2.38 biljun 0.51% tal-PDG
L-ESTONJA
€ 0.67 biljun 2.48% tal-PDG
IL-LATVJA
€ 0.08 biljun 0.27% tal-PDG
IL-LITWANJA
€ 0.99 biljun 2.04% tal-PDG
IL-POLONJA
€ 5.21 biljun 1.01% tal-PDG
IL-ĠERMANJA
€ 6.90 biljun 0.21% tal-PDG
IR-REPUBBLIKA ĊEKA
€ 1.38 biljun 0.66% tal-PDG
IS-SLOVAKKJA
€ 0.21 billion 0.23% tal-PDG
L-AWSTRIJA
€ 1.79 biljun 0.48% tal-PDG
L-UNGERIJA
€ 0.77 biljun 0.57% tal-PDG
IR-RUMANIJA
€ 0.81 biljun 0.38% tal-PDG
IS-SLOVENJA
€ 0.25 biljun 0.55% tal-PDG
IL-KROAZJA
€ 0.53 biljun 1.09% tal-PDG
IL-BULGARIJA
€ 0.44 biljun 0.75% tal-PDG
L-ITALJA
€ 11.92 biljun 0.73% tal-PDG
IL-GREĊJA
€ 2.81 biljun 1.71% tal-PDG
€ 0.24 biljun 1.16% tal-PDG
ĊIPRU
MALTA
€ 0.03 biljun 0.25% tal-PDG

# IL-FEIS F'PAJJIŻEK

SAL-31 TA' DIĊEMBRU 2020




Iċ-ċifri ppreżentati huma mit-tnedija tal-FEIS. Aktar mhu skur il-kulur, aktar mhu għoli l-investiment relatat mal-FEIS immobilizzat meta mqabbel mal-PDG (abbażi tal-approvazzjonijiet).




Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) huwa inizjattiva mnedija b'mod konġunt mill-Grupp tal-BEI u l-Kummissjoni Ewropea sabiex jingħeleb id-distakk tal-investiment fl-UE. B'garanzija mill-baġit tal-UE, il-FEIS għandu l-mira li jiftaħ investiment addizzjonali ta' mill-inqas €500 biljun sal-2020. Din il-mira nkisbet is-sajf li għadda. Fil-31 ta' Diċembru 2020, l-investiment addizzjonali kien ta' €547 biljun.

# IL-BEI FID-DINJA TIEGĦEK





## L-ASJA, L-ASJA ĊENTRALI U L-AMERIKA LATINA **€1.47 biljun**

L-EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles
AKP: L-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku
PTEE: Pajjiżi u Territorji extra-Ewropej

Il-Bank Ewropew tal-Investiment ma japprovax, ma jaċċettax jew ma jiġġudikax l-istatus legali ta' kwalunkwe territorju, konfini, kulur, denominazzjoni jew informazzjoni murija fuq din il-mappa.

Wara s-sanzjonijiet tal-UE kontra s-Sirja f'Novembru 2011, il-BEI ssospenda kull attività ta' self u konsulenza fil-pajjiż. Madankollu, il-BEI jagħmel parti mill-grupp tad-donaturi ewlenin tas-Sirja fejn jissorvelja s-sitwazzjoni taħt it-tmexxija konġunta tal-UE u n-NU.

SOLUZZJONIJIET GĦALL-COVID

# IL-BEI JINTENSIFIKA L-ĦIDMA BIEX JAFFRONTA L-PANDEMIJA

Din il-pandemija teħtieġ li tiġi affrontata mill-angoli differenti kollha. Huwa vitali li nipprovdu lill-pajjiż bil-mezzi u t-tagħmir biex jikkuraw il-pazjenti infettati, filwaqt li individwi infettati jkunu jistgħu jiġu identifikati b'mod preċiż u rapidu. Il-vaċċin jipprovdi l-aħjar protezzjoni fuq żmien fit-tul, iżda għad hemm ħtieġa għolja mhux sodisfatta għal għażliet tat-trattament u titjib fis-sitwazzjoni fl-isptarijiet tal-pajjiżi l-aktar milquta.

**Felicitas Riedl,** Kap tax-Xjenzi tal-Ħajja, Direttorat tal-Proġetti

Permezz ta' portafoll tat-tip ta' ekwità diretta fix-xjenzi tal-ħajja ta' €1.5 biljun li jappoġġa aktar minn 60 kumpanija Ewropej ferm innovattivi tal-bijoteknoloġija u tat-teknoloġija medika, il-BEI huwa l-akbar attur fl-Ewropa. Meta l-pandemija laħqet l-Ewropa u beda l-lockdown, aħna malajr stabbilejna kuntatti fi ħdan in-network eżistenti tagħna, fejn tfaċċaw bosta proġetti tal-COVID-19, b'istituzzjonijiet ewlenin bħall-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, il-Gates Foundation u l-Wellcome Trust, u b'inizjattivi ġodda fil-vaċċini, it-trattamenti jew l-għodod dijanjostiċi. Nistgħu nkunu kburin talli appoġġajna proġetti bħall-BioNTech, il-kumpanija li qiegħda fuq quddiem fid-dinja fl-iżvilupp tal-vaċċin tal-COVID-19, u CureVac, żviluppatur promettenti ieħor tal-vaċċini, kif ukoll kumpaniji li qed jaħdmu fuq il-COVID-19 fi Franza, il-Ġermanja u l-Polonja.

**Yu Zhang,** Kap tax-Xjenzi tal-Ħajja u l-Bijoteknoloġija, Direttorat tal-Attivitajiet

Il-COVID-19 jittestja r-reżiljenza tal-pajjiżi, ir-reġjuni, il-bliet u l-komunitajiet. Neħtieġu nibqgħu attenti għall-isfidi tal-koeżjoni u nimpedixxu kull profondiment tal-inugwaljanzi. Malajr mexxejna pjan ta' appoġġ biex inkunu nistgħu nissodisfaw il-ħtiġijiet ta' finanzjament l-aktar urġenti tar-reġjuni u l-muniċipalitajiet. Billi għarafna r-rwol ewlieni li għandhom il-bliet u r-reġjuni fil-mitigazzjoni tal-effetti tal-pandemija, stabbilejna miżuri eċċezzjonali biex napprovaw u nqassmu self ġdid aktar malajr u biex nippermettu self eżistenti biex jintuża b'mod aktar flessibbli jew jiżdied. It-timijiet ta' konsulenza tagħna mmobilizzaw biex jappoġġaw pajjiżi u reġjuni fl-ipprogrammar u l-ottimizzar tal-infiq relatat mal-COVID-19.

**Leonard Reinard,** Kap tal-Iżvilupp Reġjonali, Direttorat tal-Proġetti

Il-COVID-19 kien it-test tas-sopravivenza aħħari għal bosta mill-kumpaniji Ewropej bi tkabbir veloċi fl-attivitajiet tagħna, sew direttament billi kellu impatt fuq il-mudelli tan-negozju tagħhom jew billi affettwa l-aċċess tagħhom għal finanzjament minn partijiet terzi. Kellna nibdlu l-metodi tal-operat malajr. L-istrateġija tagħna kienet sempliċi u effettiva: l-ewwel nett, nipprovdu appoġġ immedjat u sostanzjali lil kumpaniji tal-bijoteknoloġija u tax-xjenzi tal-ħajja li kienu qed jindirizzaw il-COVID-19 b'mod dirett, u mbagħad nappoġġaw innovazzjonijiet li jżidu r-reżiljenza tal-ekonomiji tal-Istati Membri. Diġà fl-ewwel nofs tas-sena, irnexxielna nittripplaw il-finanzjament dirett tagħna tad-dejn ta' riskju għall-kumpaniji tal-bijoteknoloġija u tax-xjenzi tal-ħajja. Appoġġajna kumpaniji li kienu qed iniedu innovazzjonijiet diġitali għat-traċċar tal-kuntatti, il-pagamenti bil-mowbajl u d-diġitalizzazzjoni tal-mudelli tan-negozju tagħhom. Ninsabu kuntenti li rnexxielna niżguraw appoġġ suffiċjenti mill-Istati Membri biex anke nżidu l-investimenti tagħna f'kumpaniji innovattivi fl-oqsma tal-intelliġenza artifiċjali, l-industrija 4.0, il-bijoteknoloġija, ix-xjenzi tal-ħajja u l-effiċjenza fl-enerġija.

**Hristo Stoykov,** Kap tal-Finanzjament għat-Tkabbir u d-Dejn ta' Riskju, Direttorat tal-Attivitajiet

Ninsabu kburin li appoġġajna lil BioNTech, l-ewwel vaċċin tal-COVID-19 disponibbli fis-suq. Dan kien bis-saħħa tad-dedikazzjoni tal-esperti tas-saħħa tagħna, li ħadmu lejl u nhar matul il-kriżi biex jagħrblu l-aħjar riċerka possibbli tal-vaċċin fost għadd ta' kandidati. Qed nappoġġaw ukoll firxa ta' vaċċini u trattamenti oħrajn b'riżultati promettenti ħafna.

**Christopher Hurst,** Direttur Ġenerali, Direttorat tal-Proġetti

Il-kriżi tal-COVID-19 qed ikollha impatt qawwi fuq l-ekonomija tal-UE u fil-pajjiżi fejn il-BEI jopera barra mill-Unjoni Ewropea. Il-BEI aġixxa malajr fir-rispons tiegħu, biex jindirizza l-ħtiġijiet għal-likwidità tal-kontropartijiet tagħna. Hekk kif il-kriżi tevolvi, il-likwidità mhijiex biss l-unika kwistjoni li neħtieġu nindirizzaw. Il-kriżi qed tisforza bidla strutturali u se teħtieġ tfassil mill-ġdid sostanzjali, fejn il-kliem "intelliġenti", "ekoloġiku" u "sostenibbli" jsiru kliem essenzjali. Sabiex nadattaw għan-normal il-ġdid, l-investiment huwa meħtieġ, għalhekk l-appoġġ għall-finanzjament fl-investiment, ir-ristrutturar u t-trasformazzjoni se jsiru ferm aktar importanti milli l-immaniġġjar tal-likwidità.

**Debora Revoltella,** Direttriċi, Dipartiment tal-Ekonomija, Segretarjat Ġenerali

L-esperti għadhom qed ifittxu li jifhmu kemm se tkun mifruxa l-ħerba kkawżata mill-pandemija, iżda hemm ħaġa waħda ċerta: l-irkupru se jkun ekoloġiku. L-isforzi kollha tagħna għal enerġija u trasport aktar nodfa, id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija peżanti u l-effiċjenza fl-enerġija jikkontribwixxu għal dan l-objettiv. Nimmiraw li niżviluppaw soluzzjonijiet għall-finanzjament biex jitrawwem investiment għall-klima u biex jiġu indirizzati l-ostakli ewlenin tiegħu. Bis-saħħa tal-prodotti ta' finanzjament tagħna b'impatt tematiku, qegħdin nikkatalizzaw il-bidla ekoloġika li l-Unjoni Ewropea teħtieġ, minħabba li proġetti ewlenin innovattivi jistgħu jgħollu l-livell għal industrija sħiħa.

**Gilles Badot,** Kap tal-Finanzjament għall-Infrastruttura u l-Klima, Direttorat tal-Attivitajiet

# RISPONS RAPIDU

## Il-Fond ta' Garanzija pan-Ewropew isostni lin-negozji ż-żgħar milquta mill-kriżi tal-COVID-19. Hekk kif garanzija oħra ttemm timmobilizza aktar minn €500 biljun f'investimenti

Meta tingħeleb il-pandemija tal-COVID-19, ġisimna se jżomm traċċi tal-virus li nkunu salvajna minnu. Jista' jingħad l-istess għall-ekonomija tagħna. U hekk kif naġixxu kollha flimkien b'solidarjetà biex nipproteġu lil xulxin permezz tat-tbegħid soċjali, l-aħjar mod biex nirritornaw lura lejn il-prosperità hija billi ssir kampanja kbira kkoordinata bil-parteċipazzjoni ta' bosta nazzjonijiet tal-UE.

L-akbar parti tar-rispons tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment għall-pandemija hija l-Fond ta' Garanzija pan-Ewropew (FGE), li għandu l-għan li juża sa €25 biljun f'garanziji pprovduti minn Stati Membri kontribwenti tal-UE biex jistimulaw il-finanzjament fil-pajjiżi parteċipanti sa tmiem l-2021. Il-biċċa l-kbira ta' dik is-somma se tappoġġa intrapriżi ta' daqs żgħir u medju, u xi ftit minnha hija intenzjonata għal kumpaniji ftit aktar kbar u entitatjiet tal-kura tas-saħħa, u se tiġi pprovduta permezz ta' finanzjament ta' dejn, kif ukoll bħala kapital ta' riskju jew ta' tkabbir.

Il-Fond ta' Garanzija huwa impenn enormi. Iżda l-Grupp tal-BEI jinsab fiduċjuż li jista' jwettaq l-isfida. Nistgħu nirreferu għas-suċċess tar-rispons preċedenti tagħna għall-kriżi, il-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS), programm ta' garanzija ta' ħames snin li kien għaddej sat-tmiem tal-2020 u li qabeż sew il-mira tiegħu ta' €500 biljun f'investiment appoġġat. "Hemm il-livell ta' ambizzjoni biex l-ekonomija Ewropea tingħata spinta sew," jgħid Wilhelm Molterer, id-Direttur Amministrattiv tal-FEIS. "Jekk tixtieq tagħmel impatt kbir, trid toħloq programm kbir u tiġri bih."

L-FGE żgur li jagħmel dan. U fi żmien ferm veloċi wkoll. "Mandat ta' dan id-daqs normalment jieħu mill-inqas sentejn biex jitħejja, iżda fassalnih f'sitt xhur," tgħid Ioanna-Victoria Kyritsi, li tmexxi l-implimentazzjoni tal-FGE fil-Bank Ewropew tal-Investiment. "Din xi ħaġa inkredibbilment ambizzjuża u ġdida għall-Bank. Huwa strument għall-kriżi. Qegħdin tassew nippruvaw nagħmlu differenza enormi għall-partijiet affettwati fl-Istati Membri."

**Allura kif jaħdem il-Fond ta' Garanzija pan-Ewropew?** Huwa ftit simili bħall-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi, fejn permezz ta' garanzija mill-baġit tal-UE, il-BEI jkun jista' jinvesti f'kumpaniji li inkella setgħu jkunu wisq riskjużi. Fil-każ tal-Fond ta' Garanzija, il-BEI jieħu ħafna aktar riskju. Bis-self tal-FEIS, il-Grupp tal-BEI pprovda appoġġ mingħajr preċedent għan-negozji ż-żgħar, billi qasam ir-riskju ta' finanzjament ġdid mal-imsieħba lokali mal-Ewropa kollha. Permezz tal-FGE, il-Grupp tal-BEI jkompli jaħdem permezz tal-imsieħba lokali biex jilħaq benefiċjarji fil-mira. Jista' jerfa' l-akbar sehem tar-riskju ta' tislif ġdid lil benefiċjarji ġodda, abbażi tal-garanziji pprovduti mill-Istati Membri parteċipanti. Il-FGE jmantni kundizzjonijiet ekwi bejn il-pajjiżi Ewropej li jistgħu joffru xibka ta' sikurezza nazzjonali soda u oħrajn b'kapaċità aktar limitata.

Il-FGE huwa simili għall-FEIS billi juża garanzija pubblika biex jimmobilizza ammont ferm akbar ta' finanzjament milli jista' jingħata minn għotjiet pubbliċi waħedhom. Madankollu, huwa differenti mill-FEIS, billi l-kunċett ġie adattat biex jindirizza kriżi urġenti. "Il-FGE jinvolvi l-provvediment ta' likwidità fi kriżi," jgħid Marcus Schluechter, konsulent għad-Direttur Amministrattiv tal-FEIS. "Jinvolvi entitajiet fundamentalment vijabbli affettwati mit-tħarbit ekonomiku minħabba l-kriżi tas-saħħa biex ikunu jistgħu jħallsu l-kontijiet tagħhom u jgħaddu mit-taqlib attwali, biex ikunu jistgħu jerġgħu jieqfu fuq saqajhom meta s-sitwazzjoni tistabbilizza."

# SOLUZZJONIJIET GĦALL-COVID

> "Jinvolvi sensibilizzazzjoni mifruxa biex jiġu appoġġati intrapriżi ta' daqs żgħir u medju fis-setturi kollha."

## Rispons ta' emerġenza

Hekk kif il-pandemija nfirxet fir-rebbiegħa, in-negozji ż-żgħar mal-Ewropa kollha ngħalqu bil-lockdowns. Il-Fond ta' Garanzija primarjament għandu l-mira li jgħinhom, b'mill-inqas 65% tal-investiment tiegħu intenzjonat biex jappoġġa negozji ta' daqs żgħir u medju (SMEs). Il-Grupp tal-BEI nieda wkoll firxa ta' programmi ta' emerġenza:

- €10 biljun ta' kapital operatorju addizzjonali permezz ta' linji ta' likwidità lill-banek
- €10 biljun ta' self lill-SMEs permezz ta' programmi ta' xiri ta' titoli ggarantiti b'assi
- €8 biljun ta' finanzjament permezz ta' skemi ta' garanzija għal avvanz immedjat
- €6.7 biljun ta' finanzjament għal proġetti relatati mal-COVID-19 barra mill-Unjoni Ewropea
- €6 biljun ta' finanzjament għal investimenti fl-infrastruttura tal-kura tas-saħħa u l-iżvilupp ta' vaċċini u mediċini

L-Istati Membri kollha tal-UE ġew mistiedna jikkontribwixxu għall-Fond ta' Garanzija abbażi tas-sehem tal-kapital tal-BEI tagħhom. Il-garanzija tammonta għal kważi €25 biljun. "Jinvolvi sensibilizzazzjoni mifruxa biex jiġu appoġġati l-SMEs mas-setturi kollha," jgħid Piotr Stolowski, li jmexxi l-implimentazzjoni tal-FGE fil-FEI.

## Il-legat tal-FEIS

Il-FGE huwa wieħed mill-għadd ta' programmi żviluppati b'rispons għall-COVID-19 meta l-Kummissjoni Ewropea ngħaqdet mal-Istati Membri tal-UE u l-istituzzjonijiet Ewropej biex tħejji pakkett ta' għajnuna veloċi u sostanzjali għan-negozji milquta ħażin mill-pandemija. Sadanittant, il-FEIS kien diġà qed jaħdem, billi immedjatament iggarantixxa mijiet ta' miljuni ta' euro f'finanzjament għal proġetti fil-ġlieda kontra l-pandemija, inkluż €100 miljun għall-BioNTech tal-Ġermanja għall-programm tagħha tal-vaċċin tal-COVID-19.

Oriġinarjament intenzjonat biex jaffronta ċ-ċirkostanzi ta' investiment baxx li ġew wara l-kriżi finanzjarja deċennju ilu, il-FEIS żviluppa f'għodda flessibbli biex jaffronta xokk f'daqqa bħall-COVID-19 jew kriżi usa' bħat-tibdil fil-klima. Is-suċċess tiegħu huwa msejjes madwar il-kunċett li, aktar milli juża flejjes pubbliċi għal għotjiet, approċċ fis-suq jista' jattira investiment privat fi proġett flimkien mal-BEI u għaldaqstant jimmultiplika l-impatt tal-garanzija pubblika oriġinali għal bosta drabi.

Il-FEIS qabeż il-mira ddikjarata tiegħu li jappoġġa €500 biljun fl-investiment sitt xhur qabel iż-żmien, anke waqt li adatta għall-impatt tal-COVID-19 fuq l-ekonomija tal-Ewropa. "Stajna nipprovdu malajr likwidità li kienet meħtieġa b'mod urġenti biex nappoġġaw kumpaniji milquta mill-pandemija kif ukoll nipprovdu finanzjament għal kumpaniji li kienu qed jaħdmu fuq l-iżvilupp ta' trattamenti u vaċċini," tgħid Ilijana Tsanova, il-Viċi Direttur Amministrattiv tal-FEIS. "Il-flessibbiltà hija essenzjali għas-suċċess."

# ITTRATTA, ITTESTJA, LAQQAM

**Investimenti ewlenin jappoġġaw firxa sħiħa ta' risponsi mediċi u tal-bijoteknoloġija għall-pandemija b'vaċċini, terapiji u dijanjostika tal-COVID-19.**

Il-COVID-19 huwa marda qarrieqa. Jiżgiċċa fil-qalba tal-popolazzjoni u jinħeba fil-persuni li ma jkollhom l-ebda sintomu. Jinganna fid-dehra tiegħu bħala riħ komuni jew allerġija. Jekk jirnexxilna neħilsu minnu b'testijiet tajbin, inwaqqfu t-tixrid b'vaċċini ġodda u nfejqu lill-morda b'terapiji innovattivi, il-pandemija tintemm.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment qed jappoġġa bosta kumpaniji li qed jaħdmu lejl u nhar biex il-kriżi tintemm. BioNTech, ibbażata f'Mainz, il-Ġermanja, resqet fuq quddiem tal-grupp fit-tiġrija biex tiġi solvuta waħda mill-aktar sfidi tal-umanità, fi sħubija ma' Pfizer, id-ditta farmaċewtika Amerikana. Il-bank tal-UE ffirma ftehim ta' €100 miljun mal-kumpanija f'Ġunju 2020. Dan l-investiment u oħrajn imsemmija f'dan ir-rapport huma appoġġati minn programmi bħal InnovFin u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, li jappoġġaw proġetti innovattivi ta' riskju ogħla,

"L-aħjar kontribut li nistgħu nagħmlu fil-ġlieda kontra l-COVID huwa li ngħinu lil kumpaniji li qed jiżviluppaw vaċċini, trattamenti jew soluzzjonijiet dijanjostiċi ġodda," jgħid Gergely Krajcsi, uffiċjal għall-investiment mal-Bank Ewropew tal-Investiment li ħadem fuq il-ftehim tal-BioNTech u tranżazzjonijiet simili oħrajn. "Għamilna minn kollox biex nappoġġaw lil BioNTech, minħabba li, biex ikunu realistiċi, il-COVID mhux se jisparixxi waħdu."

## Intraċċa, waqqaf, ikkura

Fil-bidu tal-kriżi, il-persunal tal-Bank Ewropew tal-Investiment iddeċieda li jaħdem fuq l-emerġenza tas-saħħa u t-tnaqqis ekonomiku fl-istess ħin. Il-Bank ta l-appoġġ tiegħu lil kumpaniji tal-bijoteknoloġija u l-mediċini fi tliet setturi ewlenin: il-vaċċini, it-terapiji u d-dijanjostika. Il-mira: li jiġu ntraċċati l-infezzjonijiet, li jitwaqqaf it-tixrid tal-marda u li tingħata kura lil dawk li jimirdu.

F'April, il-Bank approva €5 biljun f'finanzjament ġdid biex tiġi appoġġata azzjoni urġenti f'oqsma bħall-kura tas-saħħa u l-innovazzjoni medika għall-COVID-19. Minn dakinhar, aktar minn 40 kumpanija u proġett tal-bijoteknoloġija jew tal-mediċini ġew approvati għal finanzjament mill-BEI li jiswa madwar €1.2 biljun. Il- Bank Ewropew tal-Investiment qed jappoġġa wkoll programmi globali biex jitqassmu l-vaċċini tal-COVID-19, speċjalment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Il-Bank approva ftehim ta' €400 miljun ma' COVAX, inizjattiva globali appoġġata minn mijiet ta' pajjiżi, is-settur privat u organizzazzjonijiet filantropiċi għall-promozzjoni ta' aċċess ugwali għal vaċċin.

## Reviżjoni ta' kumpaniji fil-ġlieda kontra l-COVID-19

Fil-bidu tal-kriżi, il-Bank irreveda l-portafoll ta' self tiegħu tal-ftehimiet eżistenti u fittex ukoll kumpaniji ġodda li setgħu jeħtieġu għajnuna addizzjonali. Żewġ kumpaniji li ġew identifikati kienu BioNTech u CureVac. Il-BEI kienet l-ewwel istituzzjoni finanzjarja li appoġġat ir-riċerka tal-BioNTech dwar il-coronavirus. Sadanittant, CureVac, li tispeċjalizza fit-trattament ta' mard rari, f'Lulju ffirmat self ta' €75 miljun mal-Bank biex tespandi l-kapaċitajiet tal-produzzjoni fis-sit tagħha f'Tübingen, fil-Ġermanja tal-Lbiċ.

> **"L-għan tal-BEI huwa li jiġu aċċelerati bosta kandidati promettenti għal produzzjoni fuq skala kbira u provvista globali."**

**Il-vaċċini ta' CureVac u BioNTech huma bbażati fuq teknoloġija li qatt ma ntużat qabel f'vaċċini kummerċjali. Jistgħu jkunu rivoluzzjonarji għal vaċċini futuri.** It-teknika tieħu materjal ġenetiku mhux infettiv imsejjaħ RNA messaġġier u tinjettah fiċ-ċelloli tal-muskolu. Il-vaċċin jidħol f'dawk iċ-ċelloli u jġegħelhom jipproduċu proteina li tixbah l-ispiki tal-coronavirus il-ġdid. Din il-proteina l-ġdida tqanqal lis-sistema immunitarja biex tipproduċi antikorpi u tattiva ċelloli T biex tiġġieled il-virus, jekk il-persuna tkun esposta għalih.

"Il-vaċċini tal-RNA messaġġier huma versatili billi jistgħu jiġu adattati malajr għal mutazzjonijiet fil-virus," tgħid Anna Lynch, esperta fix-xjenzi tal-ħajja mal-Bank Ewropew tal-Investiment. "Il-vaċċini ta' CureVac u BioNTech jistgħu jiġu mmodifikati fi ftit ġimgħat biex jolqtu virus mutat jekk meħtieġ."

### Dejn ta' riskju vitali

L-investituri privati spiss joqogħdu lura mill-vaċċini, minħabba li huwa diffiċli li jiġi previst is-suċċess tagħhom. L-appoġġ tal-Bank għal BioNTech u CureVac juri kif id-dejn ta' riskju minn bank pubbliku huwa importanti biex jgħin lill-kumpaniji jkunu innovattivi fis-settur tal-mard infettiv, tgħid Cristina Niculescu, esperta oħra fix-xjenzi tal-ħajja mal-Bank Ewropew tal-Investiment. L-Ebola, is-SARS u issa l-COVID-19 kollha kienu allarm għal tħejjija u investiment għall-pandemiji. **Hekk kif is-setturi privati u pubbliċi jżidu l-appoġġ, aktar minn 200 vaċċin kandidat laħqu xi stadju ta' żvilupp madwar id-dinja. Bosta huma mistennija li jiġu approvati sa tmiem is-sena.** "L-għan tal-BEI hawn huwa li jiġu aċċelerati bosta kandidati promettenti għal produzzjoni fuq skala kbira u provvista globali," tgħid Niculescu. "Sadanittant għandna bosta nies morda ħafna, għalhekk neħtieġu wkoll soluzzjonijiet terapewtiċi li għandhom fil-mira pazjenti fl-isptarijiet u nizguraw li ma jsirux każijiet severi tal-COVID."

Özlem Türeci, il-kap uffiċjal mediku f'BioNTech, tgħid li bis-suċċess bikri tal-vaċċin tagħha llum huwa possibbli li jkollna t-tama. "Ma naħsibx li nistgħu ngħidu li l-pandemija għaddiet", hija żżid tgħid, "iżda dan jista' jkun kontribut għall-bidu tat-tmiem."

### Dejjem se neħtieġu t-terapiji

Is-self tal-BEI qed jappoġġa kumpaniji terapewtiċi ewlenin: Atriva, Immunic, AB Science u Pluristem. Il-prodotti tal-COVID-19 tal-kumpaniji huma mfassla biex jittrattaw lill-persuni wara li jkunu infettati, speċjalment jekk ikollhom imorru l-isptar.

Il-kandidat mediċinali ewlieni ta' Atriva, ATR-002, għandu l-mira li jnaqqas il-piż virali tal-viruses RNA bħall-COVID-19 u l-influwenza, u jxekkel it-tixrid ta' infezzjonijiet respiratorji severi. Il-mediċina, meħuda bħala pillola, uriet riżultati promettenti fil-provi preklinici. Tista' toffri għajnuna ferm meħtieġa għall-persuni li għandhom sintomi tal-coronavirus li jeħtieġu li jiddaħħlu l-isptar. It-terapija ta' Atriva tittratta żewġ aspetti tal-coronavirus: din twaqqaf il-virus milli jirreplika u timpedixxi reazzjoni żejda tas-sistema immuna tal-

ġisem. "Nemmnu li dan l-approċċ doppju jista' jkun estremament effettiv," jgħid Olaf Althaus, il-kap uffiċjal finanzjarju tal-kumpanija, li f'Ottubru ffirma self tal-BEI ta' €24 miljun. "Ninsabu ottimisti ħafna dwar il-potenzjal tal-ATR-002 fil-ġlieda kontra l-pandemija."

**L-għan ta' Atriva huwa li tiżviluppa mediċina antivirali b'azzjoni mifruxa li tkun effettiva wkoll kontra mutazzjonijiet ġodda tal-COVID-19 jew viruses RNA ġodda li jistgħu jwasslu għal tfaqqigħ futur.**

Self ieħor f'Ottubru ngħata lil Immunic, li qed tuża €24.5 miljun mill-BEI biex taħdem fuq terapija simili, IMU-838. Din il-mediċina, f'forma ta' pillola wkoll, għandha azzjoni mifruxa ta' benefiċċji antivirali. L-IMU-838 bħalissa għaddejja prova tal-fażi 2 f'pazjenti tal-COVID-19 li qegħdin l-isptar b'mard moderat. Il-mediċina qed tiġi ttestjata wkoll fuq mard kroniku infjammatorju u awtoimmuni, bħal sklerożi multipla. "Kellna idea fi Frar, hekk kif il-pandemija laħqet skala globali, li l-mediċina tagħna setgħet taħdem kontra l-COVID-19," tgħid Hella Kohlhof, il-kap uffiċjal xjentifiku ma' Immunic.

L-IMU-838 ta' Immunic għandha l-mira li tnaqqas is-severità tal-infezzjonijiet bħall-COVID-19 b'bosta modi. Timpedixxi r-replikazzjoni tal-virus. Imbagħad tinduċi immunità innata u, fl-aħħar nett, tista' tgħin lis-sistema immunitarja tal-ġisem tevita reazzjoni żejda għal infezzjonijiet severi. Taħdem qisha għalliem, fejn tagħti istruzzjonijiet liċ-ċelloli tal-ġisem. **"Meta ċ-ċelloli f'ġisimna jiġu infettati b'virus u l-virus irid jirreplika, għandha dawn iċ-ċelloli ġenerużi ħafna f'ġisimna li jgħidu, 'Mhix problema, se nattiva mekkaniżmu ġdid biex insostni l-ħtieġa tal-virus,'" tgħid Kohlhof. "Il-virus qed japprofitta mill-ġenerożità taċ-ċelloli.** L-IMU-838 tista' timblokka dan il-mekkaniżmu billi tinibixxi l-enzima li ssostni l-produzzjoni taċ-ċelloli ġenerużi."

AB Science ta' Franza f'Novembru ffirmat ftehim ta' €15-il miljun biex tavvanza l-iżvilupp kliniku tal-mediċina tagħha masitinib. Il-mediċina tista' tgħin lill-persuni li qed isofru minn mard li jhedded il-ħajja relatat mal-coronavirus, inkluża dik l-imsejħa tempesta taċ-ċitokina, fejn is-sistema immunitarja tirreaġixxi żżejjed għall-infezzjoni. "Ir-riċerka ta' AB Science jista' jkollha benefiċċji għal mard infjammatorju, mard newrodeġenerattiv, mard infettiv u l-kanċer," jgħid Yu Zhang, maniġer fix-xjenzi tal-ħajja u l-bijoteknoloġija mal-Bank Ewropew tal-Investiment. "L-appoġġ tagħna għall-kumpanija jista' jikber fil-futur."

Il-kumpaniji terapewtiċi jittamaw li r-riċerka tagħhom tindirizza firxa wiesgħa ta' mard. Huma jgħidu li t-terapiji tagħhom se jkunu meħtieġa għal żmien twil, anke jekk il-vaċċini jirnexxu. "L-ewwel nett, mhux kulħadd se jkun irid li jitlaqqam," jgħid Althaus ta' Atriva. **"It-tieni nett, dejjem se jkun hemm każijiet fejn il-vaċċini ma jaħdmux jew ma jistgħux jintużaw. Meta ġiet introdotta l-airbag, l-ambulanzi xorta kienu meħtieġa."**

**"Il-ħin huwa essenzjali. Qisna qegħdin f'gwerra."**

## Ċelloli tal-plaċenta terapewtiċi

Il-kumpanija Iżreaeljana Ġermaniża Pluristem, li f'April iffirmat ftehim ta' finanzjament ta' €50 miljun mal-BEI, qed tieħu rotta differenti għat-terapija. **Il-kumpanija qed tuża ċelloli tal-plaċenta, li huma ċ-ċelloli l-aktar potenti fil-ġisem uman, biex tittratta infezzjonijiet severi**. Pluristem tkabbar iċ-ċelloli mill-plaċenta f'bijoreattur 3D li jimita l-kundizzjonijiet tal-ġisem uman. Meta jiġu injettati fil-pazjenti, iċ-ċelloli l-ġodda jgħinu lill-ġisem jiġġenera mill-ġdid. It-terapija tista' tgħin lil pazjenti li jsofru minn komplikazzjonijiet tal-coronavirus – ipertensjoni pulmonarja, fibrożi tal-pulmuni, jew ġrieħi akuti gastrointestinali jew tal-kliewi.

Il-plaċenti jinġabru wara l-ħlas ta' trabi f'saħħithom ta' terminu sħiħ minn nisa taħt il-35 sena li jagħmlu operazzjoni ċesarja elettiva. "Dawk iċ-ċelloli mbagħad jistgħu jintużaw għall-ġid tal-bniedem," jgħid Auvo Kaikkonen, speċjalista anzjan fix-xjenzi tal-ħajja mal-Bank.

Waħda mill-bosta tagħlimiet mil-lockdowns tal-COVID-19 kienet l-importanza tat-traċċar u r-rintraċċar tat-tixrid tal-marda. L-investiment tal-Bank l-aktar riċenti fl-ittestjar kien fi Scope Fluidics tal-Polonja. Il-kumpanija żviluppat sistema veloċi għas-sejba tal-patoġeni u l-batterji virali. F'Settembru l-BEI approva self ta' €10 miljun għal Scope Fluidics. Imsejħa PCR/One, is-sistema kompletament awtomatizzata tal-kumpanija tista' tidentifika – fi 15-il minuta – sa 20 patoġenu u batterji reżistenti għall-mediċina. L-eżattezza tas-sistema tfisser li t-tobba ma jkollhomx jistennew jiem sħaħ għat-testijiet biex jidentifikaw il-każijiet tal-COVID. Dan ifisser ukoll li n-nies jistgħu jiġu ttestjati aktar sikwit. "Il-vantaġġ ewlieni tat-test tagħna huwa l-veloċità," jgħid Piotr Garstecki, kap eżekuttiv ta' Scope Fluidics. "Il-ħin huwa essenzjali. Qisna qegħdin f'gwerra."

It-testijiet veloċi tal-coronavirus tal-lum għandhom reputazzjoni għal ineżattezzi, minħabba li jittestjaw għal antikorpi tal-COVID-19. Il-problema hija li xi nies li huma infettati jista' għad ma jkollhomx antikorpi. Dan jista' jwassal għal riżultat falz. **L-eżattezza tat-testijiet PCR ta' Scope Fluidics hija kważi 100%.** "Hemm domanda enormi għal dan it-tip ta' tagħmir," tgħid Anna Stodolkiewicz, l-uffiċjal għas-self tal-BEI li qed taħdem fuq il-proġett. "It-test PCR huwa kompatt, komprensiv ħafna. Jista' jintuża f'ajruporti, stazzjonijiet tal-ferrovija, kullimkien."

L-ittestjar se jibqa' kruċjali minkejja li waslu l-vaċċini tal-coronavirus. Partijiet kbar tal-popolazzjoni mhux se jingħataw it-tilqima fl-ewwel ċiklu, li jfisser aktarx li l-coronavirus se jkompli jiċċirkola fuq firxa wiesgħa. Scope Fluidics tistenna li s-sistema tagħha tingħata approvazzjoni temporanja mir-regolaturi Ewropej sa tmiem is-sena. **"Anke ttestjar massiv", jgħid Garstecki, "huwa opzjoni aħjar ekonomikament mil-lockdowns."**

# “IL-PROVIDENZA, ĦAĠA SABIĦA”

**Il-Bank Ewropew tal-Investiment issieħeb mal-bank promozzjonali nazzjonali biex iġib it-tama li tingħeleb il-kriżi tal-coronavirus għal negozji żgħar Taljani.**

Meta kien tifel, Giuliano Annigliato kien jilgħab bil-buttuna tas-sett tat-televiżjoni, sempliċement għall-gost li jaqleb bejn wieħed u l-ieħor miż-żewġ kanali disponibbli dak iż-żmien. Forsi kien inevitabbli li jsib ruħu jaħdem mar-radju u t-televiżjoni lokali f’Bagnoli, il-viċinat tiegħu tal-klassi tal-ħaddiema barra minn Napli.

Iżda dejjem ftakar ukoll kif kien ħassu meta missieru miet b’attakk ta’ qalb. Fl-età ta’ 19-il sena, kienet daqqa ta' ħarta kbira, uġigħ ta’ qalb uniku. Il-fabbrika fejn kien jaħdem missieru offrietlu impjieg, iżda huwa qal: “Le, grazzi. Se nfendi waħdi.” U wara deċennju fil-media, huwa għamel dan, billi stabbilixxa l-aġenziji tar-reklamar A&C Network u Uno Outdoor.

**Għal tliet deċennji, in-negozju ta’ Annigliato kiber fid-daqs u fl-ambizzjoni, u sostna r-restawr ta’ monumenti f’Napli u bnadi oħra b’idea innovattiva li ffrankat il-flus għall-muniċipalità. Iżda meta l-virus tal-COVID-19 inxtered mal-Italja f’Marzu, dan laqat in-negozju ta’ Annigliato wkoll** – il-biċċa l-kbira tal-klijenti tiegħu kienu fis-settur tal-ħwejjeġ, wieħed mis-settur l-aktar milquta ħażin mill-pandemija.

It-tama feġġet b’riżultat ta’ **finanzjament ta’ €1.5 biljun għal negozji żgħar Taljani mill-Bank Ewropew tal-Investiment, l-ewwel rispons immedjat tiegħu għall-COVID-19 u l-akbar appoġġ tiegħu għal kwalunkwe pajjiż waħdieni waqt il-pandemija**. Fi sħubija ma’ Cassa Depositi e Prestiti (CDP), il-bank promozzjonali nazzjonali tal-Italja, il-BEI appoġġa self ta’ €2.3 miljun lil Annigliato minn Monte dei Paschi di Siena, l-eqdem bank fid-dinja.

“Ninsabu spalla ma’ spalla ma’ negozji żgħar u mikronegozji Taljani,” tgħid Claudia Barone, uffiċjal għas-self mal-Bank Ewropew tal-Investiment li ilu jagħmel parti minn dan ir-rispons rapidu sa mill-bidu tal-kriżi. Approvati f’April mill-bord tal-Bank Ewropew tal-Investiment, sa Lulju aktar minn €600 miljun kienu diġà ġew żborżati lil negozji żgħar.

### L-istorja ta’ Napli ppreżervata

Jekk tkun Napli u tinzerta billboard enormi imgeżwer madwar il-faċċata ta’ monument, hemm ċans li Giuliano Annigliato kien il-moħħ wara din l-idea kreattiva: “Dawn ir-reklami jħallsu għar-restawr tal-binjiet storiċi.” Obeliski, funtani u monumenti jattiraw l-attenzjoni tal-kumpaniji u n-negozji, inklużi Original Marines, Burger Italy, Liu Jo, u Enrico Coveri. Dawn il-kumpaniji għandhom “tieqa għar-reklamar” temporanja f’Napli, filwaqt li l-monumenti jiġu rrestawrati mingħajr ebda spiża għall-belt.

Bl-istorja rikka ta’ Napli, hemm ħafna xogħol ta' restawr xi jsir. Madankollu, fil-quċċata tal-pandemija fl-Italja f’Marzu u April, Annigliato bilkemm kellu negozju. **Anke l-flus li kien warrab għall-emerġenzi ma kinux ikunu biżżejjed biex iħallas lis-36 impjegat tiegħu għal żmien twil. Annigliato kellu diġà skema temporanja ta’ assenza bil-permess għal xi wħud minnhom.**

> **"Mas-CDP, immobilizzajna l-enerġiji rispettivi tagħna, fejn ħdimna bħala tim uniku għall-benefiċċju tan-negozji żgħar Taljani."**

Imbagħad, fl-aħħar ta' April, meta l-piż tad-dinja donnu waqa' kollu fuqu, **Annigliato ngħata xi likwidità tant meħtieġa mill-Bank Ewropew tal-Investiment permezz ta' CDP u Monte dei Paschi di Siena. B'din l-għajnuna, seta' jaċċetta bi pjaċir ordni kbira online minn Rossignol, id-ditta ikonika Franċiża.** "Kienet providenza, ħaġa sabiħa," jgħid Annigliato, leħnu mqanqal mimli entużjażmu, iżda li juri wkoll is-soljev ta' raġel li kien fuq ix-xwiek.

Annigliato issa qed jiftaħ għas-suq online, biex isib kanali oħrajn fejn ikun jista' joffri l-prodotti ġodda tiegħu. Jekk il-kriżi għalmitna xi ħaġa, huwa jgħid, din hija li m'għandniex nitilfu opportunità. "Illum huwa l-virus, għada jkun xi ħaġa oħra. Dik hi l-ħajja. U meta sseħħ xi ħaġa fil-ħajja, sempliċement ikollok taffrontaha."

### Żgħar wisq u wisq riskjużi? L-ebda problema

Annigliato jqabbel il-kriżi tal-pandemija ma' gwerra li rridu niġġieldu b'passjoni, flessibbiltà, razzjonalità u reżiljenza. Mingħajr dawn l-ingredjenti, l-attività konġunta bejn il-Bank Ewropew tal-Investiment u Cassa Depositi e Prestiti lanqas ma kienet isseħħ. Bħala msieħba fuq terminu twil, iż-żewġ istituzzjonijiet igawdu fehim profond u għani, li jirriżulta f'sikurezza u kumdità. **"Mas-CDP, immobilizzajna l-enerġiji rispettivi tagħna, fejn ħdimna bħala tim uniku għall-benefiċċju tan-negozji żgħar Taljani,"** tgħid Barone mill-BEI. "Dan kien jeħtieġ ħafna ħidma, inkluż is-semplifikazzjoni ta' proċeduri twal u kkumplikati," hija żżid tgħid.

Ir-riżultat huwa impressjonanti. **Il-BEI jappoġġa l-istrument tas-CDP "Pjattaforma għan-Negozji" b'termini favorevoli. Is-CDP jgħaddi l-fondi b'self lil intermedjarji finanzjarji bħal Monte dei Paschi di Siena, li min-naħa tagħhom isostnu lil intraprendituri bħal Annigliato.** Bis-sħubija mas-CDP, il-finanzjament tal-BEI jista' jilħaq banek li normalment ma jkollhomx aċċess għat-termini favorevoli tiegħu billi huma żgħar wisq jew wisq riskjużi. Billi s-CDP ma jieħu l-ebda qligħ, Annigliato u l-intraprendituri żgħar l-oħra jgawdu l-benefiċċju sħiħ tar-rati tal-imgħax favorevoli tal-BEI.

Issa Annigliato qed jistenna bil-ħerqa li jirrestawra l-Maschio Angioino, il-kastell medjevali fil-qalba ta' Napli u simbolu tal-belt. It-turretti tiegħu raw bosta pesti jeqirdu lil Napli u għadhom hemm. Bis-saħħa tal-kooperazzjoni bejn is-CDP u l-BEI, l-istess se jiġri għan-negozji ta' Annigliato.

# GĦAJNUNA VITALI GĦAL SPANJA TAT-TRAMUNTANA

**Bank Katalan jimmira li jgħin 50 000 persuna biex iżommu l-impjiegi tagħhom, iħallsu l-kontijiet u jibqgħu għaddejjin matul ir-reċessjoni ekonomika tal-coronavirus.**

Il-COVID-19 ta daqqa kbira lil ħafna setturi tal-ekonomija, iżda b'mod partikolari l-kumpaniji li jiddependu fuq it-turiżmu jew l-ivvjaġġar qed ibatu. Għal ħafna minnhom, il-finanzjament appoġġat mill-Bank Ewropew tal-Investiment kien salvazzjoni. "Nemmnu li sal-2021 l-affarijiet se jmorru għall-aħjar, iżda rridu naħdmu ħafna fil-ftit snin li ġejjin u noqogħdu attenti għall-ispejjeż," jgħid Rafael Ruiz, kap uffiċjal finanzjarju ta' Barcelona Technical Center, ditta tal-inġinerija f'Martorell, fil-Lbiċ ta' Barċellona, li għandha 148 impjegat u tiddisinja prodotti għas-setturi tal-karozzi, tal-ajrunawtika u tal-ferroviji.

> "Qed ngħinuhom jibdew mudelli tan-negozju ġodda li jistgħu jniedu l-attivitajiet tagħhom u jagħtu spinta lill-ekonomija."

Il-kumpanija ta' Ruiz ħadet self ta' €950 000 mill-Institut Català de Finances, imsejjaħ ukoll l-ICF, il-Bank pubbliku Katalan għan-negozji żgħar u l-intraprendituri. "Billi rċevejna dan is-self, stajna nkomplu nħallsu s-salarji u nkopru impenji oħrajn, minkejja t-tnaqqis fil-proġetti," jgħid Ruiz.

**L-għajnuna finanzjarja tal-Barcelona Technical Center kienet possibbli b'self ta' €250 miljun li l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirma mal-ICF. Is-self se jgħin sa 48 000 persuna fil-ħwienet, it-turiżmu, il-catering, il-kultura u bosta setturi oħrajn biex iħallsu l-kontijiet u jfasslu pjanijiet tan-negozju ġodda. Il-bank tal-UE u l-ICF ilhom jaħdmu flimkien biex jappoġġaw eluf ta' negozji żgħar fir-reġjun sa mill-2008.**

"Qegħdin fuq allert kontinwu għal sinjali ta' rkupru," jgħid Rafel Niubò, is-segretarju ġenerali ta' Eurofitness, kumpanija f'Barċellona li timmaniġġja u tibni ċentri tal-fitness u l-isports madwar Spanja kollha. Eurofitness kellhom żmien iebes waqt il-pandemija u ħafna gyms kienu magħluqin. Niubò qed jara xi sinjali inkoraġġanti, iżda l-għan tiegħu issa huwa sempliċement li jżomm il-kumpanija għaddejja. Eurofitness, li għandha 327 impjegat, ħadet self tal-ICF ta' €1 miljun. B'din l-għajnuna, evitat li tnaqqas is-salarji, li tkeċċi persunal jew li tnaqqas is-servizz għall-klijenti.

**Madwar 2 000 kumpanija jistgħu jikkwalifikaw għal self minn dan il-finanzjament tal-Bank Ewropew tal-Investiment. Billi juża s-self tal-BEI u l-investimenti minn sorsi pubbliċi u privati oħrajn, l-ICF jippjana li jipprovdi sa €1 biljun disponibbli biex jgħin lil negozji żgħar jgħaddu mill-kriżi.**

### Mudelli tan-negozju ġodda biex nirrispondu għall-kriżi

Josep-Ramon Sanromà, kap eżekuttiv tal-bank pubbliku Katalan, jgħid li l-persunal tiegħu kien qed jaħdem b'mod intensiv biex joffri soluzzjonijiet ta' finanzjament ġodda lill-intraprendituri. "Il-kriżi kellha impatt qawwi fuq in-negozji fil-Katalonja waqt il-lockdown," huwa jgħid. "Il-kumpaniji kienu pparalizzati, il-bejgħ naqas u n-negozji ġew orjentati mill-ġdid biex jirrispondu għall-miżuri tas-

> **Il-BEI qed jappoġġa negozji żgħar fi Spanja aktar minn qatt qabel. Qed naħdmu mill-qrib mal-intermedjarji tagħna biex nilħqu kemm nistgħu ħafna kumpaniji.**

sikurezza l-ġodda. Ħafna minnhom, speċjalment dawk li jaħdmu għal rashom u ditti żgħar, jeħtieġu aktar appoġġ finanzjarju. Qed ngħinuhom jibdew mudelli ta' negozju ġodda li jistgħu jniedu mill-ġdid l-attivitajiet tagħhom u jagħtu spinta lill-ekonomija."

Il-prodott gross domestiku u r-rati tal-impjieg ta' Spanja naqsu sostanzjalment fl-2020. L-ekonomija tagħha tiddependi ferm aktar minn pajjiżi Ewropej oħra fuq it-turiżmu u t-tranżazzjonijiet immobiljari, żewġ setturi li għandhom diffikultajiet kbar minħabba l-COVID-19. Spanja qed tibda tirkupra u l-PDG tagħha huwa mistenni li jitla' fl-2021, skont il-Fond Monetarju Internazzjonali. "L-impatt ekonomiku kien sever fil-pajjiż, iżda ftit ftit qed nibdew naraw xaqq ta' dawl," jgħid Alex Saz-Carranza, uffiċjal għas-self mal-Bank Ewropew tal-Investiment li qed jaħdem fuq it-tranżazzjonijiet biex tingħata spinta f'bosta partijiet ta' Spanja. "Il-BEI qed jappoġġa negozji żgħar fi Spanja aktar minn qatt qabel. Qed naħdmu mill-qrib mal-intermedjarji tagħna biex nilħqu kemm nistgħu ħafna kumpaniji biex intaffu l-effett ekonomiku kkawżat mill-pandemija u biex in-negozji jkunu jistgħu jibqgħu miftuħin u jżommu l-impjiegi."

## Rispons rapidu għall-kriżi tal-coronavirus

**Dan il-ftehim ta' self tal-Bank Ewropew tal-Investiment mal-ICF kien wieħed mill-ewwel minn bosta ftehimiet kbar approvati taħt programm tal-Grupp tal-BEI ta' €5 biljun biex jgħin lin-negozji Ewropej jiġġieldu kontra l-kriżi. Il-Bank Ewropew tal-Investiment approva dan il-ftehim Spanjol fi ftit xhur taħt proċedura aċċelerata biex jgħin lil ditti żgħar malajr.**

Il-finanzjament addizzjonali wasal f'waqtu għal kumpaniji bħal Atrápalo, aġenzija tal-ivvjaġġar online bbażata f'Barċellona li timpjega 220 persuna. Atrápalo ħadet self ta' €500 000 mill-bank pubbliku Katalan biex jgħinha tħallas lill-persunal tagħha u tħejji għall-imprevist. "Hemm ħafna inċertezza dwar il-ġejjieni," jgħid Luis Alonso, kap uffiċjal finanzjarju ta' Atrápalo. "Ma nafux meta jew kemm malajr l-ivvjaġġar, it-turiżmu u l-attivitajiet rikreattivi se jirkupraw, iżda b'dan is-self issa nistgħu nimmaniġġjaw dawn l-inċertezzi u npattu għat-tnaqqis fl-attività matul il-pandemija."

# LURA GĦALL-PRINĊIPJI BAŻIĊI

**F'qasam li normalment huwa ta' teknoloġija għolja u innovattiv, fl-2020 l-awtoritajiet tas-saħħa mal-Ewropa kollha tħabtu biex jiffinanzjaw provvisti mediċi bażiċi, filwaqt li oħrajn fittxew soluzzjonijiet sempliċi għal żidiet qawwija fl-infezzjonijiet tal-COVID-19**

F'Marzu, il-belt ta' Kiskunhalas fl-Ungerija tan-Nofsinhar rat li r-rata tal-infezzjonijiet tal-COVID-19 tagħha setgħet issir diffiċli wisq biex is-servizzi tas-saħħa taż-żona jkunu jistgħu jikkontrollawha, u għalhekk il-gvern iddeċieda li jibni sptar mobbli. "Inbena fi ftit ġimgħat biss biex jirrispondi għall-mewġa fl-għadd ta' każijiet li ddaħħlu l-isptar fiż-żona," jgħid Gabor Kiss, uffiċjal għas-self mal-Bank Ewropew tal-Investiment li ħadem fuq il-finanzjament għal Kiskunhalas u provvisti mediċi ta' emerġenza oħrajn għall-COVID-19 fl-Ungerija.

L-Isptar Mobbli Epidemiku ta' Kiskunhalas, li tlesta f'April, għandu kapaċità għal 150 pazjent u huwa mfassal speċifikament biex jittratta lil dawk li qed isofru mill-COVID-19 li jeħtieġu kura intensiva. "Dan jgħin ukoll biex il-virus ma jinxteridx," enfasizzat Tunde Szabo, l-ekonomista tas-saħħa tal-Bank. "Is-servizzi tas-saħħa lokali jistgħu jisseparaw il-pazjenti tal-coronavirus minn pazjenti oħrajn, biex għaldaqstant jitnaqqas ir-riskju ta' infezzjonijiet tal-COVID-19 li jittieħdu mill-isptar."

Il-Bank Ewropew tal-Investiment tipikament jappoġġa l-innovazzjoni medika – mill-finanzjament ta' infrastruttura ta' sptarijiet għal apparat mediku u innovazzjoni bijoteknoloġika u l-iżvilupp ta' vaċċini tal-COVID-19. Iżda, f'sena li kienet differenti minn kwalunkwe sena oħra, ma kienx in-nuqqas ta' teknoloġija jew ta' għodod innovattivi li nħass l-aktar mill-isptarijiet u l-ħaddiema tal-kura tas-saħħa, speċjalment fl-ewwel xhur tal-pandemija. Minflok, il-gvernijiet batew biex jipprovdu tagħmir essenzjali biex jipprevjenu t-tixrid tal-marda, kif ukoll l-infrastruttura u l-persunal biex jittrattaw każijiet severi tas-SARS-Cov-2. Għalhekk, ġew għand il-Bank Ewropew tal-Investiment b'talbiet biex jiffinanzjaw ħtiġijiet mediċi ferm aktar bażiċi min-normal.

### 500 mod ta' għajnuna

Il-pajjiżi kellhom jirreaġixxu malajr biex jipprovdu lill-isptarijiet u liċ-ċentri tas-saħħa tagħhom b'tagħmir protettiv essenzjali, inklużi maskri mediċi, ingwanti, prodotti tas-sanitizzazzjoni, u tagħmir meħtieġ speċifikament għal kura kritika relatata mas-SARS-Cov-2, bħal sodod tal-kura intensiva u tagħmir respiratorju.

F'Marzu 2020, għalkemm l-Ungerija ma kinitx fost il-pajjiżi tal-UE milquta l-aktar ħażin, il-gvern xorta kellu bżonn jipproteġi s-saħħa tal-popolazzjoni tiegħu billi jrażżan r-rata tal-infezzjonijiet. Kellu jħejji wkoll għat-tieni mewġa potenzjali ta' infezzjonijiet. Dan kien kruċjali billi l-Ungerija ntlaqtet ħażin ħafna aktar tard fis-sena. **Sabiex jgħin lill-pajjiż jiffinanzja r-rispons ta' emerġenza tiegħu, il-Bank Ewropew tal-Investiment intervjena b'self ta' €162.5 miljun lill-gvern Ungeriż. Iffinanzja kważi 500 tip differenti ta' oġġetti meħtieġa mis-settur tal-kura tas-saħħa biex jiġi evitat it-tixrid tal-marda u biex il-pazjenti jiġu ttrattati b'mod effettiv.**

"Dan kien proġett tal-kura tas-saħħa speċjali għall-Bank," jgħid Szabo mill-Bank. "Il-proġetti tagħna normalment jinvolvu l-modernizzazzjoni ta' sptarijiet u l-innovazzjoni tas-saħħa, iżda dawn huma żminijiet straordinarji. Meta għarafna l-ħtieġa urġenti, kellna nirrispondu malajr biex nappoġġaw lill-Istati Membri tal-UE u ngħinuhom jindirizzaw il-kriżi tal-coronavirus bi kwalunkwe mod li stajna."

Respiraturi, diżinfettanti, maskri, ventilaturi, monitors tal-pazjenti – dawn huma biss xi wħud mill-oġġetti li l-gvern Ungeriż akkwista permezz ta' dan is-self. "Kważi s-self sħiħ mar għal tagħmir u provvisti mediċi meħtieġ għall-operat ta' kuljum taċ-ċentri tas-saħħa matul il-pandemija," jgħid Szabo. It-tagħmir mediku li għadu kif inxtara tqassam madwar l-Ungerija kollha.

## Soluzzjonijiet sempliċi għall-COVID-19 fi proġett ta' sptar Ċek

Ir-rispons Ungeriż għall-kriżi huwa wieħed mill-ħafna proġetti relatati mal-COVID-19 li l-BEI appoġġa fis-sena li għaddiet. L-għadd ta' proġetti tal-kura tas-saħħa fil-Bank ittripplа meta mqabbel mas-sena preċedenti. Il-proġetti tas-settur tas-saħħa tal-2020 tal-Bank, madankollu, ma kinux iffokati biss fuq ir-rispons ta' emerġenza. Minkejja ċ-ċirkostanzi mingħajr preċedent, ma nsejniex l-għanijiet infrastrutturali tagħna għall-kura tas-saħħa fuq terminu twil.

Il-kriżi tal-coronavirus ġebbdet is-servizzi tas-saħħa lokali sal-limiti tagħhom. Il-pandemija esponiet ukoll il-vulnerabbiltajiet tagħhom u n-nuqqas ta' tħejjija. L-inadegwatezzi fi sptarijiet aktar qodma ngħataw prominenza, u l-gvernijiet lokali kienu obbligati li jindirizzawhom. Huwa għalhekk li **l-BEI qed jappoġġa lir-Reġjun tal-Boemja Ċentrali fir-Repubblika Ċeka b'self ta' €48 miljun biex ittejjeb it-tħejjija għall-emerġenzi tagħha u timmodernizza l-infrastruttura tal-kura tas-saħħa, tat-trasport, tal-kura soċjali u tal-edukazzjoni.**

> **"Mhix kwistjoni li nżidu n-numru tas-sodod fl-isptarijiet. Iżda hija kwistjoni li nżidu r-reżiljenza tal-isptarijiet tagħna."**

Aktar minn nofs il-flejjes se jmorru għar-rinnovazzjoni u l-modernizzazzjoni ta' ħames sptarijiet fir-reġjun, kif ukoll għas-servizz tal-ambulanzi tal-Boemja Ċentrali. L-investiment se jirriżulta biex kważi 1.4 miljun persuna fir-reġjun se jkollhom aċċess aħjar għal servizzi tas-saħħa mtejba. "Permezz tal-programm, dawn il-faċilitajiet mediċi se jkunu jistgħu jsiru aktar effiċjenti, itejbu l-kwalità tas-servizzi tagħhom u jikkontribwixxu għal effiċjenza fl-enerġija u tħejjija għall-emerġenzi," jgħid Szabo.

## L-aħjar żmien biex nipprevjenu l-pandemija li jmiss

"Il-mod kif tiġi indirizzata pandemija hija billi ntejbu l-faċilitajiet tas-saħħa eżistenti tagħna," jispjega Szabo. "Ma tinvolvix iż-żieda tan-numru tas-sodod fl-isptarijiet. Pjuttost, tikkonċerna r-reżiljenza tal-isptarijiet tagħna." Dan jista' jsir b'soluzzjonijiet sempliċi bħat-titjib tas-sistemi tal-ventilazzjoni biex jitnaqqsu infezzjonijiet li jittieħdu mill-isptar, u din hija waħda mill-bidliet li saru fl-isptarijiet Ċeki.

"Tikkonċerna wkoll il-kunsiderazzjoni mill-ġdid tas-sistema tal-kura tas-saħħa tagħna," jispeċifika Szabo. "Neħtieġu nżidu l-għadd ta' ċentri għal kura kronika. Kura kronika m'għandhiex tiġi pprovduta fi sptarijiet għal mard akut, billi din hija tip ta' kura li tikkonsma l-aktar riżorsi. Faċilitajiet għal kura kronika mibnija apposta huma ferm aktar effiċjenti u huma aktar faċli biex jiġu adattati għall-kontroll ta' infezzjonijiet." Il-pandemija tal-coronavirus ġegħlitna nħaffu dawn l-iżviluppi – biex nikkunsidraw mill-ġdid l-isptarijiet tagħna u nevalwaw kemm aħna fil-fatt ippreparati. Hekk kif aħna lkoll fehmna aktar x'seħħ din is-sena, issa huwa l-aħjar żmien biex nipprevjenu l-pandemija li jmiss.

SOLUZZJONIJIET GĦALL-KLIMA

# L-ESPERTI TAGĦNA JEVALWAW L-ISFIDA TAT-TIBDIL FIL-KLIMA

B'rispons għall-emerġenza tal-klima globali u b'appoġġ għall-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-BEI stabbilixxa għanijiet għall-klima ambizzjużi u qed jinbidel fil-bank tal-Unjoni Ewropea għall-klima. Fl-istess ħin, hemm dawk li issa jargumentaw li sabiex nikkumbattu l-effetti tal-kriżi tal-COVID-19, l-istimolu għandu jiffoka biss fuq it-tkabbir u l-ħolqien ta' impjiegi. Għall-BEI, l-irkupru huwa ekoloġiku u għandu jressaqna b'mod deċiż lejn emissjonijiet żero netti. Il-Pjan Direzzjonali tal-Bank għall-Klima li se jiggwida l-vjaġġ tagħna lejn l-għanijiet għall-klima tfassal fl-2020. Għaldaqstant l-2021 se tkun l-ewwel sena ta' implimentazzjoni ta' dan il-pjan ta' azzjoni ekoloġiku.

**Elina Kamenitzer,** **Kap tal-Azzjoni għall-Klima u Koordinazzjoni tal-Ambjent, Direttorat tal-Attivitajiet**

Il-pandemija, b'mod kiefer iżda dirett, ġegħlitna nirrealizzaw li neħtieġu nikkunsidraw deċiżjonijiet futuri dwar investiment fl-infrastruttura fil-kuntest ta' aspettattivi aktar radikali ta' ħtiġijiet, imġiba u użu ta' riżorsi futuri. Din ix-xaqliba tal-paradigma teħtieġ promoturi ta' proġetti – u finanzjaturi – biex japplikaw sett ġdid ta' indikaturi tal-kejl tas-sostenibbiltà. Sabiex tinbena l-kapaċità tal-promoturi u l-intermedjarji finanzjarji biex jifhmu aħjar u japplikaw dawn it-tekniki u l-istandards il-ġodda, se jkun meħtieġ appoġġ tekniku u ta' konsulenza sinifikanti.

**Frank Lee,** **Kap taċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti, Direttorat tal-Attivitajiet**

Fi żminijiet ta' diffikultà r-riħ baqa' jonfoħ u x-xemx baqgħet tiddi. L-enerġiji rinnovabbli wrew ir-reżiljenza tagħhom għall-COVID-19. Il-perkors tagħna ma setax ikun aktar ċar. Issa neħtieġu naċċeleraw it-tranżizzjoni lejn il-futur ekoloġiku tagħna.

**Alessandro Boschi,** **Kap tal-Enerġija Rinnovabbli, Direttorat tal-Proġetti**

Il-bliet qegħdin fuq quddiem fil-kriżi tal-COVID-19, billi jħaddmu servizzi ewlenin fis-saħħa, l-protezzjoni ċivili, it-trasport urban u l-ġestjoni ta' spazji pubbliċi, filwaqt li jaffaċċjaw restrizzjonijiet ta' dħul severi billi l-ekonomija urbana naqset. Fl-2020, stabbilejna programmi ta' rkupru urban tal-COVID-19 fi bliet ewlenin bħal Grenoble, Milan u Barċellona u żviluppajna programmi nazzjonali ta' rkupru urban fi Franza, in-Netherlands u l-Polonja. Fl-2020 rajna wkoll it-tnedija ta' faċilità ta' konsulenza ġdida ewlenija – il-Fond għad-Distakk Klimatiku fil-Bliet – li aħna u l-GIZ, l-aġenzija Ġermaniża għall-kooperazzjoni internazzjonali, qed nimplimentaw flimkien mal-Bank Dinji biex inwasslu appoġġ għat-tħejjija ta' proġetti fi stadju bikri lil bliet fil-pajjiżi emerġenti u li qed jiżviluppaw. Dan il-fond, li huwa ffinanzjat mil-Lussemburgu u l-Ġermanja, għandu jgħin biex jitnedew proġetti intelliġenti fil-livell klimatiku li jirrigwardaw l-ilma, il-mobbiltà urbana sostenibbli, l-effiċjenza fl-enerġija u l-adattament għall-klima.

**Gerry Muscat,** Kap tal-Iżvilupp Urban, Direttorat tal-Proġetti

Il-BEI wera reazzjonijiet veloċi għall-COVID-19. Il-kapaċità tal-Bank li jiżviluppa approċċi ġodda u jindirizza sfidi mingħajr preċedent se tkun ferm aktar kruċjali fir-rigward tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-qerda tal-ambjent. Il-kisba tal-għan li l-BEI jsir il-bank tal-UE għall-klima tkun ta' kontribut importanti għall-Patt Ekoloġiku Ewropew kif ukoll esperjenza ferm sodisfaċenti għal dawk kollha li huma involuti biex tiġi indirizzata l-akbar theddida li d-dinja qed taffaċċja bħalissa.

**Heinz Olbers,** Direttur, l-Ewropa tal-Punent, Direttorat tal-Attivitajiet

Sa mill-invenzjoni tar-rota, it-trasport kien u għadu fil-qalba tal-isforzi tal-bniedem u, minn bastimenti tal-qlugħ għal jets eleganti, mexxa u avvanza l-progress teknoloġiku. Issa jmiss lilna biex niffaċċjaw l-isfidi eżistenzjali ta' żminijietna. Hemm rivoluzzjoni ekoloġika u diġitali li għaddejja fi ħdan is-settur tat-trasport fi żmien meta l-klima tad-dinja tinsab imħarbta u pandemija tas-saħħa qed thedded lill-umanità. It-trasport huwa kemm parti mis-soluzzjoni kif ukoll parti mill-problema. Huwa l-uniku settur li jemetti s-$CO_2$ li jkompli jikber u wieħed mis-setturi ekonomiċi li ntlaqat b'mod l-aktar sever mill-pandemija. Iżda t-trasport huwa wkoll mistenni li jmexxi l-irkupru fi tranżizzjoni ekoloġika li l-BEI se jappoġġa biex tinħoloq sistema tat-trasport tassew sostenibbli.

**Gavin Dunnett,** Direttur, Mobbiltà, Direttorat tal-Proġetti

# PJAN GĦALL-PJANETA

## Il-Pjan Direzzjonali tal-Bank għall-Klima se jiggwida l-finanzjament tagħna biex nappoġġaw il-Patt Ekoloġiku Ewropew u biex l-Ewropa ssir newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju

Id-deċennju li ġej huwa kritiku għall-klima u l-emerġenza ambjentali. Il-Pjan Direzzjonali tal-Bank għall-Klima tagħna jistabbilixxi kif se nwettqu l-impenn addizzjonali tagħna għall-klima u l-ambjent f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew mill-2021 sal-2025. Se naċċeleraw it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'użu baxx tal-karbonju, reżiljenti għall-klima u ambjentalment sostenibbli u nallinjaw il-finanzjament kollu mal-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li ma ħadd ma jitħalla lura u filwaqt li nappoġġaw objettivi tal-iżvilupp fuq terminu twil.

"Din l-ambizzjoni addizzjonali għandha implikazzjonijiet mifruxa fit-tul għall-Grupp tal-BEI, billi tibdel il-prijoritajiet tiegħu u l-mod kif naħdmu," jgħid Stephen O'Driscoll, Kap tal-Uffiċċju għall-Affarijiet Ambjentali, Klimatiċi u Soċjali. "Hija bidla fid-DNA, fejn se nagħmlu minn kollox biex inwettqu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew."

Il-Bank ilu li kellu fis-seħħ strateġija ambizzjuża għall-klima sa mill-2015. L-idea ta' Pjan Direzzjonali tal-Bank għall-Klima ġdid bdiet tard fl-2019, wara li l-Kunsill Ewropew u l-pajjiżi tal-UE talbu lill-Grupp tal-BEI biex iżid l-appoġġ tiegħu għall-Patt Ekoloġiku Ewropew u jgħin biex tiġi aċċelerata l-bidla lejn kontinent newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju sal-2050.

### Enerġija u innovazzjoni aktar nodfa

Il-punti ewlenin tal-Pjan Direzzjonali:

- Jiżdied il-finanzjament tal-BEI għall-azzjoni għall-klima u s-sostenibbiltà ambjentali minn madwar 30% illum għal aktar minn 50% sal-2025
- Jallinja l-finanzjament ġdid kollu mal-prinċipji u l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi
- Jappoġġa €1 triljun ta' investiment fl-azzjoni għall-klima u s-sostenibbiltà ambjentali mill-2021 sal-2030
- Jibni fuq id-deċiżjoni li jieqaf jappoġġa proġetti tradizzjonali li jużaw enerġija b'karburanti fossili
- Iżomm it-tmexxija fis-swieq kapitali, fejn il-BEI kien l-ewwel istituzzjoni li ħarġet bond ekoloġiku u għadu l-akbar emittent sovranazzjonali ta' bonds ekoloġiċi
- Jiffoka fuq enerġija nadifa, teknoloġiji innovattivi u diġitalizzazzjoni li se jkollhom sehem ewlieni fl-immodernizzar u d-dekarbonizzazzjoni tal-industriji
- Jiżdied il-finanzjament li jgħin lis-soċjetajiet jadattaw għall-bidla fil-klima u l-ekonomiji jsiru aktar reżiljenti

**Il-Pjan Direzzjonali jispjega kif se nidderieġu aktar appoġġ lejn il-komunitajiet li l-ekonomiji tagħhom jiddependu ħafna fuq industriji intensivi fl-użu tal-enerġija, bħall-estrazzjoni tal-faħam jew il-produzzjoni tal-azzar. Dan ifisser aktar riżorsi għal "tranżizzjoni ġusta" u ugwaljanza soċjali, inkluż aktar taħriġ, impjiegi u servizzi ta' konsulenza għal persuni li l-għajxien tagħhom huwa mhedded mit-tranżizzjoni għal ekonomiji b'użu baxx tal-karbonju u l-impatt tat-tibdil fil-klima. Se nappoġġaw ukoll it-tranżizzjoni lejn ekonomija ambjentalment sostenibbli b'użu baxx tal-karbonju madwar id-dinja kollha, b'fokus**

**partikolari fuq ir-reżiljenza tal-komunitajiet vulnerabbli għat-tibdil fil-klima.** "Meta naħsbu dwar l-għajxien fir-riskju minħabba l-impatti tat-tibdil fil-klima, nafu li nies li jgħixu f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, u speċjalment il-pajjiżi inqas żviluppati u stati gżejjer żgħar, ta' spiss huma aktar vulnerabbli u fl-istess ħin għandhom l-inqas riżorsi finanzjarji biex jadattaw," tgħid Nancy Saich, kap esperta fit-tibdil fil-klima.

Kull pajjiż se jkollu jagħmel bidliet kbar fid-deċennju li jmiss. Il-Pjan Direzzjonali se jgħin lill-Bank isib imsieħba ġodda u jestendi l-impatt tiegħu madwar id-dinja kollha biex jikseb l-għanijiet klimatiċi tiegħu.

**Aqra l-Pjan Direzzjonali tal-Bank għall-Klima fuq www.eib.org/cbr**

## IL-PJAN EKOLOĠIKU LI JMISS

**Iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti, sħubija bejn il-BEI u l-Kummissjoni Ewropea, jgħin lill-Istati Membri u lill-kumpaniji biex iħejju proġetti għal finanzjament futur. Il-ħidma tiegħu tgħin lill-Ewropa tikseb l-ambizzjonijiet tagħha għall-klima.**

### L-idroġenu bħala fjuwil alternattiv

Il-Ministeru Ġermaniż tat-Trasport u l-Infrastruttura Diġitali talab appoġġ għal konsulenza strateġika fl-iżvilupp ta' mudell ta' finanzjament u ffinanzjar għall-użu tal-idroġenu bħala fjuwil alternattiv fin-network tat-trasport Ġermaniż. Iċ-Ċentru qed jipprovdi appoġġ transettorjali għal servizzi ta' konsulenza teknika u finanzjarja biex jevalwa l-prospettiva tas-suq tal-idroġenu u jipproponi mudelli ta' finanzjament u twettiq.

### Adattament għall-klima għal Ġenova

Il-muniċipalitajiet bħal Ġenova, fl-Italja, jeħtieġu għajnuna bl-analiżi ta' opzjonijiet tal-miżuri għall-adattament għall-klima. Il-kompitu taċ-Ċentru huwa li janalizza l-opzjonijiet ta' adattament differenti għal proġetti fi tliet jew erbat ibliet differenti u biex iqabbel l-ispejjeż u l-benefiċċji. Abbażi tar-riżultati ta' din l-analiżi, ikun possibbli li jitfasslu konklużjonijiet dwar l-opzjoni ta' adattament l-aktar xierqa f'kull każ.

### Iċċekkja l-effiċjenza fl-enerġija tiegħek

Il-bank promozzjonali Ċek ČMZRB avviċina liċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti għall-għajnuna biex jiżdied il-volum tal-investiment ta' investimenti effiċjenti fl-enerġija permezz ta' fondi tal-UE. Iċ-Ċentru wettaq valutazzjoni tas-suq li wasslet għal proposta għal strument ta' garanzija li tindirizza d-distakki fis-suq, inklużi l-istrateġija tal-investimenti tiegħu, il-governanza, il-monitoraġġ u l-proċessi tar-rappurtar. Il-valutazzjoni identifikat ukoll il-ħtieġa għal mekkaniżmu ta' punt uniku ta' servizz għal assistenza teknika għal proġetti potenzjali, li wassal għal applikazzjoni għal assistenza għall-iżvilupp ta' proġetti taħt il-faċilità ELENA (Assistenza Ewropea għall-Enerġija Lokali). Il-kompitu juri li l-fondi tal-UE u l-kofinanzjament tal-BEI jista' jiġi mobilizzat permezz ta' strumenti finanzjarji innovattivi biex jappoġġaw l-iżvilupp ta' kuntratti għall-prestazzjoni tal-enerġija, flimkien ma' għotjiet ta' investimenti għal rinnovazzjoni komprensiva ta' bini. Skemi bħal dawn huma wkoll ippjanati bħala parti mill-Mewġa tar-Rinnovazzjoni, inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea biex ir-rinnovazzjonijiet fl-enerġija jirduppjaw fid-deċennju li jmiss. L-istrument finanzjarju huwa mistenni li jibda jaħdem fl-2021.

# META R-RIĦ MA JONFOĦX

## Żewġ kumpaniji tal-batteriji innovattivi Żvediżi għandhom il-mira li jipprovdu enerġija nadifa fid-dar u għall-karozza tiegħek

Meta jkun ir-riħ jew xemxi, il-parks eoliċi u solari jipproduċu enerġija rinnovabbli. Iżda r-riħ mhux dejjem jonfoħ, u x-xemx mhux dejjem tiddi eżattament meta nixtiequ nużaw l-elettriku. Huwa għalhekk li l-batteriji huma tant importanti għal futur ekoloġiku. Nilar u Northvolt, żewġ kumpaniji Żvediżi, qed jipproduċu batteriji li jaħżnu l-enerġija ekoloġija għall-użu meta tkun meħtieġa.

Nilar, li ilha tiżviluppa batteriji abbażi tan-nikil f'format kbir ġdid għal aktar minn 15-il sena, tnediet kummerċjalment fl-2019. Il-batteriji ibridi tal-metall tan-nikil tal-kumpanija huma mfasslin biex jaħżnu l-enerġija rinnovabbli fid-djar jew f'ambjenti kummerċjali, muniċipali u industrijali. Mhumiex intenzjonati biex jissostitwixxu l-litju f'vetturi li huma kompletament elettriċi minħabba li n-nikil huwa metall itqal. Iżda l-batteriji ibridi ta' Nilar huma siguri biex jintużaw fil-bini, minħabba li batteriji ibdridi tal-metall tan-nikil mhumiex fjammabbli. Għandhom ukoll ċiklu ta' ħajja ta' 20 sena u jistgħu jiġu rriċiklati b'mod ekonomiku.

**L-ispejjeż tal-batteriji qed jonqsu. Sa mill-2010, l-ispejjeż tal-batteriji tal-litju-jon għall-vetturi elettriċi niżel bi kważi 90%, u l-ispejjeż tal-batteriji tan-nikil b'ħażna stazzjonarja niżel bi kważi żewġ terzi. Iżda kważi l-batteriji avvanzati kollha bħalissa huma importati minn barra l-Unjoni Ewropea. Billi l-batteriji jsiru aktar affordabbli minħabba l-prezz, huwa importanti li l-produzzjoni tal-batteriji tiġi żviluppata fl-Ewropa, fejn is-suq għal enerġija nadifa qed jikber ferm malajr.** Madankollu, l-iżvilupp tal-batteriji huwa proċess twil, inċert u jiswa l-flus, u hija meħtieġa produzzjoni b'volum għoli jekk kumpanija trid tkun kompetittiva, għalhekk huwa diffiċli għal ditti fl-istadju bikri tagħhom biex isibu investituri kummerċjali u finanzjament mill-banek.

### Immexxu l-innovazzjoni rapida

Mingħajr rekord kummerċjali estensiv, Nilar hija t-tip ta' proġett li għalih il-finanzjament tal-Bank Ewropew tal-Investiment ikun vitali. Il-bank tal-UE jappoġġa r-riċerka u l-espansjoni ta' prodotti innovattivi, sabiex dawn isiru aktar attraenti għal investituri privati. **"Il-Bank Ewropew tal-Investiment huwa ferm importanti biex imexxi l-innovazzjoni rapida f'kumpaniji żgħar b'teknoloġija ġdida fjamanta," jgħid Michael Obermayer, iċ-chairman ta' Nilar.** Il-kumpaniji teknoloġiċi bi proġetti innovattivi li ma jistgħux jegħlbu l-ostaklu tal-espansjoni li jeħtieġ ħafna kapital ma jistgħux jikbru u l-ideat tagħhom jistgħu ma jiġux żviluppati. "Ir-rieda tal-Bank Ewropew tal-Investiment li jipprovdi self biex jgħin iqiegħed it-teknoloġija ta' Nilar fis-suq fil-bidu tal-fażi tal-kummerċjalizzazzjoni tagħha hija kritika," iżid jgħid Obermayer.

Il-batteriji tal-ġenerazzjoni li jmiss għandhom rwol kruċjali fil-mira tal-Kummissjoni Ewropea li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju b'55% sal-2030. Dawn se jgħinu wkoll biex itejbu l-indipendenza enerġetika – u għaldaqstant is-sikurezza enerġetika – għall-Ewropa.

### Roti u mtieħen, idawru l-enerġija ekoloġika

Il-batteriji ta' Northvolt huma ekoloġiċi wkoll. Iżda, għall-kuntrarju tal-batteriji ta' Nilar, il-batteriji tal-litju-jon ta' Northvolt huma intenzjonati l-aktar biex jintużaw għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi. Il-vetturi elettriċi ma jużawx batterija waħda bħall-mowbajl. Minflok jużaw pakkett li jinkludi eluf ta' ċelluli

> **"Bis-saħħa tal-investiment tagħna, dan seħħ f'daqqa... Inkella, hemm ir-riskju li t-teknoloġija ma tiġix żviluppata jew tinxtara band'oħra, possibbilment barra mill-Unjoni Ewropea."**

individwali ta' litju-jon li jaħdmu flimkien. Meta l-karozza tkun qed tiċċarġja, l-elettriku jinħażen kimikament fil-batteriji. Meta l-karozza tkun fit-triq, il-batterija teħles l-enerġija fil-mutur elettriku mingħajr ma temetti l-karbonju. Huwa vitali li karozzi li jniġġsu bil-karbonju jiġu sostitwiti b'vetturi elettriċi nodfa għat-tranżizzjoni ekoloġika.

Nilar u Northvolt huma appoġġati minn selfiet tal-BEI li huma, parzjalment, taħt il-programm InnovFin tal-Kummissjoni Ewropea li jiffinanzja proġetti ta' dimostrazzjoni innovattivi fl-oqsma tat-trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija, inkluża l-ħażna tal-enerġija.

Is-self ta' €46 miljun ta' Nilar mill-Bank Ewropew tal-Investiment se jgħin biex il-linji tal-produzzjoni jespandu minn waħda għal tmienja. Dawn il-batteriji se jgħinu lis-sidien tad-djar, binjiet kummerċjali u industriji b'pannelli solari, kif ukoll impjanti tal-enerġija rinnovabbli aktar żgħar, biex ikunu jistgħu jbiegħu l-enerġija ekoloġika żejda.

### Espansjoni ta' kumpaniji tal-batteriji Żvediżi

L-espansjoni tal-produzzjoni kienet ukoll ir-raġuni ewlenija għaliex il-bank tal-UE qed jappoġġa l-batteriji tal-karozzi elettriċi ta' Northvolt. B'self appoġġat mill-InnovFin mill-Bank Ewropew tal-Investiment, il-kumpanija bniet linja ta' dimostrazzjoni tal-kunċett tagħha f'Västerås, ftit 'il bogħod minn Stokkolma. Dik il-fabbrika bdiet tipproduċi t-tip ġdid ta' batteriji fi tmiem l-2019.

Northvolt diġà għamlet il-pass li jmiss: fabbrika tal-batteriji tal-litju-jon fi Skellefteå, fil-Grigal tal-Iżvezja. **Il-fabbrika ta' Skellefteå hija appoġġata minn self ieħor tal-Bank Ewropew tal-Investiment, din id-darba għal $350 miljun, permezz tal-garanzija tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi,** parti mill-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa. "Il-ħażna tal-enerġija rinnovabbli hija kruċjali għal soċjetà newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju", jgħid Peter Carlsson, il-kap eżekuttiv ta' Northvolt, " u l-batteriji huma essenzjali biex naslu s'hemm."

# X'NESA MONTY PYTHON DWAR IL-LUPINI

## Fond tal-bijoekonomija għandu l-mira li jagħlaq id-distakk finanzjarju għal kumpaniji b'teknoloġiji ċerti, biex ikunu jistgħu jespandu mal-Ewropa kollha

Il-tim komiku Brittaniku Monty Python darba xandar skeċċ li fih ħalliel inkapaċi seraq lill-vittmi tiegħu bit-talba ridikola, "Il-lupini tiegħek jew ħajtek!" Iċ-ċajta kienet li l-lupini ma kienu jiswew xejn, billi kienu sempliċement fjuri vjola. Prolupin mill-Ġermanja taf aktar dwar dan. Il-kumpanija żviluppat ġelat vegan mingħajr ħalib, kif ukoll firxa ta' prodotti tal-ikel oħrajn, kollha miż-żrieragħ tal-lupini. Prolupin, ibbażata qrib Rostock, tbigħ il-prodotti tagħha fil-Ġermanja. Iżda biex tespandi f'pajjiżi Ewropej oħra teħtieġ investiment addizzjonali, li huwa diffiċli biex kumpaniji relattivament żgħar fil-bijoekonomija jsibuh, minħabba li m'għandhomx rekord biex jattiraw self mill-banek u l-kapitalisti ta' riskju għandhom tendenza jiffokaw fuq setturi oħra.

Hawn hu fejn jidħol il-Fond Ewropew għall-Bijoekonomija Ċirkolari. Il-Fond dalwaqt se jiġbor €250 miljun għall-bijoekonomija u l-bijoekonomija ċirkolari; il-Fond investa f'kumpaniji fi stadju bikri b'teknoloġiji ċerti li jeħtieġu finanzjament biex jespandu l-operazzjonijiet tagħhom u biex jespandu fi swieq akbar. **Il-bijoekonomija u l-bijoekonomija ċirkolari huma elementi ewlenin biex l-ekonomija ssir aktar sostenibbli u biex jitħares l-ambjent. Il-bijoekonomija tnaqqas id-dipendenza tagħna fuq riżorsi naturali billi tippromwovi prodotti sostenibbli li jużaw riżorsi bijoloġiċi rinnovabbli (bħal-lupini) biex jipproduċu ikel, materjali u enerġija.**

L-oriġini tal-Fond Ewropew għall-Bijoekonomija Ċirkolari huwa studju tal-2017 mis-Servizzi ta' Konsulenza ta' InnovFin tal-BEI, imħejji bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea. L-istudju identifika distakk sinifikanti fil-finanzjament għal kumpaniji tal-bijoekonomija li kellhom bżonn jespandu l-produzzjoni u d-distribuzzjoni tagħhom. Ir-rapport irrakkomanda l-istabbiliment ta' fond ta' ekwità biex jappoġġa lil kumpaniji fl-istadju ta' espansjoni. Għaldaqstant il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Kummissjoni Ewropea għażlu konsulent għall-investimenti, li waqqaf il-Fond Ewropew għall-Bijoekonomija Ċirkolari. "Il-bijoekonomija u l-bijoekonomija ċirkolari għadhom ipperċepiti bħala settur naxxenti," tgħid Yicui Sun, l-uffiċjal għall-investimenti inkarigat mill-investiment tal-BEI fil-fond. "Il-garanzija mill-Kummissjoni Ewropea hija strumentali għall-mobilizzazzjoni tal-investituri privati biex jingħalaq dan id-distakk."

**Minn meta l-Fond laħaq l-ewwel għeluq f'Ottubru b'€82 miljun**, qed jattira ħafna interess minn investituri privati u pubbliċi u qed jipproċedi sew lejn għeluq sussegwenti. "Dan se jagħti bidu għal aktar attività fl-Ewropa f'dan is-settur," jgħid Felipe Ortega Schlingmann, Kap tal-Agrinegozju u l-Iżvilupp Rurali fil-BEI. **"Hemm potenzjal enormi għat-tkabbir."**

# SOSTENIBBILTÀ FL-ISPAZJU

**Kumpanija bbażata fuq ix-xtut tal-Lag Como tibni trasportaturi tas-satelliti biex jiġbru *data* dwar it-tibdil fil-klima mill-ispazju u jnaddfu deċennji ta' skart**

Is-satelliti jgħinu lin-nies u lill-persuni tal-ewwel rispons meta n-networks fl-art tiġrilhom il-ħsara minn diżastri naturali, bħal uragani jew terremoti. Dawn jikkollegaw diġitalment lil pazjenti iżolati jew dawk li jgħixu f'żoni rurali ma' professjonisti tal-kura tas-saħħa fil-każ ta' pandemija. Jipprovdu wkoll *data* biex jiġu ntraċċati l-perikli tat-tisħin globali – u l-progress tagħna fil-ġlieda kontrih.

Iżda s-satelliti jiġġeneraw ukoll skart fl-ispazju. Meta jtemmu l-missjonijiet tagħhom, satelliti żgħar jinġiebu lura fid-dinja biex jinħarqu fl-atmosfera. Dawk aktar kbar jiġu ddevjati lejn ċimiterji tal-vetturi spazjali fl-oċeani jew jinżammu f'orbiti ċimiterji kkontrollati. Wasal iż-żmien li naraw kif se nieħdu ħsieb dan l-iskart fl-ispazju li qiegħed dejjem jiżdied.

**D-Orbit, kumpanija tal-Ispazju Ġdid bil-kwartieri ġenerali qrib il-Lag Como fl-Italja, hija pijunier għall-ekonomija spazjali u l-loġistika spazjali sostenibbli.** "Bosta mill-klijenti tagħna huma operaturi tal-osservazzjoni tad-Dinja, li jwasslu *data* u informazzjoni dwar it-temp, it-tniġġis, il-forestrija u l-agrikoltura, l-oċeani, l-erożjoni kostali u l-infrastruttura kritika," jgħid Luca Rossettini, kap eżekuttiv u fundatur ta' D-Orbit. "L-ispazju huwa opportunità għas-soċjetà, l-industriji u l-istituzzjonijiet tar-riċerka tagħna."

F'Ottubru 2020, D-Orbit nediet – bir-rokit Ewropew Vega mill-Guiana Space Centre – l-ewwel trasportatur tas-satelliti ION, li rnexxielu jvara 12-il satellita żgħira Planet Super Dove li jieħdu immaġnijiet tad-Dinja. It-trasportatur tas-satelliti ION (In Orbit Now) żviluppat minn D-Orbit huwa appoġġat mill-Bank Ewropew tal-Investiment, b'self ta' €15-il miljun. Il-finanzjament jagħmel parti minn Memorandum ta' Qbil iffirmat bejn il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Aġenzija Spazjali Ewropea fl-2018.

### Satelliti mikro u nano

Il-missjonijiet tas-satelliti tal-merkanzija ta' D-Orbit huma operati mill-kwartieri ġenerali tagħha fil-Lag Como. Huma mfasslin biex jiġu varati minn bosta rokits differenti disponibbli fis-suq. Huwa tip ta' taxi spazjali li kapaċi jospita bosta satelliti nano jew mikro. Dawn il-CubeSats imċekknin jiżnu ftit kilogrammi kull waħda. Hemm il-possibbiltà wkoll li jinġarru tipi oħrajn ta' tagħbijiet utli, bħal teknoloġiji żviluppati minn kumpaniji fil-fażi tal-bidu, istituzzjonijiet tar-riċerka u kumpaniji spazjali li jeħtieġu jittestjaw u jivvalidaw teknoloġija fl-ispazju qabel ma jkunu jistgħu jikkummerċjalizzawha.

"It-trasportatur tas-satelliti ION huwa soluzzjoni innovattiva biex jappoġġa operaturi ta' satelliti żgħar biex jittestjaw it-teknoloġiji tagħhom fl-ispazju u biex tiġi aċċelerata l-kummerċjalizzazzjoni ta' servizzi tas-satelliti ġodda," jgħid Christian Kohr, l-inġinier ewlieni tal-infrastruttura diġitali tal-BEI, li ħadem fuq is-self għal D-Orbit. Anders Bohlin, l-ekonomista ewlieni tal-BEI fuq il-proġett, iżid jgħid: **"Bil-kunċett ta' ION, D-Orbit hija mexxej fl-innovazzjoni f'dan il-qasam."**

# AZZAR EKOLOĠIKU, AZZAR ĊIRKOLARI

**Industriji intensivi fl-użu tal-enerġija jikkawżaw 15% tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ madwar id-dinja kollha. Il-produttur tal-azzar ewlieni ArcelorMittal qed jiżviluppa teknoloġija innovattiva għad-dekarbonizzazzjoni tal-azzar li tiġbor emissjonijiet tas-$CO_2$ – u tbiddilhom f'bijokarburanti utli**

Forn tal-blast juża l-faħam biex b'mod kimiku jirriduċi l-mineral tal-ħadid f'ħadid, li mbagħad jiġi pproċessat f'azzar. Dan jemetti ammonti kbar ta' gassijiet b'effett ta' serra CO u $CO_2$ fil-proċess. Fl-Ewropa, il-produtturi tal-azzar jiġbru dawn il-gassijiet sekondarji, u jittrasformaw f'elettriku u sħana utli. Iżda mbagħad is-$CO_2$ jinħeles fl-atmosfera.

**Għaldaqstant impjanti tal-azzar integrati huma qasam ewlieni għad-dekarbonizzazzjoni. Il-manifattur tal-azzar kbir ArcelorMittal Belgium qed jimplimenta teknoloġija innovattiva li hija l-ewwel waħda ta' dan it-tip fuq skala u kumplessità li ma teżisti mkien ieħor fid-dinja.** Il-proġett huwa konformi mal-pjan direzzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju ta' ArcelorMittal Europe, li għandu fil-mira tnaqqis ta' 30% sal-2030 u newtralità fil-karbonju sal-2050.

> **"Dan il-finanzjament ma kienx ikun possibbli mingħajr l-appoġġ ipprovdut mill-Kummissjoni taħt l-InnovFin."**

L-installazzjoni tiġbor il-gassijiet sekondarji mimlija bis-CO u s-$CO_2$ emessi mill-forn blast u jibdilhom f'etanol permezz ta' proċess ta' fermentazzjoni tal-gass li juża l-mikrobi. Din it-teknoloġija "Carbalyst" ġiet żviluppata mid-ditta Amerikana LanzaTech, li ArcelorMittal issieħbet magħha għal deċennju. "Bħala produttur ta' materjali, nemmnu li rridu niffokaw fuq l-ekonomija ċirkolari u niżviluppaw proċessi "min-nieqa għan-nieqa" li jużaw inqas riżorsi primarji u bihom inkunu nistgħu nnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju," jgħid Carl De Maré, kap tal-istrateġija tat-teknoloġija ta' ArcelorMittal Group. **"L-azzar u skart ieħor jeħtieġ li jiġi rriċiklat, u l-forn blast huwa għodda eċċellenti biex nagħmlu dan."**

Hemm it-tieni pass għall-proġett, ukoll. Peress li l-karbonju bħalissa jintuża bħala input għall-forn blast fil-forma ta' faħam fossili, il-kumpanija beħsiebha tissostitwixxi dan il-karburant fossili parzjalment b'injam skart li ġie ttrattat biex isir bijofaħam. Din is-sostituzzjoni ta' faħam fossili b'karbonju ċirkolari hija diġà pass lejn it-tranżizzjoni ekoloġika.

"Huwa proċess tipiku ta' ġbir u użu tal-karbonju," jispjega De Maré. "Il-forn blast jinsab fin-nofs. Dan il-proġett jiġi fl-aħħar, fil-livell tal-prodott sekondarju, biex jiġi prodott l-etanol, iżda wkoll fil-bidu, bil-proċess tat-taqdid tal-karbonju minn sorsi naturali. Bil-kombinament taż-żewġ innovazzjonijiet, ir-riżultat huwa l'hekk imsejjaħ bijoetanol: etanol prodott bil-karbonju ta' oriġini bijoloġika. Dan jagħlaq iċ-ċirku karboniku."

### Il-finanzjament tal-innovazzjoni: mit-teorija għall-prattika

Dan it-tip ta' innovazzjoni teknoloġija mhix faċli jew ċerta. Jeħtieġ li jsir ukoll investiment sostanzjali għall-impjanti, it-tagħmir u l-makkinarju l-ġodda, Għalhekk il-finanzjament ta' impriża bħal din jippreżenta sfida.

**"Qed nieħdu riskju teknoloġiku, iżda rridu nappoġġaw l-industrija."**

Taħt il-faċilità għal Proġetti ta' Dimostrazzjoni tal-Enerġija ta' InnovFin tal-Kummissjoni Ewropea, f'Mejju 2020 il-Bank Ewropew tal-Investiment iffirma self ta' €75 miljun ma' ArcelorMittal Belgium biex jiffinanzja parzjalment il-bini tal-faċilitajiet il-ġodda. "Din hija skema interessanti u innovattiva li hija kumplessa biex tiġi implimentata," jgħid Senso Figaredo Pire, l-uffiċjal anzjan għas-self mal-Bank Ewropew tal-Investiment li għalaq din it-tranżazzjoni kumplessa. "Tikkontribwixxi għall-ekonomija ċirkolari u tiġġenera etanol ekoloġiku, li jista' jintuża bħala fjuwil jew materja prima fi proċessi kimiċi multipli."

"Dan il-finanzjament ma kienx ikun possibbli mingħajr l-appoġġ ipprovdut mill-Kummissjoni taħt l-Innovfin," iżid jgħid Figaredo Pire. "Ħdimna mill-qrib mal-Kummissjoni. U issa dan il-proġett jista' jikkostitwixxi pass sinifikanti 'l quddiem li l-industrija tal-azzar trid tagħmel għat-tranżizzjoni ekoloġika."

L-implimentazzjoni se tibda l-ewwel fis-sit ta' ArcelorMittal f'Ghent. It-teknoloġija timmira li tuża 15% tal-gassijiet sekondarji biex tipproduċi l-etanol, minflok l-elettriku. Iżda l-viżjoni ta' ArcelorMittal hija li tissostitwixxi, gradwalment u kompletament, l-impjanti tal-enerġija interni tagħha bit-trasformazzjoni tal-gassijiet sekondarji f'etanol – jew, fil-ġejjieni, fi prodotti kimiċi bażiċi oħrajn.

Bl-ammont aktar baxx ta' enerġija prodotta mill-gassijiet sekondarji tal-karbonju, ArcelorMittal tista' taqleb għal ftehimiet għax-xiri ta' enerġija ma' produtturi ta' enerġija rinnovabbli, u b'dan tappoġġa indirettament l-iżvilupp ta' enerġija rinnovabbli. Il-kumpanija tippjana li jkollha ħamsa minn dawn l-impjanti joperaw sal-2025 mal-Ewropa kollha u l-kumplament tad-dinja.

### X'hemm aħjar minn karbonju riċiklat? Karbonju ekoloġiku riċiklat

Il-proġett huwa ekonomikament vijabbli billi hemm domanda kbira għall-etanol, li huwa wkoll aktar faċli biex jinħażen u jiġi ttrasportat mill-elettriku. L-etanol għandu bosta applikazzjonijiet differenti. Jista' jintuża bħala fjuwil, meta mħallat mal-petrol. Jista' jiġi kkonvertit ukoll f'etilen, komponent bażiku tal-proċess tal-manifattura tal-plastik, u b'hekk jikkontribwixxi għall-ekonomija ċirkolari.

"Dan l-investiment jipproteġi l-impjiegi eżistenti billi jżomm l-industrija tal-azzar fl-Ewropa, fejn neħtieġu persuni b'ħiliet għolja biex jiddisinjaw u jħaddmu dawn l-impjanti," jgħid Marc Tonteling, inġinier mal-Bank Ewropew tal-Investiment.

Bil-kombinament ta' żewġ proċessi innovattivi, il-kumpanija timmira għall-produzzjoni ta' 80 miljun litru ta' bijoetanol, ekwivalenti għall-fjuwil użat minn 600 titjira bejn New York u Londra. ArcelorMittal tistma li l-iffrankar tas-$CO_2$ se jkun ugwali għall-emissjonijiet ta' 350 000 karozza fis-sena.

"Nieħu pjaċir bl-entużjażmu u l-impenn tan-nies f'Ghent, li jridu li dan il-proġett jirnexxi," jgħid Tonteling. "Qegħdin nieħdu riskju teknoloġiku, iżda rridu nappoġġaw l-industrija, u jekk dan jirnexxi, jista' jwassal għal aktar produzzjoni ġeneralizzata ta' prodotti karboniċi ċirkolari bħall-bijofaħam, karburanti karboniċi riċiklati, il-bijoetanol u ħafna oħrajn."

# SIGRIETI LI GĦANDHOM JINKIXFU

**Infrastruttura ġdida Griega għat-tibdil fil-klima se tipprovdi *data* li hija vitali għall-istudju tat-tisħin globali u t-tbassir ta' diżastri naturali**

Il-Mediterran tax-Xlokk huwa laboratorju naturali li jista' jgħin lix-xjentisti josservaw u jbassru t-tibdil fil-klima globalment. u minkejja dan ma ġiex studjat biżżejjed s'issa.

Biex jingħalaq dan id-distakk, tnejn miċ-ċentri tar-riċerka ewlenin tal-gvern Grieg qed jibnu infrastruttura u tagħmir biex ikejlu l-arja u jesploraw l-ilmijiet – mill-ogħla saff tal-atmosfera għal aktar minn 5 000 metru taħt il-wiċċ tal-aktar parti fonda tal-Mediterran, li tinzerta li qiegħda fil-Greċja.

L-Osservatorju Nazzjonali ta' Ateni qed jistabbilixxi l-Osservatorju Ġeofiżiku Panelleniku ta' Antikythera (Panhellenic Geophysical Observatory of Antikythera - PANGEA) fuq Antikythera, gżira żgħira kważi mhux abitata bejn Kreta u l-Peloponniż. "Il-proġett PANGEA huwa qabża kbira 'l quddiem għall-kejl ta' parametri atmosferiċi u l-bini ta' mudelli klimatiċi għall-Mediterran tax-Xlokk," jgħid il-Professur Manolis Plionis, il-president tal-Osservatorju. "Ir-reġjun tal-Mediterran huwa punt fokali tat-tibdil fil-klima u **d-*data* se tgħinna nifhmu kif it-tibdil fil-klima se jevolvi fis-snin li ġejjin** kif ukoll il-konsegwenzi tiegħu fuq is-soċjetà u l-ekonomija."

Sadanittant, iċ-Ċentru Elleniku għar-Riċerka Marittima se jibni bastiment ġdid tar-riċerka oċeanografika biex jissostitwixxi dak preċedenti li jrid jiġi dekummissjonat wara li serva għal 35 sena. Il-bastiment il-ġdid se jkun jista' jesplora ilmijiet baxxi kontinentali u l-baħar fond. Il-bastiment, b'tul ta' 70 metru u wisa' ta' 16-il metru, jġorr laboratorji għal bosta skopijiet u joffri gverti miftuħin spazjużi biex jakkomodaw containers b'laboratorji interkambjabbli mobbli. B'hekk il-bastiment se jkun pjattaforma versatili għal firxa usa' ta' missjonijiet xjentifiċi u oħrajn.

"Il-Mediterran huwa ta' importanza kritika għat-tibdil fil-klima, billi jaħdem bħala **oċean ċkejken** li jirrispondi malajr għal varjabbiltà fil-klima. L-ilmijiet skuri mhux esplorati tiegħu għandhom sigrieti li għad iridu jinkixfu," jgħid Dr Aris Karageorgis, president taċ-Ċentru. "Bastiment sod ġdid b'teknoloġija tal-ogħla livell jista' jgħinna **nesploraw aktar l-ilmijiet u l-qiegħ tal-Mediterran** u nbassru x'jista' jseħħ fl-oċeani miftuħa taħt il-prizma tat-tibdil fil-klima."

### Infrastruttura Griega għat-tibdil fil-klima għal sfida globali

L-istazzjon PANGEA se jipprovdi monitoraġġ kontinwu ta' varjabbli klimatiċi u attività ġeofiżika essenzjali u se jistrimja d-*data* ċertifikata tal-monitoraġġ f'ħin reali lill-komunità xjentifika. Għandu l-mira li jindirizza l-isfidi bħat-tibdil fil-klima u l-impatt tiegħu fuq temp sever u diżastri naturali fil-Greċja u l-Mediterran tal-Lvant, kif ukoll jimmonitorja l-attività siżmika. Fil-Mediterran tax-Xlokk, dan huwa importanti billi s'issa ma kienx immonitorjat kif xieraq, minkejja l-attività tettonika intensa.

Min-naħa tiegħu, il-bastiment huwa biċċa infrastruttura ġdida fi flotta oċeanografika dinjija li qed tiqdiem u jista' "jsalva l-oċeanografija," jgħid Karageorgis.

**Fil-livell xjentifiku, permezz tal-proġetti, varjabbli klimatiċi essenzjali fl-atmosfera u fil-baħar se jkunu jistgħu jinġabru b'mod kostanti biex jiddaħħlu fil-mudelli klimatiċi. Mudelli klimatiċi affidabbli jistgħu jwasslu għal osservazzjonijiet aħjar u tbassir aktar preċiż dwar it-tibdil fil-klima. Id-*data* se tgħin lix-xjentisti jifhmu kif il-klima tevolvi u biex jagħmlu distinzjoni bejn it-tibdil fil-klima naturali u dak maħluq mill-bniedem.** Fil-qasam tar-riċerka marittima, din se ssaħħaħ il-preżervazzjoni tal-bijodiversità billi tosserva kif l-organiżmi ħajjin jinbidlu, pereżempju billi tistudja speċi aljeni li ġejjin minn ilmijiet tropikali minħabba żieda fit-temperatura tal-ilma baħar.

### Impatt fuq is-soċjetà Griega, ġlieda kontra l-eżodu tal-imħuħ

Għas-soċjetà Griega wkoll, se jkun hemm impatt pożittiv. **Id-*data* mill-istazzjon PANGEA se tgħin lill-awtoritajiet Griegi tal-protezzjoni ċivili biex ibassru u possibbilment jevitaw l-effetti severi tad-diżastri naturali**. Barra minn dan, din l-infrastruttura se toffri lill-Greċja l-opportunità li tgħolli l-profil tar-riċerka tagħha. "Fiċ-ċrieki tar-riċerka l-Greċja spiss mhix kompetittiva biżżejjed," jgħid Martin Humburg, ekonomist mal-Bank Ewropew tal-Investiment. "Dawn il-proġetti juru li l-Greċja għandha riċerkaturi eċċellenti li jħarsu 'l quddiem. Kulma jeħtieġu huwa l-appoġġ u l-infrastruttura biex ikunu jistgħu jużaw l-għarfien u l-ħiliet tagħhom u biex jikkompetu ma' oħrajn."

Il-Professur Plionis iżid jgħid: "Il-proġett PANGEA se jkollu benefiċċji soċjetali importanti, relatati mat-treġġigħ lura tat-tnaqqis fil-popolazzjoni ta' Antikythera u t-titjib tat-tbaħħir kostali f'din iż-żona konfinali."

**Il-Bank Ewropew tal-Investiment, il-bank tal-UE għall-klima, f'Lulju 2020 iffirma self li jiswa sa €57.5 miljun lill-istat Grieg biex jiffinanzja l-bini u t-tagħmir tal-Osservatorju Ġeofiżiku f'Antikythera u l-bastiment oċeanografiku l-ġdid.** Dawn il-proġetti huma maħsuba li jiġu implimentati f'perjodu ta' ħames sa sitt snin.

Il-finanzjament għal proġetti xjentifiċi huwa skars, speċjalment fil-perjodu ta' awsterità fil-Greċja mill-kriżi finanzjarja, jispjega Costas Kargakos, l-uffiċjal għas-self mal-Bank Ewropew tal-Investiment li ħadem fuq il-ftehim. **"L-operazzjoni tappoġġa l-isforzi tal-gvern Grieg biex jiġu promossi l-investimenti f'infrastruttura strateġika għar-riċerka u għandu l-mira li jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, prijorità ewlenija tal-Bank u tal-Unjoni Ewropea."**

> **"Id-*data* se tgħinna nifhmu kif it-tibdil fil-klima se jevolvi fis-snin li ġejjin u l-konsegwenzi tiegħu fuq is-soċjetà u l-ekonomija."**

# PJAN GĦALL-ĦAJJA

## L-ippjanar urban irid jadatta għall-ħtiġijiet taċ-ċittadini matul il-pandemija, kif ukoll jagħmel il-bliet aktar ekoloġiċi u reżiljenti għall-klima. Barċellona turina kif

Barċellona qed tistinka biex tnaqqas it-tniġġis, iżda wkoll biex toħloq spazju vitali li jħeġġeġ liż-żgħażagħ biex joqogħdu hemm filwaqt li jkun aktar faċli għall-anzjani biex jieħdu ħsieb tagħhom infushom. "Barċellona għandha strateġija ċara ħafna," jgħid Alex Saz-Carranza, uffiċjal għas-self mal-Bank Ewropew tal-Investiment. "Il-pjan il-ġdid tal-belt qed jindirizza l-mobilità, l-effiċjenza fl-enerġija u l-koeżjoni soċjali. Dawn il-kwistjonijiet kollha se jgħinu lill-belt tħejji għall-ġejjieni, iżda wkoll biex toħroġ mill-pandemija tal-COVID-19.

**L-impatt tat-tibdil fil-klima kien fattur ewlieni fi snin riċenti għall-ippjanar urban, iżda l-pandemija ġabet magħha sfidi ġodda, speċjalment għas-settur tas-saħħa u l-ħajja f'belt densa. L-ispazji pubbliċi huma meħtieġa biex in-nies ikunu jistgħu jissoċjalizzaw f'distanza sigura.** Il-Bank Ewropew tal-Investiment approva self ta' €95 miljun fl-2020 biex jgħin lil Barċellona tlesti madwar 40 proġett, b'fokus fuq it-tibdil fil-klima u għajxien aħjar fil-belt.

Kwart tas-self huwa ddedikat biex jiġġenera mill-ġdid kważi 200 000 metru kwadru ta' art u biex jinħolqu "superblocks" li jippermettu lir-residenti jmorru minn naħa għal oħra, jużaw spazji pubbliċi għal attivitajiet rikreattivi u biex imexxu negozju aktar faċilment. Il-persuni bil-mixi se jingħataw prijorità f'bosta partijiet tal-belt. Żoni b'veloċità baxxa se jillimitaw il-vetturi għal 10km/siegħa. Il-binjiet ġodda kollha se jkunu mfassla biex ikollhom emissjonijiet kważi żero. In-nies se jkunu mħeġġa biex ma jużawx il-karozzi tagħhom fit-toroq tal-belt u biex inaqqsu l-emissjonijiet permezz ta' rotot tal-karozzi tal-linja u korsiji għar-roti ġodda. Programm għat-tħawwil tas-siġar qed jiġi aċċelerat. Ir-riżultat: belt li hija aktar reżiljenti għat-tibdil fil-klima, filwaqt li tgħin lin-nies isegwu l-linji gwida dwar it-tbegħid soċjali.

### Ebda żona tat-traffiku

Matul dawn l-aħħar tmien snin, il-Bank investa aktar minn €150 biljun biex jibni bliet aħjar. **Il-proġett ta' Barċellona huwa simili għal ftehim ta' finanzjament ta' €201 miljun, li ġie konkluż fl-2020 ukoll, biex jgħin lill-belt ta' Milan tagħti spinta lill-effiċjenza fl-enerġija tal-binjiet tagħha, biex ikun aktar faċli għar-residenti tal-belt biex jimxu u jużaw it-trasport pubbliku, biex jinħolqu aktar spazji ħodor miftuħa u biex jgħin l-ekonomija tirkupra mill-pandemija.**

Il-pjan għall-klima ta' Barċellona jitlob tnaqqis kbir fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, fil-konsum tal-l-ilma u fil-faqar. Il-belt qiegħda tippjana li ssir newtrali fl-użu tal-karbonju sal-2050. "Ir-residenti ta' Barċellona huma pjuttost proattivi u għandhom rekord tajjeb ta' parteċipazzjoni," tgħid Leonor Berriochoa, inġiniera anzjana fl-iżvilupp urban mal-Bank Ewropew tal-Investiment. "Hemm ħafna impenn pubbliku dwar il-klima u kwistjonijiet soċjali. In-nies iħobbu jikkontribwixxu u jagħtu l-opinjonijiet tagħhom u jagħtu aktar ħajja lill-bliet."

# PATT EKOLOĠIKU FL-AZZJONI

## Fil-Polonja, l-enerġija rinnovabbli tingħata spinta hekk kif bidla fil-leġiżlazzjoni tattira investituri internazzjonali – u twitti t-triq għat-tranżizzjoni ekoloġika

Tul ġibda ta' 50 km tal-kosta Baltika fil-Polonja, qed jinbnew 29 turbina tar-riħ. Il-pilastri twal bojod tagħhom jiddominaw għoljiet pittoreski abitati minn moose, ċriev u fniek. Meta jitlestew, se jipprovdu biżżejjed elettriku nadif għal 138 000 dar Pollakka. "Ninsab kburija ħafna bil-mod kif il-park eoliku tagħna juri li n-natura u l-ġenerazzjoni tal-elettriku jistgħu jeżistu ma' xulxin," tgħid Diana Kazakevic, kap tar-reġjun Pollakk għal Ignitis Group, il-kumpanija tal-enerġija Litwana elenkata f'Vilnius u Londra li qed tibni l-park eoliku. "Fil-Polonja, l-elettriku spiss ma kienx tajjeb għan-natura."

Il-parks eoliċi ta' Ignitis f'Pomerania huma parti minn tendenza ġdid lejn l-enerġija nadifa fil-Polonja, pajjiż li għadu jikseb kważi l-enerġija kollha tiegħu minn faħam li jniġġes. **Il-Bank Ewropew tal-Investiment iffirma tliet selfiet għal parks eoliċi Pollakki fl-2020 u ftehim għal enerġija solari, wkoll**. "Il-Polonja tinsab taħt pressjoni, minħabba t-tibdil fil-klima," jgħid Roland Schulze, konsulent maniġerjali mal-Bank għal teknoloġiji tal-enerġija b'karbonju baxx. "Il-Bank Ewropew tal-Investiment qiegħed fuq quddiem biex jgħin lill-Polonja tittrasforma s-settur tal-enerġija tagħha."

**L-enerġija rinnovabbli saret investiment aktar attraenti fil-Polonja sentejn ilu, meta l-gvern bidel il-leġiżlazzjoni għall-kuntratti tal-enerġija**. Taħt il-liġi l-ġdida, il-kumpaniji jagħmlu l-offerta tagħhom abbażi tal-prezz li huma jipproponu li jbigħu l-elettriku. Jekk il-prezz tas-suq jinżel, huma xorta jkunu ggarantiti l-prezz tal-offerta tagħhom. Jekk jogħla, huma jħallsu d-differenza lill-gvern.

### Ftehimiet ġodda għal enerġija rinnovabbli fil-Polonja

Il-proġett Ignitis kien wieħed mill-ewwel ftehimiet li ġie konkluż taħt il-liġi l-ġdida. Il-finanzjament mill-Bank Ewropew tal-Investiment, li silef kważi €60 miljun lill-proġett, wera "li għandna msieħba b'aġenda ta' sostenibbiltà ekoloġika," tgħid Kazakevic minn Ignitis. Bħall-oħrajn mill-erba' ftehimiet tal-enerġija rinnovabbli Pollakki tal-BEI tal-2020, is-self huwa appoġġat mill-garanzija tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi.

It-tendenza emerġenti fil-Polonja tista' tkun kruċjali għall-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-pjan tal-Kummissjoni Ewropea biex tiġġieled kontra t-tibdil fil-klima, imħabbar fl-2020, jagħmel impenn biex l-Ewropa ssir emittent ta' gassijiet b'effett ta' serra żero netti sal-2050. Iżda l-Patt Ekoloġiku jimmira wkoll biex jiżgura li r-reġjuni li bħalissa huma dipendenti fuq il-karburanti fossili m'għandhomx jibqgħu lura minħabba t-tranżizzjoni lejn teknoloġija nadifa. Dan huwa importanti għall-Polonja, bl-industrija tal-faħam kbira tagħha.

"Qed naraw il-Patt Ekoloġiku fl-azzjoni," jgħid Vincent Metzler, espert finanzjarju tal-proġett tal-BEI. "Dan is-settur jeħtieġ ħafna infrastruttura – u din hija xi ħaġa tajba għall-impjiegi. Għal tranżizzjoni ġusta, din tagħmel sens kompletament."

# L-ASPETT GLOBALI

Meta n-nies, id-drittijiet tal-bniedem u l-inklużjoni soċjali jkunu fil-qalba tal-isforzi tal-iżvilupp, jinħolqu l-aħjar opportunitajiet u benefiċċji għal kulħadd. Investiment immirat sew jista' jgħin it-tranżizzjoni ekoloġika u jikkontribwixxi għall-iżvilupp soċjali, għalhekk il-BEI jinvesti fi proġetti li jappoġġaw approċċ inklużiv lejn tranżizzjoni b'użu baxx tal-karbonju u li jżidu ir-reżiljenza għall-komunitajiet affettwati l-aktar mit-tibdil fil-klima fl-Unjoni Ewropea u lil hinn minnha. Billi jikkunsidra, jirrispetta u jippromwovi firxa wiesgħa ta' drittijiet tal-bniedem, inklużi dawk ta' nies indiġeni, komunitajiet lokali, migranti, nisa u tfal, permezz tal-istandards ambjentali u soċjali u l-politiki rilevanti tiegħu, il-BEI se jkompli jiżgura l-effettività, l-impatt u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet tiegħu.

**Yasmine Pagni,** Kap tal-Politika Soċjali, Direttorat tal-Proġetti

Is-settur globali tal-mikrofinanzjanent ġie affettwat b'mod sever mill-impatt ekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19. Sabiex jipproteġu l-mikrointrapriżi, bosta regolaturi nazzjonali taw istruzzjonijiet lill-istituzzjonijiet tal-mikrofinanzjanent (MFIs) biex jipposponu l-iżborżi pendenti kollha mill-klijenti, li wassal għal deterjorament fil-portafolli ta' self u restrizzjonijiet fil-likwidità minħabba flussi ta' flus neqsin. L-appoġġ kontinwu tal-BEI lill-MFIs permezz ta' finanzjament fuq żmien fit-tul huwa partikolarment importanti f'din is-sitwazzjoni. Wara l-kriżi tal-COVID-19, il-livell ta' finanzjament meħtieġ biex jappoġġa l-irkupru tal-ekonomiji bbażati tipikament fuq intrapriżi mikro u żgħar jista' jkun ħafna akbar minn qatt qabel.

**Milena Messori,** Kap tal-Finanzjament ta' Ekwità u Mikrofinanzjament mhux tal-UE, Direttorat tal-Attivitajiet

Fit-Tuneżija, bħal f'pajjiżi msieħba oħrajn, il-BEI rrisponda malajr għall-kriżi tal-COVID-19 billi ffinanzja l-akkwist ta' tagħmir mediku u introduċa flessibbiltà fuq il-kundizzjonijiet tas-self eżistenti tagħna. Allokajna mill-ġdid parti mis-self tagħna li għadu għaddej għar-riabilitazzjoni tal-iskejjel biex nixtru tagħmir protettiv għall-għalliema u l-istudenti fil-pajjiż kollu. Komplejna wkoll bl-isforzi tagħna biex intejbu l-ħajja ta' kuljum tal-poplu Tuneżin billi ffinanzjajna proġett ferm meħtieġ għall-infrastruttura tal-ilma u l-mobilità urbana fiż-żona ta' Tuneż u s-subborgi tagħha, fejn jgħixu kwart tat-Tuneżini.

**Jean-Luc Revéreault,** Kap tal-Uffiċċju tal-BEI f'Tuneż, Segretarjat Ġenerali

# SOLUZZJONIJIET GĦALL-IŻVILUPP

Hemm qawl fl-Afrika: "Jekk trid tgħaġġel, mur waħdek. Jekk trid tmur 'il bogħod, morru flimkien." Il-BEI stinka ħafna biex jibni sħubiji – mal-Istati Membri tal-UE, mal-istituzzjonijiet tal-iżvilupp u mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali tagħhom, gvernijiet u kumpaniji privati mad-dinja kollha. Dawn l-isħubiji kollha ngħaqdu flimkien meta ġew affrontati mill-COVID-19 mal-imsieħba naturali tagħna, il-Kummissjoni Ewropea, f'Tim Ewropa. Anke issa, madankollu, irridu niftakru li l-isfidi eżistenti jiħraxu bil-kriżi: it-tibdil fil-klima, l-inugwaljanza bejn is-sessi u inugwaljanzi oħrajn, il-qagħad, speċjalment fost iż-żgħażagħ. Dawn iridu jibqgħu fil-qalba tal-ħsieb tagħna, u neħtieġu nesploraw modi biex nagħmlu aktar, biex inkunu aktar innovattivi fl-approċċ tagħna.

**Catherine Collin,** Kap tal-Uffiċċju Reġjonali għall-Afrika tal-Lvant, Nairobi, Segretarjat Ġenerali

Il-BEI appoġġa impjanti fotovoltajċi solari tas-settur privat fis-Senegal, iż-Żambja u l-Messiku u parks eoliċi fil-Mongolja, il-Kenja u l-Ġordan. Bħala l-bank tal-UE għall-klima, se nkomplu mmexxu l-enerġija nadifa u affordabbli fis-swieq emerġenti kollha. Proġetti tal-enerġija rinnovabbli tas-settur privat normalment huma ffinanzjati abbażi tal-finanzjament ta' proġett b'rikors limitat, u mill-2015 irrappreżentaw aktar minn 90% tat-tislif totali tal-finanzjament ta' proġetti tal-BEI barra mill-Unjoni Ewropea.

**Paloma Perez de Vega,** Kap tal-Finanzjament ta' Proġetti għall-Imsieħba Globali u l-Pajjiżi tal-Viċinat, Direttorat tal-Attivitajiet

Il-pandemija tal-COVID-19 m'għandhiex konfini u l-impatt ekonomiku u soċjali mingħajr preċedent tagħha qed jinħass mad-dinja kollha. L-imsieħba tat-tkabbir u tal-viċinat tagħna huma milquta b'mod sever. Bħala l-bank tal-UE, il-BEI għandu rwol speċjali biex jgħin lill-ġirien tagħna jirrispondu għall-effetti mifruxa tal-pandemija. Mill-bidu tal-kriżi attwali, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea u bħala parti mill-inizjattiva Tim Ewropa, aħna kkontribwejna għat-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa u appoġġajna lill-komunitajiet tan-negozju u l-aġġornament ta' infrastruttura essenzjali.

**Flavia Palanza,** Direttriċi, Pajjiżi tal-Viċinat, Direttorat tal-Attivitajiet

Kull kriżi hija wkoll opportunità. Il-pandemija tal-COVID-19 u r-restrizzjonijiet tagħha fuq l-ivvjaġġar urewna l-valur immens tat-timijiet ta' azzjoni esterni tagħna li qed jikbru fi kważi 30 uffiċċju fil-ħames kontinenti madwar id-dinja. Inwettqu b'mod effiċjenti u effettiv fuq il-post, minkejja l-isfidi attwali.

**Ulrich H. Brunnhuber,** Kap tar-Rappreżentanza tal-Azzjoni Esterna, Segretarjat Ġenerali

# GĦAJNUNA VELOĊI

**Il-COVID-19 kien sfida severa għas-sistema tas-saħħa Marokkina. Azzjoni finanzjarja veloċi mill-BEI tgħin fil-ġlieda kontra l-kriżi – u taħriġ tal-persunal mediku biex tittejjeb il-kwalità ta' ħajja mal-pajjiż kollu**

Is-sodod qed jimtlew bil-pazjenti tal-COVID-19 fis-Centre Hospitalier Universitaire (CHU) Ibn Rochd f'Casablanca. Il-Professur Kamal Marhoum El Filali, kap tas-servizz tal-mard infettiv tal-isptar, jgħid li l-isptar "qed jimmaniġġja" l-influss. Iżda jekk id-dħul ta' pazjenti fl-isptarijiet jibqa' jiżdied l-isptar malajr jista' ma jkollux biżżejjed sodod tal-kura intensiva u tar-rianimazzjoni. "Ninsabu f'aktar diffikultà," jgħid Dr Marhoum.

**Il-Marokk aġixxa b'mod deċiżiv biex irażżan il-pandemija fir-rebbiegħa, meta l-pajjiż kollu ddaħħal f'lockdown u twaqqaf it-turiżmu u l-ivvjaġġar kollu. Iżda bħal ħafna nazzjonijiet, il-Marokk affaċċja t-tieni mewġa kbira ta' infezzjonijiet.** Il-pajjiż kien qed jirreġistra madwar 5 000 każ kuljum f'nofs Novembru, b'madwar 80 mewta. Sa dak iż-żmien aktar minn 320 000 persuna fil-pajjiż ta' 37 miljun kienu ħadu l-virus u madwar 5 000 kienu mietu. Is-sistema tas-saħħa kienet qed iċċedi taħt il-piż.

> **"L-urġenza u l-pressjoni kienu enormi, billi kont taf li konna litteralment qed insalvaw il-ħajjiet. Il-ħin kien essenzjali."**

Is-CHU jieħu biss pazjenti b'każijiet severi tal-COVID-19 – dawk li jeħtieġu kura intensiva jew rianimazzjoni – u l-impjegati tiegħu stess li jkunu ġew infettati bil-virus. Waħda mill-akbar problemi tal-isptar, jgħid Dr Marhoum, hija li jimmaniġġjaw in-numru dejjem jiżdied ta' ħaddiema tal-isptar li mardu jew li ġew esposti għall-virus u li jeħtieġu jawtoiżolaw għal 14-il ġurnata. **"Diġà għandna nuqqas ta' persunal," huwa jgħid. "Hija problema organizzazzjonali enormi."**

## Naffrontaw pandemija

Meta l-Marokk daħal fil-lockdown fir-rebbiegħa, il-pajjiż kellu biss 77 każ tal-coronavirus irreġistrat. Il-gvern, madankollu, kien ra l-virus jeqred partijiet ta' Spanja, u l-uffiċjali kienu jafu li s-sistema tas-saħħa tal-pajjiż ma kellhiex ir-riżorsi biex titqabad kontra attakk simili. "Li kieku lħaqna l-istess livell bħall-Ewropa, konna nkunu megħluba," jgħid Dr Marhoum.

Bis-saħħa tal-miżuri drastiċi, il-Marokk mantna numru baxx ta' mwiet. Ir-rata tal-fatalitajiet – l-għadd ta' mwiet għall-infezzjonijiet totali – fl-ewwel mewġa kienet waħda mill-aktar baxxi fid-dinja. Bħal f'partijiet oħra tal-Afrika, ir-rata baxxa tal-imwiet hija attribwita għall-popolazzjoni żagħżugħa tal-Marokk.

Il-lockdowns ipprovdew ukoll biżżejjed żmien lill-gvern biex iwaqqaf faċilitajiet tal-ittestjar, siti web u hotlines biex jikkomunikaw mal-pubbliku. Il-gvern ħadem ma' korpi globali bħall-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa biex jirfina r-rispons tiegħu għall-pandemija u ġabar fondi meħtieġa urġentement minn selliefa internazzjonali, inkluż **il-Bank Ewropew tal-Investiment, li qed jipprovdi self ta' €200 miljun għal provvisti mediċi, taħriġ u miżuri oħrajn biex tissaħħaħ is-sistema tas-saħħa. Dawn l-isforzi ħelsu lis-sistema tas-saħħa fraġli tal-pajjiż u lid-9 200 tabib tas-settur pubbliku minn stress gravi.**

## Kuntatt kostanti

Il-lockdown tal-Marokk beda biss ġimgħa wara li Hervé Guenassia, uffiċjal anzjan għas-self tal-BEI u kap mexxej għall-Marokk, irritorna lura l-Lussemburgu minn Casablanca. Żamm f'kuntatt kostanti mal-awtoritajiet Marokkini hekk kif il-pandemija nfirxet u l-Bank irrisponda malajr għal talba għall-għajnuna f'Marzu. Is-self tal-BEI ta' €200 miljun ħallas għal apparati, provvisti u tagħmir mediku. Bit-termini flessibbli tas-self, il-Marokk jista' juża l-flus għal kwalunkwe akkwist tas-saħħa relatat mal-COVID-19 magħmul mill-1 ta' Frar 2020, u l-uffiċjali jistgħu jipprovdu prova tal-akkwisti b'mod retroattiv. Is-self jista' jħallas ukoll għal 90% tal-ispejjeż tal-proġett, ferm aktar mil-limitu normali ta' 50%.

Il-flus laħqu l-Marokk f'ħin rekord, b'€100 miljun żborżati f'xahar biss. "L-urġenza u l-pressjoni kienu enormi, billi kont naf li konna litteralment qed insalvaw il-ħajjiet", jgħid Guenassia. "Il-ħin kien essenzjali."

**Guenassia uża s-self lill-Marokk bħala punt ta' tluq biex iwaqqaf faċilità li tiġbor l-elementi importanti kollha – Self għall-Pajjiżi tal-Viċinat taħt il-Programm tal-Kura tas-Saħħa Pubblika għall-COVID-19 – biex tgħin lill-ġirien tal-UE fl-Ewropa tal-Lvant, il-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq biex ikampaw fil-kriżi. Il-bord tal-BEI malajr approva l-self għall-programm il-ġdid fi żmien xahar. Is-self kien possibbli bis-saħħa ta' Tim Ewropa, inizjattiva ta' €36 biljun biex tgħin lill-pajjiżi msieħba tal-UE bil-pandemija billi tikkombina r-riżorsi mill-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri, il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp.**

## Tfittxija għal appoġġ internazzjonali

Il-Marokk huwa wieħed mill-pajjiżi Afrikani l-aktar affettwat mill-coronavirus. Anna Barone, kap tar-Rappreżentanza tal-BEI fil-Marokk, tgħid li l-pandemija esponiet inadegwatezzi enormi fis-sistema tal-kura tas-saħħa tal-pajjiż: infrastruttura tal-isptarijiet inadegwata, nuqqas ta' persunal mediku mħarreġ u disparitajiet kbar fil-kopertura tal-kura tas-saħħa. Fil-bidu tal-kriżi, il-Marokk kellu wieħed min-numri l-aktar baxxi ta' sodod fl-isptarijiet għal kull popolazzjoni fir-reġjun b'1.1 sodda biss għal kull 1 000 persuna. L-infiq pubbliku totali fuq il-kura tas-saħħa kien baxx ukoll għar-reġjun, b'madwar $160 għal kull persuna kull sena, hija tgħid.

Filwaqt li n-nuqqas ta' infrastruttura jibqa' sfida diffiċli, fi żmien qasir il-Marokk irnexxielu jirrispondi għall-kriżi b'mod effettiv, billi rnexxielu jitlob lill-komunità internazzjonali għal flus u kompetenza esperta. Il-pajjiż irdoppja l-għadd ta' sodod għall-kura intensiva għal madwar 3 000. Twaqqfu ċentri tal-ittestjar u qed jinfetħu oħrajn ġodda kuljum. Is-self mill-BEI u selliefa oħrajn għen biex jitħallsu l-provvisti, it-tagħmir u t-trattamenti mediċi li kienu tant meħtieġa.

Madankollu, sabiex jinġabru l-kotriet ta' persunal mediku kkwalifikat meħtieġ fil-ġlieda kontra l-pandemija kienet sfida ferm akbar. Professjonisti mediċi kkwalifikati huma partikolarment skarsi f'żoni rurali, li jista' jkollhom infrastruttura limitata u ostakli ġeografiċi ferm diffiċli, bħall-muntanji jew id-deżert. "Jista' jkollhom il-flus kollha fid-dinja, iżda jekk m'għandhomx il-persunal biex iqassmu l-maskri u jagħmlu t-testijiet tal-laboratorji, is-sitwazzjoni hija kkumplikata," tgħid Burduja, ekonomista anzjana tal-BEI għas-saħħa, li qed taħdem fuq il-proġett tal-Marokk.

Il-Marokk għandu madwar terz tan-numru ta' tobba għal kull 1 000 abitant li għandha t-Tuneżija (0.54 għal kull 1 000). Parti mis-self tal-BEI se jintuża għal investimenti "ħfief", bħall-edukazzjoni ta' tobba u dawk li jmexxu l-kliniki, u l-provvediment ta' taħriġ għal persunal mediku u amministrattiv fl-isptarijiet.

## Perkors mimli skossi lejn kura universali

Il-Marokk nieda pjan biex jintroduċi kura tas-saħħa universali fl-2002. Għalkemm il-perkors kien twil u diffiċli, renda r-riżultati. L-istennija tal-għomor fil-Marokk hija għolja, u l-indikaturi ewlenin marru għall-aħjar gradwalment. Il-mortalità tat-trabi, pereżempju, naqset bin-nofs minn 42 mewta għal kull 1 000 twelid ħaj fl-2000 għal 20 fl-2017.

Il-kampanja l-aktar riċenti biex titwessa' l-kopertura tas-saħħa tieħu l-forma ta' strateġija ta' ħames snin, mill-2017 sal-2021, li titlob li jittejbu r-riżorsi tal-isptarijiet, li tiġi estiża l-kopertura medika għal dawk li jaħdmu għal rashom jew dawk fi professjonijiet regolati, li jiżdied in-numru ta' impjegati fis-settur tas-saħħa u li tiġi standardizzata l-edukazzjoni offruta lill-istudenti tal-mediċina fil-Marokk.

Il-gvern appoġġa dawn il-pjanijiet bi flus. L-infiq tal-gvern fuq is-saħħa tela' b'10% f'termini nominali fl-2019, filwaqt li l-investiment ġenerali fil-kura tas-saħħa, fis-settur pubbliku u l-privat, żdied b'40%, skont l-Oxford Business Group.

Ir-realtà, madankollu, hija li l-kura tas-saħħa, b'mod partikolari l-kura primarja, għadha 'l bogħod għal ħafna Marokkini. Filwaqt li t-Tielet Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti jagħmel talba għal aċċess universali għal mill-inqas kura tas-saħħa bażika, ħafna Marokkini ma għandhomx aċċess, sew minħabba li joqogħdu f'żoni rurali jew minħabba li mhumiex koperti minn RAMED, is-sistema pubblika tal-assigurazzjoni.

"Bażikament, anke jekk uffiċjalment il-foqra u l-vulnerabbli għandhom id-dritt għal aċċess bla ħlas, tgħid Barone, "dawk is-servizzi jaffaċċjaw ħafna nuqqasijiet f'termini ta' struttura, persunal u kwalità."

## Il-kriżi hija opportunità għal riforma

Barone tgħid li l-moviment spontanju ta' appoġġ internazzjonali li l-Marokk ingħata matul il-pandemija jista' jipprovdi l-momentum meħtieġ biex jiġu indirizzati l-aspetti li fadal biex jittejjeb l-aċċess għall-kura tas-saħħa. "Neħtieġu nieħdu l-opportunità mill-urġenza tal-kriżi biex nimplimentaw riformi li normalment jieħdu ħafna aktar żmien," hija tgħid.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment għandu rwol hawn ukoll. Barone tgħid li l-Bank jista' jgħin biex ikattar il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji differenti involuti fil-kura tas-saħħa Marokkina, billi jipprovdi kompetenza esperta u appoġġ tekniku. Il-bank tal-UE jista' jgħin ukoll biex jimmodernizza u jibni aktar sptarijiet, b'mod partikolari fiż-żoni rurali.

L-Unjoni Ewropea u l-Marokk qed jaħdmu fuq aġenda ta' kooperazzjoni ġdida għall-2021-2027, li tista' wkoll tipprovdi momentum ġdid għar-riformi. "Tista' tkun opportunità enormi biex nistabbilixxu prijoritajiet biex nerġgħu nvaraw l-ekonomija u nappoġġaw is-soċjetà," tgħid Barone, "biex il-kura tas-saħħa mtejba ssir pilastru ċentrali tal-irkupru tal-pajjiż."

> **"Neħtieġu nieħdu l-opportunità mill-urġenza tal-kriżi biex nimplimentaw riformi li normalment jieħdu ħafna aktar żmien."**

# ĦARSIEN TAL-ĦOLM TAT-TFAL

## L-edukazzjoni tista' ssofri fil-lockdowns. Iżda l-Marokk u t-Tuneżija mxew malajr biex jipprovdu lill-istudenti b'dak li jeħtieġu biex ikomplu jitgħallmu

Meta f'Marzu l-iskejjel Marokkini kellhom jagħlqu minħabba l-pandemija, il-Euromed University of Fez stinkat biex toffri klassijiet online għall-istudenti. Iżda t-tagħlim remot ma kienx faċli għal bosta studenti bħal Wafa Harir, li toqgħod madwar 100 kilometru fin-Nofsinhar ta' Fez. "Il-konnessjoni kienet bil-mod u instabbli, is-siti kienu qed jikkraxxjaw," qalet Harir, studenta fl-inġinerija diġitali u l-intelliġenza artifiċjali. Agħar minn hekk, id-*data* ċellulari meħtieġa biex tingħaqad mal-klassijiet online kienet għalja.

Harir u aktar minn 400 student ieħor fl-università ma kellhomx il-laptop tagħhom stess jew aċċess affidabbli għall-internet. L-università għamlet talba speċjali għall-assistenza, billi l-BEI kien diġà ffinanzja l-bini tagħha mal-Unjoni Ewropea. Il-Bank Ewropew tal-Investiment u d-Delegazzjoni tal-UE fil-Marokk taw donazzjoni ta' €500 000 mill-Kummissjoni Ewropea biex tgħin lill-istudenti jaħdmu minn darhom. **"Il-pandemija tal-COVID-19 għarrqet il-ħolm tal-istudenti fl-inċertezza," jgħid Didier Bosman, inġinier anzjan mal-BEI. "L-għan tagħna ma kienx li nirritornaw l-affarijiet għan-normal, iżda li noffru normal ġdid lill-istudenti li jistħoqqilhom biex ikunu jistgħu jitgħallmu u jirnexxu."**

Ftit ġimgħat wara d-donazzjoni tal-UE, twasslu 420 laptop b'aċċess mingħajr limitu għall-internet lill-istudenti li ma kellhomx kompjuters u li kienu jgħixu f'żoni remoti u b'konnessjoni ħażina.

Din l-operazzjoni kellha fil-mira l-bniet li ħtieġu kompjuter u aċċess għall-internet. Nouhayla Chahm, ta' 21 sena, qiegħda fir-raba' sena tagħha tal-inġinerija ċivili. **"Ninsab grata għall-università tiegħi u għall-Unjoni Ewropea talli tawni l-kuraġġ u l-enerġija li nibqa' għaddejja,"** hija tgħid. Minħabba li Chahm għandha marki għoljin ħafna, hija tista' żżomm il-laptop tagħha għal tliet snin. L-għotja għenet ukoll biex jinxtraw printers 3D biex jagħmlu maskri li jistgħu jerġgħu jintużaw u filtri li jintremew għall-istudenti u l-persunal.

### Mingħajr inkwiet fit-Tuneżija

L-Iskola Internazzjonali fit-Tuneżija bħalissa għaddejja b'arranġamenti taħt pjan għall-modernizzazzjoni ta' terz tal-iskejjel sekondarji kollha. Il-proġett ta' €220 miljun qed jiġi ffinanzjat mill-gvern Tuneżin, il-BEI, il-KfW fil-Ġermanja u għotja tal-UE. Iżda meta l-istudenti kienu qed iħejju għall-eżamijiet finali tagħhom, il-Ministeru tal-Edukazzjoni tat-Tuneżija għamel talba urġenti għall-għajnuna minħabba li ma kellhomx provvisti sanitarji, bħal maskri u sanitiser tal-idejn, biex joqogħdu attenti.

Bosman mill-BEI għal darb'oħra reġa' involva ruħu. Kien jaf li l-ftehim ta' self tal-Bank għall-proġett tal-modernizzazzjoni tal-iskola kien intemm b'ammont żejjed mhux mistenni ta' €8 miljun, minħabba li d-dinar Tuneżin kien deprezzat. Huwa ppropona li l-Bank juża parti minn dan l-ammont żejjed biex jipprovdi tagħmir sanitarju urġenti fl-iskejjel tat-Tuneżija. Fi żmien ġimgħa biss, ġew ordnati 750 000 maskra tal-wiċċ u 102 500 litru ta' sanitiser tal-idejn għal 240 000 student, 160 000 għalliema u persunal.

# SOLIDARJETÀ BIL-VAĊĊIN

**L-inizjattiva globali innovattiva li jittaffa l-impatt ekonomiku u tas-saħħa tal-pandemija jfisser li pajjiżi fqar se jingħataw aċċess għal vaċċin tal-COVID-19 fl-Afrika**

Hadd mhu protett sakemm kulħadd ikun protett minħabba li l-mard infettiv ma għandux konfini. Biex kulħadd ikun protett, il-pajjiżi kollha, għonja u fqar, irid ikollhom aċċess għal vaċċin tal-COVID-19.

Dik hija l-missjoni tal-inizjattiva globali innovattiva COVAX - immexxija b'mod konġunt mill-Alleanza GAVI, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u l-Koalizzjoni għall-Innovazzjonijiet fit-Tħejjija għall-Epidemiji. Appoġġati mill-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Kummissjoni Ewropea, COVAX għandha l-mira li tiżgura aċċess ekwu għal vaċċin tal-COVID-19 fl-ekonomiji kollha.

"Tqassim ġust u ekwu tal-vaċċini tal-COVID-19 li jirnexxu huwa essenzjali biex tiġi indirizzata l-pandemija u biex tittaffa sitwazzjoni terribbli f'pajjiżi li qed jiżviluppaw," jgħid Raffaele Cordiner, l-uffiċjal għall-investiment tal-Bank Ewropew tal-Investiment li qed jaħdem fuq il-proġett. "L-isforz konġunt tal-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Kummissjoni Ewropea bħala Tim Ewropa jenfasizza l-importanza ta' approċċ multilaterali biex jissolvew kwistjonijiet tas-saħħa globali. L-Ewropa fformulat strument finanzjarju innovattiv li juri t-tip ta' solidarjetà ma' sħabna l-bnedmin li hija meħtieġa f'dan il-mument perikoluż."

> "Filwaqt li rajna l-ostakli jittellgħu mal-Ewropa kollha biex nipprevjenu t-tixrid tal-infezzjoni, hemm ukoll ir-rieda li nikkontribwixxu sabiex jiġi aċċertat aċċess ekwu għall-vaċċini."

**Il-BEI qed jinvesti €400 miljun fl-Impenn Antiċipat tas-Suq ta' COVAX (COVAX Advance Market Commitment), l-istrument ta' garanzija innovattiv li se jappoġġa l-parteċipazzjoni ta' 92 pajjiż bi dħul baxx u medju fil-Faċilità COVAX. Dan l-istrument jipprovdi lil dawn il-pajjiżi l-aċċess għal dożi ffinanzjati minn donaturi ta' vaċċini tal-COVID-19 li huma affidabbli u effettivi. Flimkien mal-appoġġ addizzjonali għat-tħejjija u t-twassil lill-pajjiżi mmexxi minn Gavi u l-imsieħba tal-Alleanza tagħha, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u l-Fond tat-Tfal tan-NU, l-UNICEF, COVAX se taċċerta li dawk li huma l-aktar vulnerabbli fil-pajjiżi kollha jistgħu jiġu protetti fuq żmien qasir, irrispettivament mill-introjtu.**

Barra mill-garanzija tagħha għal aċċess ġust għal kull pajjiż, COVAX għandha l-mira li taċċelera l-iżvilupp u l-manifattura tal-vaċċini tal-COVID-19. Tipprovdi appoġġ għat-tnedija ta' kampanji għat-tilqim, inkluż il-katina tal-provvista kkontrollata bit-temperatura meħtieġa għat-tqassim effettiv tal-vaċċini.

### Missjoni ta' solidarjetà

Kważi 100 ekonomija parteċipanti awtofinanzjati jagħtu kontribuzzjoni finanzjarja lil COVAX u jiġbru flimkien ir-riżorsi għall-iżvilupp u l-akkwist tal-vaċċini. Sadanittant, il-parteċipazzjoni fil-mudell ta' 92 ekonomija bi dħul baxx u medju hija appoġġata finanzjarjament minn kontribuzzjonijiet ta' donaturi. Dawn jinkludu pajjiżi fl-Afrika sub-Saħarjana u l-Viċinat tan-Nofsinhar tal-UE, fejn il-vaċċini inkella ma jkunux affordabbli. "Din ħadet prominenza b'mod partikolari bħala missjoni ta' solidarjetà," tgħid Anna Lynch, speċjalista fix-xjenzi tal-ħajja mal-Bank Ewropew tal-Investiment, li ħadmet fuq il-ftehim tal-COVAX.

> **"Din il-kriżi hija mingħajr preċedent f'termini tan-natura globali u sinkronizzata tal-impatt."**

"Filwaqt li rajna l-ostakli jittellgħu mal-Ewropa kollha biex nipprevjenu t-tixrid tal-infezzjoni, hemm ukoll ir-rieda li nikkontribwixxu sabiex jiġi aċċertat aċċess ekwu għall-vaċċini."

Nofs il-pajjiżi bi dħul baxx u kwart tal-pajjiżi bi dħul medju jaffaċċjaw riskju għoli ta' impatt ekonomiku serju minħabba l-COVID-19. L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tistima li 132 miljun jistgħu jiżdiedu mat-total dinji ta' persuni bil-ġuħ minħabba l-impatt tal-pandemija.

"Din il-kriżi hija mingħajr preċedent f'termini tan-natura globali u sinkronizzata tal-impatt," tgħid Debora Revoltella, Direttriċi tad-Dipartiment tal-Ekonomija tal-BEI. "Kważi l-pajjiżi u r-reġjuni kollha tad-dinja huma affettwati. Għal dawn il-pajjiżi kollha, jew il-biċċa kbira tagħhom, hija wieħed mill-aktar daqqiet severi għat-tkabbir li qatt ġie rreġistrat."

### Aċċess ugwali għall-vaċċini għall-għonja u l-fqar

Vaċċin huwa waħda mill-aħjar għodod biex jingħeleb l-impatt tal-pandemija fuq is-saħħa u l-ekonomija.

COVAX qiegħda tiffinanzja l-iżvilupp ta' firxa ta' vaċċini potenzjali. Qiegħda tappoġġa l-manifattura ta' vaċċini fuq skala kbira u qed tinnegozja l-prezzijiet tal-vaċċini mal-manifatturi. Permezz tal-investimenti tal-COVAX, il-manifatturi jistgħu jespandu l-kapaċità tal-manifattura immedjatament, jipproduċu l-vaċċin anke waqt li qed jiġi evalwat fi provi kliniċi u qabel ma jkollu liċenzja. Jekk vaċċin jirnexxi, dawk id-dożi jkunu disponibbli minnufih.

Il-mira tal-COVAX hija li tiżgura li l-pajjiżi kollha jistgħu jaċċessaw dożi ta' vaċċin affidabbli u effettiv fuq l-istess skeda ta' żmien aċċelerata bejn wieħed u ieħor. Dan huwa essenzjali biex il-pandemija tiġi kkontrollata u jitnaqqas l-impatt tagħha fuq l-ekonomiji, il-komunitajiet, l-individwi, il-kummerċ, u l-ivvjaġġar.

Fil-fażi akuta tal-pandemija, il-fokus ta' COVAX se jkun li takkwista biżżejjed provvisti u riżorsi biex tipprovdi lill-ekonomiji kollha bil-vaċċini biex jipproteġu lil dawk li huma l-aktar f'riskju—il-ħaddiema tas-saħħa u tal-kura soċjali, l-anzjani u dawk li għandhom kundizzjonijiet tas-saħħa ulterjuri. Il-vaċċini jiġu allokati b'mod ugwali bejn l-ekonomiji li huma awtofinanzjati u dawk eliġibbli għall-Garanzija Avvanzata għas-Swieq, abbażi tal-Qafas għal Allokazzjoni Ġusta tad-WHO.

### Is-saħħa fl-għaqda

Is-servizzi tal-Bank Ewropew tal-Investiment ħadmu "malajr daqs kemm kien umanament possibbli" biex ifasslu u jiffirmaw il-ftehim COVAX, jgħid Raffaele Cordiner tal-Bank. "Il-kooperazzjoni u l-veloċità kienu inkredibbli, biex inkunu nistgħu ntemmu l-fażi akuta tal-pandemija u nerġgħu nibnu l-ekonomiji."

Is-self tal-Bank Ewropew tal-Investiment huwa appoġġat minn garanzija mill-Kummissjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli, li jippromwovi politika proattiva ta' għajnuna għall-iżvilupp u li primarjament jappoġġa investimenti fil-viċinat tal-UE u fl-Afrika. Dan minbarra appoġġ ta' €100 miljun mill-Unjoni Ewropea għal COVAX.

Permezz ta' dan l-approċċ globali għat-tilqim ikun jista' jibda l-irkupru soċjali u ekonomiku u jitnaqqas iċ-ċans li l-marda terġa' tfeġġ. COVAX turi li tassew hemm is-saħħa fl-għaqda.

**"L-Ewropa fformulat strument finanzjarju innovattiv li juri t-tip ta' solidarjetà ma' sħabna l-bnedmin li hija meħtieġa f'dan il-mument perikoluż f'dawn iż-żminijiet."**

# IT-THEDDIDA INFETTIVA L-OĦRA

## Ditta bijomedika li qiegħda taħdem fuq vaċċin ġdid kontra t-tuberkulożi tgħid li dan huwa kritiku għad-dinja li qed tiżviluppa

It-tuberkulożi ilha emerġenza globali għal dawn l-aħħar 30 sena. Huwa stmat li kwart tal-popolazzjoni tad-dinja għandha l-marda. Hija problema kbira fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, fejn il-faqar u l-instabbiltà tal-gvernijiet ixekklu l-programmi li jistgħu jikkontrollawha. Imma l-biċċa l-kbira tas-settur tal-bijoteknoloġija qed jinjoraha.

Iżda mhux Leander Grode. "Qed naħdem fuq l-eqqel qattiela waħdanija—u, għaldaqstant, il-marda infettiva l-aktar perikoluża—fid-dinja," huwa jgħid.

> "Hemm distakk reali fil-finanzjament għar-riċerka klinika fil-mard infettiv."

**Hemm ħtieġa kbira għal vaċċini aktar affidabbli u effettivi kontra t-tuberkulożi. Il-vaċċin ewlieni użat illum, BCG, ilu jeżisti madwar 100 sena.** F'Awwissu, il-Bank Ewropew tal-Investiment iffirma self ta' €30 miljun ma' Vakzine Projekt Management ta' Grode, magħrufa wkoll bħala VPM, biex jiffinanzja riċerka fi stadju aħħari dwar il-VPM1002, il-vaċċin il-ġdid tal-kumpanija mfassal biex jipprevjeni t-tuberkulożi fit-trabi.

### Kritika għall-Afrika u l-HIV

Ħafna nies li jieħdu l-vaċċin BCG xorta taqbadhom it-tuberkulożi. VPM tittama li l-mediċina ġdida tagħha toffri aktar protezzjoni. Is-self tal-BEI jagħmel parti minn ftehim akbar li jista' jinkludi €15-il miljun b'appoġġ għal mediċina għall-HIV, il-virus li jikkawża l-AIDS. Fl-Afrika, it-tuberkulożi hija l-marda l-aktar komuni fost il-persuni li jkollhom l-HIV. "Ma nistgħux nieqfu niġġieldu kontra mard bħat-tuberkulożi," jgħid Raffaele Cordiner, uffiċjal għas-self mal-Bank Ewropew tal-Investiment li ħadem fuq il-finanzjament tal-VPM. "Nittamaw li dalwaqt inkunu fil-fażi tat-tranżizzjoni tal-COVID-19, iżda t-tuberkulożi ilha ddur magħna għal mill-inqas l-aħħar 200 000 sena."

**It-tuberkulożi u l-COVID-19 jinxterdu b'modi simili minn persuna għal oħra permezz ta' taqtiriet żgħar rilaxxati fl-arja permezz tas-sogħla u l-għatis. Bħall-coronavirus, it-tuberkulożi tikkawża problemi kbar fil-pulmuni jekk ma tiġix ittrattata, iżda tattakka wkoll il-moħħ, il-kliewi u s-sinsla.**

Jekk in-nies jaħsbu li l-coronavirus huwa intelliġenti, għandhom jaraw kif topera t-tuberkulożi, tgħid Sina Brückner, maniġer tal-proġett li qed taħdem fuq il-vaċċin il-ġdid ta' VPM. "It-tuberkulożi hija marda intelliġenti ħafna, pjuttost ferm adattata għall-bnedmin," hija tgħid. "Diffiċli ħafna biex tiġġildilha u tista' tikkawża bosta problemi tas-saħħa. In-nies ikunu mġewħa, jirqaqu ħafna, ma jkunux jistgħu jieklu. Meta mqabbla mal-coronavirus, il-ġlieda kontra t-tuberkulożi hija ferm aktar ikkumplikata. Hija fuq livell kompletament differenti."

## Aktar finanzjament għall-vaċċin tat-tuberkulożi għad-dinja li qed tiżviluppa

Il-finanzjament huwa wieħed mill-akbar ostakli għal vaċċini ġodda tat-tuberkulożi. Dan it-tip ta' vaċċin jgħin primarjament lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, għalhekk ma tantx jagħmel flus għall-kumpaniji farmaċewtiċi, mhux bħat-trattamenti tal-kanċer, li jagħtu redditu finanzjarju ogħla.

Cordiner, l-uffiċjal għas-self tal-BEI, jgħid li hemm ħtieġa sinifikanti għal ftehimiet ta' finanzjament mill-Kummissjoni Ewropea jew minn pajjiżi tal-Unjoni Ewropea biex jgħinu lil kumpaniji bħal VPM. Ftehimiet b'mandati speċjali jistgħu jagħtu lill-bank tal-UE aktar għodod u aktar finanzjament biex jappoġġa riċerka aktar riskjuża jew teknoloġiji li ma jkunux ġew ippruvati. Is-self tal-BEI għall-vaċċin tat-tuberkulożi huwa appoġġat mill-Pakkett ta' Finanzjament ta' Impatt, li huwa appoġġat mill-Istati Membri tal-UE u jintuża għal proġetti tal-iżvilupp f'partijiet aktar foqra tal-Afrika. Is-self huwa ftehim ta' kapital ta' riskju li se jitħallas lura abbażi tal-provi u l-prestazzjoni fis-suq tal-mediċina. Jekk il-mediċina ma taħdimx, is-self jista' jitħassar.

## Mediċina affordabbli u tilqim bil-massa

"Huwa tassew importanti li niffinanzjaw proġetti bħal dan," tgħid Anna Lynch, speċjalista fix-xjenzi tal-ħajja mal-Bank. "Hemm distakk reali fil-finanzjament għar-riċerka klinika fil-mard infettiv, u l-investiment għal patoġeni ta' theddida għolja ta' spiss huma reattivi. Nittamaw li l-finanzjament futur jista' jiġi ggwidat b'mod attiv mill-piż globali tal-mard."

Vakzine Projekt Management hija sussidjarja tas-Serum Institute of India, l-akbar manifattur tal-vaċċini fid-dinja. Il-kumpanija twaqqfet minn Cyrus Poonawalla, li qal li l-għanijiet tiegħu huma li l-mediċina tkun affordabbli għad-dinja li qed tiżviluppa u li jlaqqam kemm jista' jkun nies.

"Is-Serum Institute huwa organizzazzjoni ferm inkredibbli," tgħid Cristina Niculescu, speċjalista oħra tax-xjenzi tal-ħajja mal-Bank Ewropew tal-Investiment. "Huma tassew immexxija minn filosofija filantropika ta' vaċċini affordabbli."

Il-mediċini l-ġdida tal-VPM se tkun immirata primarjament għall-pajjiżi Afrikani sub-Saħarjani li għandhom numri għoljin ta' każijiet tat-tuberkulożi. Se jsiru l-provi kliniċi fl-Uganda, il-Gabon, il-Kenja, it-Tanzanija u l-Lesotho.

Grode, id-direttur amministrattiv ta' VPM, jgħid li fl-aħħar nett il-ġejjieni jidher aktar promettenti għar-riċerka tal-vaċċini kontra t-tuberkulożi u mard infettiv ieħor, u dan parzjalment minħabba l-coronavirus.

"Il-COVID biddel l-istorja," huwa jgħid. "In-nies qed jirrealizzaw li ma nistgħux inkomplu nistennew il-mard jiżviluppa u mbagħad nippruvaw nittrattaw lin-nies b'mediċini ġodda. Il-futur tad-dinja jinsab f'tilqim aħjar."

> "Il-futur tad-dinja jkun aħjar b'tilqim aħjar."

# ĠOBON MILL-GEORGIA B'TOGĦMA ŻVIZZERA

**Il-bdiewa tal-Georgia jitħarrġu ma' skola agrikola Żvizzera bis-saħħa ta' self appoġġat mill-UE**

L-agrikoltura tagħmel parti kbira mill-identità nazzjonali tal-Georgia. Nofs it-territorju tal-pajjiż huwa art agrikola u madwar l-istess persentaġġ tal-forza tax-xogħol taħdem fis-settur, fejn kważi kolla jaħdmu għal rashom fuq irziezet żgħar. Iżda l-produttività hija baxxa u l-bdiewa spiss jaffrontaw il-faqar. Biex tissaħħaħ l-agrikoltura u jitkattar l-għarfien espert, se tinfetaħ skola vokazzjonali f'Sarkineti, raħal li jinsab fl-għoljiet tal-muntanji qrib Dmanisi, 120 km mill-belt kapitali, Tbilisi. Hija kollaborazzjoni ma' skola agrikola storika Żvizzera. "Il-kundizzjonijiet naturali fi Dmanisi huma simili għal dawk fl-Iżvizzera," tgħid Tinatin Makjaradze, direttriċi tal-iskola. "Ir-reġjun huwa vulnerabbli, għalhekk dan il-proġett se jagħtih il-ħajja u joħloq opportunitajiet addizzjonali għall-introjtu."

L-Iskola Agrikola Żvizzera tal-Kawkasu (Swiss Agricultural School Caucasus) se toffri korsijiet fuq termini qosra u twal fit-trobbija tal-bhejjem u l-produzzjoni tal-ħalib, b'kollaborazzjoni ma' Plantahof mill-Iżvizzera. Din hija inizjattiva privata mhux għall-qligħ li se topera il-fabbrika tal-ġobon tagħha stess u azjenda tal-ħalib, u se tiġi ffinanzjata permezz ta' self mill-Bank tal-Georgia, flimkien ma' għotjiet minn imsieħba Żvizzeri u Georgiani, l-Aġenzija Żvizzera għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni u l-Programm tal-Iżvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti.

### It-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' ġar tal-UE apprezzat

Il-BEI ffirma self ta' €50 miljun mal-Bank tal-Georgia għal intrapriżi ta' daqs żgħir u medju u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, li ġie żborżat parzjalment fl-2020. F'Diċembru, il-Bank iffirma self addizzjonali ta' €25 miljun bħala parti mill-miżuri ta' emerġenza tal-COVID-19 tat-Tim Ewropa. Min-naħa tiegħu, il-Bank tal-Georgia jislef il-flus lil entitajiet lokali, inkluża l-Iskola Agrikola Żvizzera tal-Kawkasu. Dan kien l-ewwel self mill-bank tal-UE lill-Bank tal-Georgia li kien magħmul disponibbli fil-munita lokali, u b'hekk ġiet eliminata l-espożizzjoni tar-rata tal-kambju għall-benefiċjarju aħħari. "Is-self mill-Bank Ewropew tal-Investiment għandu effett immedjat fuq terminu qasir u twil fuq is-suq," jgħid Levan Kobiashvili, Kap tat-Taqsima għall-Finanzjament tal-Bank tal-Georgia. "B'dan stajna nittrasferixxu l-benefiċċju lill-klijenti SMEs tagħna, li huma parti importanti tal-portafoll tagħna."

Il-finanzjament attraenti tal-BEI fil-munita lokali kien possibbli minħabba l-għotjiet mill-Kummissjoni Ewropea taħt l-Inizjattiva tal-Lvant għal Żona ta' Kummerċ Ħieles Profonda u Komprensiva. "Fil-Georgia, l-SMEs huma parti ewlenija tal-ekonomija," jgħid Andreas Berkhoff, l-uffiċjal għas-self tal-BEI li ħadem fuq il-ftehim. "Aħna nuru li l-SMEs jibbenefikaw mill-kooperazzjoni bejn il-Georgia u l-UE. Biex nappoġġawhom, aħna naħdmu id f'id mad-Delegazzjoni tal-UE u l-Kummissjoni taħt il-qafas tal-Isħubija tal-Lvant." L-appoġġ tal-UE għall-SMEs fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant jaqa' taħt l-inizjattiva EU4Business. Il-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment huwa s-sieħeb ċentrali tal-inizjattiva.

# TFAL DIĠITALI

**L-edukazzjoni diġitali tittrasforma l-iskejjel Serbi biex il-pajjiż isir aktar reżiljenti ekonomikament – u biex jindirizza pandemiji futuri bħall-COVID-19**

L-impatt tal-pandemija fuq l-edukazzjoni kien enormi, fejn l-għeluq tal-iskejjel u l-universitajiet affettwa aktar minn 90% tal-popolazzjoni globali tal-istudenti f'194 pajjiż. Il-gvernijiet kellhom jirreaġixxu malajr u jistabbilixxu t-tagħlim mill-bogħod. Bosta adottaw programmi ta' tagħlim online. Fejn dan ma kienx possibbli, daru għat-televiżjoni, jew anke għar-radju.

Iżda l-kriżi esponiet id-diviżjoni diġitali bejn il-pajjiżi u fi ħdanhom. Deher ċar li kien hemm il-ħtieġa globali għat-trasformazzjoni diġitali tas-settur tal-edukazzjoni. Il-Bank Ewropew tal-Investiment jagħmel parti minn dik it-trasformazzjoni.

**Fis-Serbja, bl-għajnuna tal-Bank, l-iskejjel kollha se jkunu diġitali sal-2021. Id-diġitalizzazzjoni u r-riforma fl-edukazzjoni huma ż-żewġ prijoritajiet ewlenin tal-gvern Serb. Il-Bank Ewropew tal-Investiment appoġġa self ta' €65 miljun biex jiġu aġġornati materjali tal-infrastruttura diġitali u tat-tagħlim diġitali, kif ukoll it-taħriġ tal-għalliema (bl-appoġġ tal-UNICEF). Minħabba li huwa proġett tant importanti, il-Bank qed jiffinanzja kważi 60% tal-ispiża totali ta' €111-il miljun. €4 miljun addizzjonali se jappoġġaw l-assistenza teknika u l-ħidma ta' konsulenza fl-2021.**

"Il-pandemija tal-COVID-19 u r-restrizzjonijiet soċjali li ġew imposti kkawżaw tħarbit serju fis-sistemi u l-proċessi edukattivi," tgħid Isabelle Stoffel, l-uffiċjal anzjan għas-self tal-BEI li ħadmet fuq il-ftehim. "Dawn iċ-ċirkostanzi mingħajr preċedent urew li infrastruttura diġitali aħjar ittejjeb l-effiċjenza tal-iskejjel fil-każ ta' emerġenzi. Minbarra aktar reżiljenza għal kriżijiet futuri, dan l-investiment se joħloq kundizzjonijiet għall-impjegabbiltà taż-żgħażagħ, aktar kompetittività u tkabbir fl-innovazzjoni fil-pajjiż."

Meta s-Serbja daħlet f'lockdown f'Marzu, it-tagħlim tmexxa mis-settijiet tat-televiżjoni minflok mill-klassijiet. Il-Ministeru tal-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Iżvilupp Teknoloġiku beda jxandar il-kontenut edukattiv għall-istudenti tal-iskejjel elementari u sekondarji fuq il-kanali tat-televiżjoni pubbliċi nazzjonali tas-Serbja. Bħal bosta pajjiżi oħra, is-Serbja kellha tirreaġixxi malajr u tadatta għan-"normal ġdid" billi tipproduċi kontenut speċjalizzat għal snin multipli.

Madankollu, is-Serbja kienet diġà qed tipprepara l-kontenut edukattiv diġitali tagħha għal dawn l-aħħar ftit snin. "Anke qabel dan il-proġett, il-gvern kien ipprepara kontenut tat-tagħlim online għal erba' snin tal-iskola elementari, li kienu estremament utli matul il-lockdown," jgħid Milan Dobrijević, li huwa l-kap tad-dipartiment tal-aġenda diġitali fi ħdan il-Ministeru tal-Kummerċ, it-Turiżmu u t-Telekomunikazzjoni, u li ilu jaħdem fuq il-proġett mill-bidu nett.

Billi l-proġett jinkludi t-titjib tal-infrastruttura diġitali *u* l-materjal tat-tagħlim fl-iskejjel, iż-żewġ ministeri lokali tat-telekomunikazzjoni u tal-edukazzjoni qed jimplimentawh. "Sat-tmiem is-sena li ġejja, aktar minn 1 800 skola akbar se jkunu koperti b'aċċess għall-internet wireless b'veloċità għolja, filwaqt li l-kumplament tal-iskejjel remoti se jkunu konnessi permezz ta' unitajiet tal-broadband mobbli," jgħid Dobrijević,

> "Dan huwa pass kruċjali fil-pjan tas-Serbja biex issir ekonomija diġitali."

### Mill-hardware għas-software

"Minbarra l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura diġitali, il-proġett jinkludi taħriġ għall-għalliema fin-nazzjon kollu," tgħid Nihan Koseleci Blanchy, l-ekonomista għall-edukazzjoni mal-Bank Ewropew tal-Investiment. "Barra dan, il-Ministeru tal-Edukazzjoni Serb fl-istess ħin qed jiżviluppa materjali u kotba għal tagħlim online interattiv."

B'kollox, madwar 50 000 għalliem mill-pajjiż kollu se jingħataw opportunità biex itejbu l-ħiliet diġitali tagħhom permezz ta' dan it-taħriġ. "Dan huwa pass kruċjali fil-pjan tas-Serbja biex issir ekonomija diġitali," tgħid Koseleci Blanchy.

Is-Serbja għarfet ir-rwol li għandha l-edukazzjoni fid-diġitalizzazzjoni. Skont il-Eurostat, il-livell tal-ħiliet diġitali individwali fis-Serbja tela' għal 46% fl-2019 minn 32% fl-2015. Fl-2018, kien hemm 2 000 klassi mgħammra b'mod diġitali mas-Serbja kollha. Sena wara, in-numru żdied għal aktar minn 10 000. U minn din is-sena skolastika, ix-xjenza tal-kompjuters se jkun suġġett obbligatorju għall-istudenti tal-ewwel sena, filwaqt li l-ipprogrammar se jkun introdott fit-tielet sena. "B'dawn il-programmi kollha, is-sistema tal-edukazzjoni Serba se ssir aktar reżiljenti, li min-naħa tagħha se tiżgura l-iżvilupp tal-ħiliet li jrawmu ideat u teknoloġiji ġodda," tispjega Koseleci Blanchy.

### Għamlu l-homework tagħhom

Fil-Kroazja, it-tfal tal-iskola wkoll gawdew mill-benefiċċji ta' ppjanar diġitali tajjeb. Il-pajjiż beda programm tad-diġitalizzazzjoni tal-iskejjel bosta snin ilu bil-mira li jipprovdi edukazzjoni ta' kwalità għolja li tapprofitta mill-għodod diġitali l-aktar riċenti fit-tagħlim. Il-pjan inkluda affarijiet ġodda bħal kontenut online, software, taħriġ għall-għalliema u l-persunal tal-iskola, u l-installazzjoni ta' tagħmir ġdid.

Dan il-programm ta' diġitalizzazzjoni mal-pajjiż kollu beda bi proġett pilota mill-2015 sal-2018, li kopra aktar minn 150 skola, jew 10% tal-iskejjel fil-pajjiż. It-tieni fażi, li ntemmet fl-2019, kopriet il-kumplament tal-iskejjel. Il-programm kollu għen lill-istudenti f'aktar minn 1 300 skola biex isiru aktar kunfidenti b'ħidma u tagħlim online.

**Il-preparazzjoni tal-inizjattiva kienet megħjuna minn JASPERS (Assistenza Konġunta fis-Sostenn ta' Proġetti fir-Reġjuni Ewropej) u hija appoġġata mill-Kummissjoni Ewropea u l-BEI. JASPERS tgħin lil reġjuni u bliet itejbu l-mod kif jużaw il-fondi tal-UE. JASPERS għenet lill-Kroazja tħejji l-programm kollu**, inkluż billi offriet konsulenza dwar kif l-integrazzjoni tat-teknoloġija informatika fis-sistema edukattiva tgħin lit-tfal, tinkoraġixxi t-tagħlim tul il-ħajja u tkun ta' benefiċċju għall-ekonomija u l-iżvilupp soċjali tal-pajjiż.

Meta bdew il-lockdowns fl-2020, il-programm tad-diġitalizzazzjoni u miżuri edukattivi oħrajn li kienu diġà fis-seħħ għenu biex it-tranżizzjoni għat-tagħlim mid-dar fil-Kroazja sseħħ mingħajr xkiel. L-istudenti tal-iskejjel primarji u sekondarji setgħu jkomplu bl-edukazzjoni tagħhom online mingħajr interruzzjoni meta l-iskejjel għalqu f'nofs Marzu.

# MINN FEJN JIĠU L-FLUS



**Il-Bank Ewropew tal-Investiment, l-akbar mutwanti u mutwatarju multilaterali fid-dinja, ġabar €70 biljun fis-swieq kapitali internazzjonali fl-2020. Il-ħruġ tal-Bank jilħaq investituri li tipikament forsi ma jinvestux fl-Ewropa, iżda li jikkontribwixxu indirettament fi proġetti Ewropej billi jinvestu f'bonds tal-BEI.**

**Il-Bank ħareġ bonds fi 19-il munita,** bil-maġġoranza miġbura fil-muniti ewlenin tal-euro Ewropej, id-dollari Amerikani u l-lira sterlina. Sorsi u perjodi ta' maturità diversifikati joffru flessibbiltà għall-istrateġija ta' finanzjament tal-Bank. Bl-approċċ b'diversi muniti, il-BEI jkun jista' wkoll jaċċessa xi muniti lokali għal ħlasijiet.

## IL-BEI FIS-SWIEQ

Il-pandemija tefgħet piż kbir fuq is-saħħa pubblika u l-ekonomija – kif ukoll fuq il-mod kif joperaw is-swieq u l-istituzzjonijiet finanzjarji. F'Marzu, meta l-BEI ħareġ l-ewwel bond ta' riferiment sovranazzjonali mit-tfaqqigħ tal-pandemija, l-attività tal-Bank iggwidat is-suq. Kellna l-mira li nuru l-flessibbiltà biex nadattaw għal ċirkostanzi li kienu ta' sfida u li kienu qed jinbidlu, filwaqt li fl-istess ħin iffokajna l-attenzjoni fuq ir-rispons rapidu tal-BEI għal oqsma fejn kien meħtieġ l-appoġġ immedjatament, tgħid, **Eila Kreivi, Direttriċi tal-BEI għas-Swieq Kapitali.**

Permezz ta' aktar minn nofs sena ta' tranżazzjonijiet imwettqa mill-persunal li kien qed jaħdem mid-dar, il-Bank, il-maniġers ewlenin u l-investituri involuti fil-ftehimiet tagħna wrew impenn biex jaħdmu flimkien mill-bogħod, f'kundizzjonijiet tas-suq inċerti.

Id-daqs tal-programm ta' finanzjament tal-BEI ma ġiex mimsus materjalment mill-pakketti tar-rispons għall-pandemija billi r-rispons ewlieni tagħna kien fi strumenti b'garanziji attribwiti.

## ĦRUĠ SKONT IL-MUNITA

**EUR**






**Aspett pożittiv ta' din is-sena kienet l-ispinta mogħtija għall-finanzjament għal objettivi soċjali. B'mod partikolari kien hemm qabża fil-volumi tal-bonds soċjali, u għaldaqstant nistgħu tassew ngħidu li l-aspett soċjali tal-finanzjament għamel passi kbar 'il quddiem. M'għadux lura wisq mill-finanzjament ekoloġiku.**

Il-BEI kellu r-rwol tiegħu hemm ukoll. Kmieni f'April, il-BEI estenda l-eliġibbiltà għall-Bonds għal Kuxjenza dwar is-Sostenibbiltà (SABs) tiegħu, fejn ġibed l-attenzjoni lejn il-miżuri ta' emerġenza tal-Bank fil-kura tas-saħħa. Il-qafas tal-SABs, li tnieda għall-ewwel darba fl-2018 b'fokus inizjali fuq proġetti tal-ilma, ġie estiż għas-settur tas-saħħa tard fl-2019. Dawn il-bonds jibnu fuq il-kompetenza esperta miksuba mill-Bonds għal Kuxjenza dwar il Klima (CABs), qafas ta' bonds ekoloġiċi maħruġa l-ewwel mill-BEI fl-2007. L-eliġibbiltà għas-SABs tirrifletti l-firxa wiesgħa tal-finanzjament tal-BEI fil-ġlieda kontra l-pandemija u l-konsegwenzi tagħha, fi ħdan rispons ta' emerġenza ekonomiku jew tas-saħħa nazzjonali u internazzjonali wiesa', kif ukoll fil-pjanijiet futuri għat-tħejjija.

Integrajna kriterji ta' skrinjar tekniku allinjati mat-Tassonomija tas-Sostenibbiltà tal-UE. S'issa, dan kien l-aktar rilevanti għall-eliġibbiltà għall-CABs tagħna, b'espansjoni skont it-Tassonomija tal-UE lil hinn mill-effiċjenza fl-enerġija u l-enerġija rinnovabbli f'żewġ oqsma addizzjonali tal-mitigazzjoni għat-tibdil fil-klima: ir-riċerka, l-iżvilupp u t-tnedija ta' teknoloġiji innovattivi b'użu baxx tal-karbonju; u infrastruttura tal-ferroviji elettriċi u vetturi ferrovjarji, u karozzi tal-linja elettriċi.



# PUNTI EWLENIN TAL-PJAN TAL-OPERAT TAL-GRUPP

Inċertezza kbira minħabba l-pandemija globali. Il-kriżi ħasdet l-ekonomija u b'mod drammatiku bidlet l-attivitajiet tal-Grupp tal-BEI. Madankollu, **il-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment intrabat li jżid l-appoġġ għall-irkupru.**

**Se nżidu l-finanzjament għall-klima u l-ambjent.** Il-Pjan Direzzjonali tal-Bank għall-Klima l-ġdid jispjega kif se nwettqu l-għanijiet tagħna mill-2021 sal-2025. Il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima hija waħda mill-isfidi l-aktar importanti ta' żmienna.

**Se nkomplu nippromwovu l-koeżjoni fost il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea.** Għad hemm ħafna differenzi strutturali bejn l-Istati Membri u dan deher ċar b'mod speċjali matul il-kriżi tal-COVID-19, li qed tolqot xi reġjuni b'mod aktar sever minn oħrajn. Ninsabu impenjati lejn il-Mekkaniżmu tal-Kummissjoni Ewropea għal Tranżizzjoni Ġusta. Meta ngħinu lil dawk ir-reġjuni li jiddependu ħafna fuq il-karburanti fossili, niżguraw li n-nies ma jitħallewx lura meta l-industriji jinbidlu u jintilfu l-impjiegi.

**Il-Grupp tal-BEI se jappoġġa t-trasformazzjoni teknoloġika tal-kumpaniji, jimbotta l-innovazzjoni, biex il-kumpaniji jsiru aktar effiċjenti u jittejbu s-servizzi.** Se ngħinu lill-kumpaniji jaċċeleraw id-diġitalizzazzjoni tagħhom biex ikattru r-reżiljenza u l-produttività. Hemm nuqqas ta' investiment sinifikanti fl-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fl-Ewropa, u dan qed ixekkel it-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività globali tal-Unjoni Ewropea.

**Se nistinkaw biex nimplimentaw il-mandati tal-UE fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali l-ġdid u biex naħdmu mal-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea biex nappoġġaw il-pjan tal-EU għall-Ġenerazzjoni Li Jmiss għall-irkupru ekonomiku.** Dan se jsostni l-irkupri wara l-kriżi u jipprovdi pedament sod għal tkabbir sostenibbli fuq żmien fit-tul abbażi tal-prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea għall-azzjoni għall-klima, it-teknoloġija diġitali u l-koeżjoni.

**L-ammont ta' finanzjament barra l-Unjoni Ewropea se jibqa' simili għal dak tas-snin riċenti.** Se niffokaw fuq il-kriżi tal-COVID-19, in-negozji ż-żgħar u investiment oħrajn li se jixprunaw l-irkupru ekonomiku u jissieltu kontra t-tibdil fil-klima. Se nappoġġaw aktar proġetti li qed jgħinu pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-kura tas-saħħa dejjem jikbru u biex l-ekonomiji jissaħħu aktar biex iżommu sodi fi kriżijiet ġodda.

**L-attivitajiet tal-Fond Ewropew tal-Investiment se jiżdiedu b'mod sinifikanti fl-2021, primarjament minħabba r-rwol ewlieni tiegħu fil-Fond ta' Garanzija Ewropew u risponsi oħrajn fil-ġlieda kontra l-kriżi tal-COVID-19.** Il-FEI se jkun responsabbli għall-Fondi għall-Klima u l-Infrastruttura tal-BEI fl-2021.

**L-attivitajiet tal-Fond ta' Garanzija Ewropew il-ġdid huma addizzjonali għall-finanzjament ippreżentat fil-Pjan tal-Operat tagħna.** Dan il-fond il-ġdid se jgħin biex jipprovdi assistenza addizzjonali lil negozji ta' kull daqs, jindirizza l-ħtiġijiet tal-kura tas-saħħa u jgħin ir-riċerka medika.

**Il-governanza tal-Grupp se tissaħħaħ bi programm ġdid għar-riskji u l-konformità ssorveljat minn Roman Escolano, li nħatar bħala l-Uffiċjal Kap tar-Riskji tal-Grupp fl-2020.** Il-Kumitat tal-Verifika tal-Grupp tal-BEI ġie msaħħaħ ukoll. Il-governanza tal-Grupp tkopri r-regoli u l-proċessi li jintużaw biex jiġi mmaniġġjat il-Bank.

**Il-Grupp tal-BEI se juża t-tagħlimiet mill-kriżi biex jeżamina kif nistgħu nsibu modi ġodda biex naħdmu u nwettqu l-kompiti tagħna**. Bosta impjegati qegħdin fuq telexogħol matul il-pandemija.

**Aqra l-Pjan tal-Operat sħiħ għall-2021 fuq**
**www.eib.org/en/publications**

## GOVERNANZA

Il-BEI huwa korp tal-UE, responsabbli għall-Istati Membri, u bank li jsegwi l-aħjar prattika bankarja applikabbli fit-teħid tad-deċiżjonijiet, il-ġestjoni u l-kontrolli.

Fil-bidu tal-2020, il-**Bord tal-Gvernaturi** kien magħmul mill-ministri tal-gvernijiet, normalment il-Ministri tal-Finanzi, minn kull wieħed minn dawk li kienu 28 Stat Membru. (Bil-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea fl-1 ta Frar 2020, dak in-numru sar 27). Il-Gvernaturi jistabbilixxu l-linji gwida tal-politika ta' kreditu tal-Bank u darba fis-sena japprovaw il-kontijiet annwali. Jiddeċiedu fuq iż-żidiet fil-kapital u l-parteċipazzjoni tal-Bank fl-operazzjonijiet ta' finanzjament barra mill-Unjoni Ewropea. Jappuntaw ukoll il-membri tal-Bord tad-Diretturi, il-Kumitat ta' Tmexxija u l-Kumitat ta' Verifika. Il-Gvernaturi tal-BEI b'mod unanimu fl-2019 qablu li t-tluq tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea mhu se jkollu l-ebda impatt fuq il-bażi kapitali sottoskritta soda tal-BEI. Il-kapital tal-BEI sottoskritt mill-Polonja u r-Rumanija żdied fl-1 ta' Marzu 2020, li pprovda lill-BEI b'bażi kapitali ogħla minn qabel il-Brexit.

**Il-Bord tad-Diretturi** jieħu d-deċiżjonijiet dwar self, programmi ta' self u kwistjonijiet oħra ta' finanzjament. Jiltaqa' għaxar darbiet fis-sena biex jiżgura li l-Bank jiġi mmaniġġjat kif suppost skont it-Trattati tal-UE, l-Istatut tal-Bank stess, u d-direttivi ġenerali stabbiliti mill-Bord tal-Gvernaturi. Mill-1 ta' Frar 2020, issa hemm 28 direttur, wieħed maħtur minn kull Stat Membru u wieħed mill-Kummissjoni Ewropea. Hemm ukoll 31 direttur supplent. Sabiex titwessa' l-kompetenza esperta professjonali tal-Bord tad-Diretturi, sitt esperti jistgħu jiġu maħtura biex jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Bord bħala konsulenti mhux votanti. Id-deċiżjonijiet jittieħdu b'maġġoranza li tirrappreżenta tal-anqas 50% tal-kapital sottoskritt mill-Istati Membri u terz wieħed tal-membri tal-Bord intitolat għal vot, għajr jekk ma jkunx ipprovdut mod ieħor fl-Istatut. Il-Bord huwa ppresedut mill-President f'kapaċità mhux votanti.

**Il-Kumitat ta' Tmexxija** huwa l-korp residenti tal-Bank li jieħu d-deċiżjonijiet. Jissorvelja l-ħidma ta' kuljum tal-Bank, jipprepara d-deċiżjonijiet għall-Bord tad-Diretturi u jiżgura li dawn jiġu implimentati. Jiltaqa' darba fil-ġimgħa. Il-Kumitat ta' Tmexxija jaħdem taħt l-awtorità tal-President u s-superviżjoni tal-Bord tad-Diretturi. It-tmien membri l-oħra huma l-Viċi-Presidenti tal-BEI. Il-membri jiġu maħtura għal perjodu li jista' jiġġedded sa sitt snin u huma responsabbli għall-Bank biss.

Il-Bank għandu **Kumitat ta' Verifika** indipendenti li jwieġeb direttament għall-Bord ta' Gvernaturi. Huwa responsabbli għall-verifika tal-kontijiet tal-Bank u biex jivverifika li l-attivitajiet tal-Bank huma konformi mal-aħjar prattika bankarja. Ir-rendikont tal-Kumitat ta' Verifika huwa sottomess għall-Bord tal-Gvernaturi flimkien mar-rapport annwali tal-Bord tad-Diretturi. Il-Kumitat ta' Verifika huwa magħmul minn sitt membri maħtura għal terminu li ma jistax jiġġedded ta' sitt snin finanzjarji konsekuttivi.

# XI JMISS?

## X'JISTENNEW LI JARAW PERSUNAL TAL-BEI FIS-SETTURI JEW FIS-SWIEQ TAGĦHOM FL-2021.

L-investiment sostenibbli huwa l-uniku investiment produttiv fl-ekonomija tagħna. Il-BEI rrisponda għall-pandemija mhux biss b'riżorsi finanzjarji, iżda wkoll b'impenn sod għall-użu sostenibbli tagħhom. Ir-responsabbiltà hija pilastru u l-Bank għandu l-ħsieb li jsegwi l-finanzjament ekoloġiku skont ir-Regolament dwar it-Tassonomija tal-UE, il-qafas stabbilit mill-Unjoni Ewropea fl-2020 biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli. Nirriflettu dan il-proċess li għaddej fis-swieq kapitali permezz tal-ħruġ ta' Bonds għal Kuxjenza dwar il-Klima u s-Sostenibbiltà, fejn l-allokazzjonijiet tagħhom huma esklussivament għal investimenti ta' sinifikat ekoloġiku jew soċjali. Fl-2020, il-volum ta' ħruġ ta' dawn il-bonds kiber għal aktar minn €10 biljun, jew 15% tal-programm ta' finanzjament totali tal-Bank, meta mqabbel ma' 7% fl-2019. L-eliġibbiltà għandha tiġi estiża biex tinkludi l-bijodiversità u l-akkomodazzjoni soċjali u affordabbli fl-2021.

**Aldo Romani,** Kap tal-Finanzjament għas-Sostenibbiltà, Direttorat tal-Finanzi

Is-servizzi tal-ilma u tal-ilma mormi, li huma pedament ta' soċjetà f'saħħitha, kampaw sew fil-pandemija. Il-Bank seta' jgħin lill-klijenti li kienu qed jaffaċċjaw diffikultajiet fuq terminu qasir minħabba l-lockdowns u t-tħarbit kummerċjali, u l-attività f'dan is-settur kibret ukoll fl-2020. Din il-perseveranza tenfasizza kif dan is-settur dejjem jaħseb għall-quddiem. Nistennew li nkomplu naqdu rwol importanti bħala msieħeb għas-settur fis-snin li ġejjin.

**Thomas van Gilst,** Kap tas-Sigurtà u Reżiljenza tal-Ilma, Direttorat tal-Proġetti

Bdejna reviżjoni tal-Istandards Ambjentali u Soċjali tal-BEI, li għandha titlesta fl-2021. Qed immexxu minn approċċ ta' konformità mingħajr ebda ħsara għal kontribuzzjoni pożittiva għas-sostenibbiltà ambjentali. Għall-bijodiversità, issa qed nimmiraw għal impatt pożittiv fil-proġetti tagħna. Billi nreġġgħu lura t-telf tal-bijodiversità fi proġetti ffinanzjati mill-Bank, nittamaw li nikkontribwixxu għall-prevenzjoni tal-firxa tal-patoġeni bħall-COVID-19 fil-futur. U sabiex niżguraw li nistgħu ninżammu responsabbli għal din l-ambizzjoni, żviluppajna sistema biex insegwu l-investimenti ambjentali kollha fl-attivitajiet ta' finanzjament tal-Bank, li se tinforma u tiggwida l-iżvilupp ta' sistema ta' segwitu tal-finanzjament ambjentali taħt il-Pjattaforma tal-UE dwar il-Finanzjament Sostenibbli fl-2021 u għaldaqstant tikkontribwixxi għad-definizzjoni ta' investimenti ekoloġiċi mal-Unjoni Ewropea kollha.

**Adina Relicovschi,** Kap tal-Politika Ambjentali, Direttorat tal-Proġetti

Barra l-Ewropa, fit-tranżizzjoni tal-enerġija naraw momentum għal attivitajiet ġodda ta' kombinament ma' msieħba importanti, bħall-Kummissjoni Ewropea, il-komunità tal-finanzjament għall-iżvilupp u l-finanzjament privat, biex in-nies ikollhom enerġija u sħana nodfa. Il-perkors għall-implimentazzjoni se jkun diffiċli u se jeħtieġ impenn sod u kooperazzjoni mal-Bank kollu.

**Dirk Roos,** Kap tal-Programmi għat-Tranżizzjoni tal-Enerġija, Direttorat tal-Proġetti

Nara ħafna aktar enfasi fuq it-teknoloġija diġitali u d-diġitalizzazzjoni – din l-idea kompleta li n-negozji ż-żgħar jingħataw l-għajnuna teknika u innovattiva li jeħtieġu, speċjalment permezz ta' ċentri tal-innovazzjoni diġitali. Neħtieġu nagħtu aktar għajnuna lill-intraprendituri u lin-negozji ż-żgħar biex ikabbru l-ideat tagħhom, jespandu u jippreżentaw prodotti ġodda fis-suq. Nara ħafna bidla fl-industriji, fl-imballaġġ b'bażi bijoloġika, fi prodotti bijodegradabbli, fi ħwejjeġ riċiklati, fl-ekonomija ċirkolari. Ħafna minn din il-bidla se tkun immexxija mill-konsumatur, u b'hekk il-prodotti jsiru aktar sostenibbli u jinħoloq inqas skart. Nara wkoll aktar fokus fuq l-idroġenu bħala parti importanti tas-sistema tal-enerġija l-ġdida tagħna u biex niddekarbonizzaw l-industriji peżanti tagħna. Il-pandemija għenitna napprezzaw kif l-innovazzjoni u soluzzjonijiet diġitali permezz tal-blockchain, big data, it-teknoloġiji spazjali u anke kwantistiċi se jkunu vitali biex jiġu mmaniġġjati l-kriżijiet tas-saħħa u tal-klima għal-negozji u s-soċjetà inġenerali. Dan joffri opportunità storika lill-BEI biex jgħin jimmobilizza l-investiment f'dawn l-oqsma kritiċi.

**Shiva Dustdar,** Kap tal-Pariri Finanzjarji fl-Innovazzjoni, Direttorat tal-Attivitajiet

Hekk kif ħatfitna l-kriżi tal-COVID-19, is-Servizzi ta' Konsulenza tal-BEI malajr immobilizzaw l-appoġġ biex jgħinu lill-klijenti jinnavigaw u jadattaw għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali. Dan l-appoġġ estenda minn pariri dwar kif jagħmlu l-aħjar użu mir-riżorsi tal-UE li kienu disponibbli biex jindirizzaw l-impatt tal-kriżi, u kif jikkombinawhom, għal għajnuna biex tiġi mmaniġġjata l-prijoritizzazzjoni mill-ġdid tal-investiment, jew anke kif jikkontribwixxu għall-katina ta' kandidati tal-vaċċini. Meta nħarsu 'l quddiem, l-appoġġ tas-servizzi ta' konsulenza se jkun strumentali biex jiġu aċċelerati l-investimenti orjentati lejn il-ġejjieni u mmirati lejn it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, it-tnejn fi ħdan l-Unjoni Ewropea u lil hinn minnha. Filwaqt li huwa essenzjali li niżguraw il-kwalità tal-proġetti ta' investiment, naraw ukoll rwol akbar għas-Servizzi ta' Konsulenza tal-BEI biex nifhmu t-tendenzi strateġiċi u l-punti trasversali ta' bejniethom, nidentifikaw distakki u opportunitajiet emerġenti, u niżviluppaw soluzzjonijiet konkreti għall-isfidi li ġejjin.

**Simon Barnes,** Direttur, Servizzi ta' Konsulenza, Direttorat tal-Attivitajiet

Il-BEI pprovda assistenza immedjata lill-klijenti tiegħu fl-Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk billi aċċelera l-iżborżi u billi għamel li €1 biljun iddedikati għall-faċilità tal-COVID-19 jkunu disponibbli fir-reġjun kollu. Filwaqt li r-reġjun seta' jimmaniġġja pjuttost tajjeb l-ewwel mewġa tal-COVID-19, kien milqut ħażin ħafna mit-tieni mewġa fil-ħarifa tal-2020 u nistennew li nkomplu bl-attività ta' tislif relatat tagħna anke fl-2021.

**Anita Fuerstenberg,** Direttriċi, l-Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk, Direttorat tal-Attivitajiet

**BIEX TAQRA AKTAR DWAR IL-FINANZJAMENT TAL-GRUPP TAL-BEI GĦALL-KRIŻI TAL-COVID-19:**

www.eib.org/covid-19

# SOLUZZJONIJIET GĦALL-KRIŻIJIET

RAPPORT TAL-ATTIVITÀ **2020**



Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment

**Il-Grupp tal-BEI** huma magħmul mill-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Fond Ewropew tal-Investiment.

print: ISBN 978-92-861-4888-0
pdf: ISBN 978-92-861-4870-5

MT 03/2021